# IL-HAJJA f'Għawdex

Lm 0.86c / € 2

Awissu - Settembru 2007 * LEHEN L-GHAWDXIN GHAL 62 SENA * Nru. 890




# GHAWDEX DESTINAZZJONI TURISTIKA



# SAINT JOSEPH CAR RENTALS

St. Joseph Street, Qala GSM 103, Gozo, Malta.
Tel: 2155 1631, 9942 6821, 9949 6821 Fax: 2156 2986
e-mail: saintjoseph@mol.net.mt
website: www.mol.net.mt/saintjoseph



# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 890***
***Awissu - Settembru 2007***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 / Lm4.30**
**Sostenitur: €15 / Lm 6.44**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'qalu l-Isqfijiet • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Kummentarju (2) • 15
Il-Kliem fin-Numri • 17
Forum: Il-Mara Għawdxija (2) • 20
Ħatra ta' Dun Alfred Xuereb • 24
Għawdex 300 sena ilu (156) • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
***INSERT BIBLIKU***
Il-Misteru tal-Knisja (6) • 28
Snajja Antiki (2) • 30
Apprezzament (1) • 32
Apprezzament (2) • 33
Letteratura Għawdxija • 34
Kotba minn Għawdex • 35
Għawdxin li għadna niftakru (45) • 36
Passiġġata Biblika (28) • 38
Inizjattivi Ġodda • 40
Il-Pitkal (1) • 41
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: L-Għarb • 42
Xhieda Nisranija • 44
Mill-Knisja fid-Dinja • 45
Novella: It-Telefonata • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (3): Marsalforn • 50


**Ritratti:** *Hajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Joseph Vella, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Hajr lil Joseph P. Zammit.*




# Fix-Xamma tal-Qerq

*Bħal qarnita fil-baħar, il-korruzzjoni tieħu ħafna forom; u meta tindara qisha kamaleont, tkun hemm u ma tidhirx. Imbagħad minn żmien għall-ieħor jinqala' każ li jġegħilna naħsbu - u forsi naħsbu ħażin ukoll.*

*Iżda l-fatti huma fatti. In-nuqqas ta' impenn fix-xogħol u l-iskartar huwa sintomu mifrux - u jġib qtugħ il-qalb meta wieħed jiftakar li ġà kien fostna fi żmien il-bini ta' Forti Xambrè meta l-Granmastru ma setax isib mod kif lill-ħaddiema Għawdxin iżommhom milli jaħdmu meta jridu u kif iridu. Ftit tas-snin ilu ħadna d-dehxa bit-tixħim fil-Qrati, u issa dan l-aħħar fl-għoti tal-liċenzji tas-sewqan. Huma eżempji minn strati u kategoriji diversi tas-soċjetà li jikkorrompu l-kultura ta' servizz li suppost nagħtu lil xulxin f'dan il-pajjiż tagħna.*

*F'definizzjoni pessimista, il-politika hi deskritta bħala "l-arti li toħloq il-kundizzjonijiet li fihom il-vizzji tal-bnedmin jikkontribwixxu għall-ġid ta' l-Istat" (Raymond Aron). Aħna mdorrijin u għandna għal qalbna definizzjoni oħra: "Il-politika hija servizz, hija qadi." Hekk ukoll hija l-amministrazzjoni pubblika bil-fergħa eżekuttiva tas-servizz ċivili. Imma dan il-qadi jeħtieġ jitwettaq mingħajr ma jċedi quddiem il-vizzji tal-bnedmin. L-ispinta tal-mewġa għall-qerq tista' tkun 'top-down' imma hi ħafna drabi 'bottom-up'. Għaliex huma ħafna u varji l-għemejjel u l-pretensjonijiet għall-korruzzjoni li jinxtammu madwarna: mit-tbabis fil-'meter' tad-dawl għall-ispieri bla permess, miċ-ċertifikati tal-mard finta għall-pensjoni qabel iż-żmien "għax għadda bord", mill-iskartar tat-taxxa għall-okkupazzjoni bla permess ta' art pubblika, mill-prezzijiet bla kontroll għal dikjarazzjonijiet foloz...Is-servizz li f'pajjiżna qegħdin nagħtu lil xulxin intrikeb wisq mill-egoiżmu.*

*F'dan ix-xenarju, sabiex is-servizz jintrifed fin-nobbiltà, il-qadi ta' l-awtorità m'għandux ikun wieħed bla limiti. Jeħtieġ li jkun qadi skond etika miżmuma bi skruplu għaliex aktar ma xi ħadd ikun fil-għoli fl-awtorità u fir-responsabbiltà aktar hi wieqfa is-'slippery slope' li għandu quddiemu. Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn mingħajr l-iskruplu ta' l-etika, imma f'isem il-qadi, l-awtorità ssibha komda tagħlaq għajn waħda, tibdel il-mertu u l-mistħoqq ma' kultura ta' rakkomandazzjoni u klijentiliżmu, tqabbeż il-kju meta tqabbżilha xi ħaġa extra "u tberikhielu" tismagħhom igħidu, twassal lin-nies f'xifer l-irdum għax fi bluhathom hemm jixtiequ jmorru, tissagrifika l-valuri biex jinqdew il-forzi tal-flejjes... Kulmin għandu awtorità qiegħed f'pożizzjoni li jeduka u jiddirieġi. Mingħajr ir-rażna ta' l-etika insibu rwieħna fil-prostituzzjoni tal-qadi.*

*Il-ġid komuni jeżiġi minna lkoll xhieda ta' qadi ġenwin lejn xulxin. L-eżempju tal-partiti politiċi jgħodd ħafna quddiem iċ-ċittadini. Fl-era tal-media, iċ-ċittadin m'għandux ikun stmat ta' mazzun u mbella' n-nofs veritajiet. Dan ukoll hu qerq. M'għandhomx xi politiċi jistennew li ċ-ċittadin jħarreġ lilu nnifsu f'xi Sherlock Holmes biex ifittex u jsib min qiegħed fi kliemu joqrob l-iktar lejn is-sewwa. Huwa importanti li l-partiti politiċi jittrattaw lil xulxin b'rispett, mingħajr l-estremiżmi tal-"aħna" u "huma", fejn "huma" jibqgħu dawk li ma jistgħux jagħmlu waħda tajba qishom imċappsin b'xi dnub oriġinali li qatt ma jikseb fidwa, u "aħna" nibqgħu d-depożitarji assoluti tar-riżq u l-barka (ġodda jew li ndraw) ta' Malta u Għawdex. L-attitudnijiet xierqa tan-nies fil-partiti politiċi jistgħu jkunu ta' servizz biex tittaffa xi ftit ix-xamma ta' qerq li hawn fil-pajjiż.*

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



*Mis-Seminarista Richard Farrugia*

*20 ta' Ġunju 2007*

Mons. Isqof Mario Grech iċċelebra quddiesa fl-Okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb Victoria. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna d-donaturi kollha Għawdxin. Kien hemm ukoll preżenti uffiċjali mill-Għaqda Donaturi tad-Demm ta' Malta fosthom il-President u s-segretarju s-Sur Philip Chirchop u s-Sur Alfred Balzan rispettivament.

Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof irrakkomanda ħafna d-donazzjoni tad-demm u saħaq li dan huwa ġest purament ta' sostenn għall-ħajja. Minbarra li wera apprezzament għad-donazzjonijiet li saru matul is-sena 2006 li kienu jlaħħqu mal-2000, huwa stieden donaturi ġodda biex ma joqgħodux lura u jsiru huma ukoll donaturi regolari. Iktar qabel, Mons. Isqof għamel żjara qasira liċ-Ċentru tat-Trasfuzzjoni tad-Demm fil-Kumpless tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex.



*30 ta' Ġunju 2007*

Monsinjur Isqof mexxa t-tieni ordinazzjoni saċerdotali tiegħu meta ordna lid-djakni Michael Curmi mix-Xagħra u Joshua Muscat minn Nadur bħala presbiteri fil-Kattidral t'Għawdex. Dawn iż-żewġ saċerdoti ġodda diġà ġew assenjati għas-snin li ġejjin għall-programm ta' approfondiment fl-istudju tagħhom kif ukoll f'ħidma pastorali f'Ruma u f'Torino ġewwa l-Italja.

*6 ta' Lulju 2007*

Mons. Isqof inawgura Maratona ta' ġbir organizzata minn "Kenn u Tama", organizzazzjoni volontarja mmexxija minn Dun Mikiel Xuereb fil-Pjazza ta' Għajnsielem. Din l-organizzazzjoni tieħu ħsieb li tgħin lil dawk il-pazjenti Għawdxin li jkollhom bżonn li jitilgħu għall-kura barra minn Malta. Fid-diskors tiegħu Mons. Isqof faħħar din l-inizjattiva li qed turi din l għaqda filantropika.

*17 ta' Lulju 2007*

Mons. Isqof ippresieda quddiesa sollenni fl-għeluq il- mitt sena mill-mewt tal-filantropa Carolina Cauchi li hija ukoll il-fundatriċi tas-Sorijiet Dumnikani ta' Malta. Din iċ-ċelebrazzjoni saret fil-knisja tal-*Casa Madre* ddedikata lil Madonna ta' Pompei ġewwa Victoria. Il-kongregazzjoni kienet mmexxija mill-Madre Ġenerali Sister Carmelina Borġ. Preżenti għal din il-funzjoni kien hemm ukoll ir-Rettur tal-knisja ta' Pompei Mons. Ġużeppi Cauchi u diversi sorijiet tal-kongregazzjoni. Fi tmiem taċ-ċelebrazzjoni Mons. Isqof kixef u bierek bust ta' Carolina Cauchi

*30 ta' Lulju*

L-Isqfijiet Mario Grech u Nikol Cauchi mexxew konċelebrazzjoni fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb taċ-Ċawla b'suffraġju ta' Dun Mikiel Attard f'għeluq it-tielet sena mill-mewt tiegħu. Il-ħsieb f'din il-quddiesa sar mill-Isqof Cauchi li tkellem dwar it-tifkiriet tiegħu dwar Dun Mikiel. Wara l-quddiesa, is-saċerdoti kienu mistiedna għal ikla fid-dar tas-saċerdoti fl-istess lokal. Din l-ikla saret ad unur Mons. Alfred Xuereb li dan l-aħħar ġie maħtur mill-Papa Benedettu bħala t-tieni segretarju tiegħu. L-Isqof Mons. Mario Grech feraħ lil Mons. Xuereb għal din il-ħatra u fit-tmiem l-ikla ppreżentalu tifkira f'isem is-saċerdoti kollha preżenti.



*8 ta' Awissu*

Mons. Isqof Mario Grech ippresieda l-Manifestazzjoni Marjana li saret f'Marsalfron Għawdex. Din il-manifestazzjoni hija marbuta mal-Kampanja għall-Ambjent Moralment Nadif. Qabel il-quddiesa sar kant minn diversi żgħażagħ li ħadu sehem fis-Festival Marjan ta' din is-sena *(Ara wkoll paġna 14)*.

*14 ta' Awissu*

Għall-ħdax-il sena konsekuttiva, fil-Pjazza tas-Santwarju tal Madonna ta' Pinu nhar it Tlieta 14 t'Awissu saret il-Velja ta' l-Assunta, biex bħala poplu Kristjan iħejji ruħu bix-xieraq biex jiċċelebra din il-festa "tat-tama Kristjana", kif hija msejħa l-festa ta' l-Assunta.

Mijiet kbar ta' Għawdxin u Maltin ħonqu din il-pjazza ta' quddiem is-Santwarju Ta' Pinu, fejn ħadu sehem fil-kant ta' din is-Sahra, li tmexxa miċ-Ċelebrant, id-Direttur ta' Radju Maria, Fr Charles Fenech. Il-Grupp ta' l-adoloxxenti ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa tax-



Xagħra żifnu l-Ballata lil Marija, korjografija ppreparata minn Ilane Bartolo.

Il-Velja bdiet b'purċissjoni minn abbatini biċ-ċensier u żewġ torċi flimkien ma' ħames persuni adoloxxenti bit-torċi mitfija flimkien maċ-Ċelebrant, Fr Charles Fenech. Waqt il-kant, is-Saċerdot, mill-blandun, xegħel it-torċi u dawn marru jixgħelu l-ħames fjakkli ta' quddiem il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu u x-xemgħa tal-poplu. Il-ħames fjammi tpoġġew quddiem il-Kwadru tal-Madonna, għaliex il-Verġni Marija, hija l-Verġni li dejjem tishar. Il-Verġni li dejjem żammet mixgħula l-Fidi tagħha anke fil-mumenti iebsa tal-ħajja. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Quddiesa Konċelebrata, flimkien ma' għadd kbir ta' Saċerdoti, miż-żewġ Gżejjer. L-ewwel qari tal-quddiesa, inqara minn Vicky Xerri, membru tal-Komunità Ewkaristika Nazzarenu, waqt li s-Salm Responsorjali tkanta minn Ann Marie Bartolo. John Borg, qara t-tieni lezzjoni.

Fl-omelija ta' l-okkażjoni, Mons. Isqof ma naqasx li jagħmel riferenza għall-Pastorali li ħarġu l-Isqfijiet Maltin, f'din l-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Mons. Isqof għamel diversi riflessjonijiet, fosthom fuq il-familja, il-ħajja u dwar l-art li tinħadem u li minnha wieħed jaqla' l-għixien. Heġġeġ lil dawk preżenti għat-talb u biex ikunu ħbieb ta' l-evanġelju u sabiex jitwaqqfu gruppi ħalli jistudjaw u jirriflettu l-kelma. Huwa lissen ukoll kelma ta' apprezzament lejn dawk kollha preżenti.

Wara t-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, Mons. Isqof Grech mar qalb il-folla jroxx l-ilma imbierek, fost il-kant ta' l-Alleluja. Wara li spiċċat il-velja, fis-Santwarju sar lejl ta' Adorazzjoni Ewkaristika mmexxi minn Mons. Rosario Ġużeppi Borg, Direttur tal-Moviment Ewkaristiku Għawdxi.



# RETTUR ĠDID GĦAS-SEMINARJU TA' GĦAWDEX



Is-Sibt 25 ta' Awissu 2007, Mons. Isqof Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, għogbu jaħtar lil Dun Daniel Xerri, Kappillan ta' San Lawrenz, bħala Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù fid-djoċesi ta' Għawdex. Dun Daniel qed jieħu post Dun Anton Teuma li qeda dan il-ministeru għal dawn l-aħħar għaxar snin.

Dun Daniel twieled fil-21 ta' Awissu 1969. Huwa ħa l-ewwel formazzjoni skolastika tiegħu fl-iskola primarja tax-Xagħra u aktar tard fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex. Fl-1978 huwa ġie aċċettat biex jibda l-formazzjoni tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù u fl-24 ta' Ġunju 1994 ġie ordnat saċerdot minn Mons Isqof Nikol Cauchi. Wara l-ordinazzjoni huwa ġie mibgħut Ruma biex ikompli l-isudji tiegħu fl-Universita' Pontifiċja *Angelicum* minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija. Sadanittant huwa ġie mitlub jagħti wkoll servizz pastorali fil-parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antijokja f'Ruma. Fis-sena 2000 huwa kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija mill-*Ateneo Pontificio Regina Apostolorum* u ġie msejjaħ biex jgħallem it-Teoloġija Dogmatika fl-istess *Ateneo*. Fl-istess sena huwa ġie maħtur ukoll Kappillan tal-parroċċa ta' *Santa Maria della Pace* fid-djoċesi ta' Sabina-Poggio Mirteto u sentejn wara l-Isqof afdalu wkoll il-parroċċa ta' *Santa Maria Assunta* f'Corese Terra. Fl-2004 huwa ġie msejjaħ lura fid-djoċesi ta' Għawdex mill-Isqof Nikol G. Cauchi li fdalu f'idejh il-parroċċa ta' San Lawrenz. Is-sena li għaddiet Mons Isqof Mario Grech sejjaħlu biex ikun membru fil-*Board* tas-Seminarju Maġġuri u fl-istess ħin Direttur tal-Pre-Seminarju. Huwa ħatru wkoll membru fil-Kummissjoni Kleru u fil-Kunsill Presbiterali.

# X'Qalulna l-Isqfijiet Tagħna fl-Okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema



***Il-Veru Futur tal-Bniedem***

Mistoqsija li jagħmel il-bniedem ta' kull żmien hija dwar x'futur hemm għalih. Hija mistoqsija li jagħmlu l-ġenituri...l-istudenti...iż-żgħażagħ li qegħdin ifittxu x-xogħol... l-għarajjes...il-pensjonanti...il-morda...dawk li kellhom falliment fiż-żwieġ u jixtiequ jibdew paġna ġdida. Dan hu kollu tħassib li jinkwetana. Imma lil hinn mill-inkwiet materjali, il-bniedem jagħmel ukoll mistoqsijiet dwar l-għan veru ta' ħajtu u dwar l-esperjenza tal-mewt u x'jista' jkun hemm wara l-mewt!

Fl-istess ħin, qed ngħixu f'kultura li tipprova tnessina li hemm ħajja wara l-mewt. Uħud donnhom jimpurtahom biss mill-preżent mingħajr il-ħsieb ta' l-għada; oħrajn aktar jinteressahom mill-ħajja kif inhi hawn milli mill-ħajja ta' dejjem. Ma niskantaw xejn jekk fost il-mard serju tas-soċjetà tagħna, llum teżisti skarsezza ta' dawk iċ-ċertezzi ta' l-etika li normalment iservu ta' gwida żgura... Ma tissorprendix li għandna l-mentalità li ma nħossuniex marbutin li nagħtu kont ta' għemilna lil ħadd! Għax jekk ngħixu ħajjitna daqs li kieku Alla ma jeżistix, qiesu noqtlu lil Alla, kollox isir leċitu. Mhux Alla l-għajn tal-verità u tat-tajjeb?

***It-tifsira vera ta' ħajjitna***

Quddiem din ir-realtà, il-festa ta' l-Assunta toffrilna ħafna dawl dwar it-tifsira vera ta' ħajjitna u dwar il-veru futur tal-bniedem. Għaliex meta Marija ġiet imtellgħa fis-Sema hija ħadet sehem mir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u qed tgħix għal dejjem. Hekk għandna eżempju tal-qawwa tal-Qawmien ta' Kristu, li hu fatt li seħħ fl-istorja u l-Appostli huma xhieda tiegħu (Atti 2.22-32)... Miegħu, huwa daħħal lill-familja kollha tal-bnedmin: "kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6.4).

Marija hija l-ewwel xhud tal-Qawmien ta' Binha u l-ewwel fost il-bnedmin li daħlet wara Kristu fil-glorja tas-Sema. Għalhekk, il-Konċilju Vatikan II jistedinna nħarsu hekk lejn Marija: "Bħalma Omm Ġesù fis-Sema, fejn hi diġà fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem, hija l-bidu u x-xbieha tal-Knisja, kif għad tkun ipperfezzjonata fiż-żmien li ġej, hekk ukoll hija fuq din l-art, sakemm jasal jum il-Mulej, bħala sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu lejn is-Sema" (Lumen Gentium, 68).

"Din it-tama ma tqarraqx bina għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5.5). Il-pedament ta' din it-tama nisranija hija l-imħabba bla tarf li dehret fil-misteru tal-Għid ta' Ġesù Kristu... Għalhekk, aħna l-Isqfijiet inħeġġukom biex tkunu tafu aktar lil Kristu Rxoxt, li hu s-sustanza tal-messaġġ evanġeliku, għax bil qawmien tiegħu qed jipproponilna l-ħajja eterna fil-glorja tal-ġenna.

Fid-dawl ta' dan kollu, inħossu li huwa urġenti u kruċjali li l-komunità ekkleżjali f'pajjiżna terġa' tiskopri u tipproponi lis-soċjetà dgħajfa tal-lum, id-dimensjoni l-oħra tal-ħajja f'din id-dinja li sikwit qed ninsew: il-ħajja ta' dejjem. Jekk fl-imgħoddi reċenti kien hemm min ħaseb li t-tagħlim dwar il-"ħwejjeġ ta' l-aħħar" ma kienx iktar attwali u ma kienx jagħmel sens, illum il-ġurnata din il-verità tal-fidi tagħna kif nistqarruha fil-Kredu hija waħda mis-sinjali taż-żminijiet għaliex toffri sfida u tweġiba fl-istess ħin lill-bniedem u lis-soċjetà li huma mifxulin dwar il-ġejjieni. Għaliex jekk il-futur huwa proġett li jippjana l-bniedem, il-ħajja ta' dejjem hija l-futur kif rivelat minn Alla. U Alla jirrivelalna l-verità dwar il-bniedem sħiħ. San Ġorġ Preca kien ta' spiss jitkellem fuq in-Novissimi. U ta' spiss illum nisimgħu anke l-akkuża li aħna s-saċerdoti fil-predikazzjoni tagħna, ftit li xejn nitkellmu fuq dan.

***Għan għal ħajjitna***

Dan il-futur muri lilna minn Alla ma għandux x'jaqsam biss ma' dak li qed nistennew wara l-mewt, meta niltaqgħu ma' Alla wiċċ imb' wiċċ, imma joffrilna għan għal ħajjitna li jissarraf fil-ħajja tagħna tal-lum. Infatti, it-tama nisranija mhix aljenazzjoni jew ħarba mill-impenn tal-ħajja ta' kuljum. Jekk nifhmu hekk, inkunu qed inħaddnu ereżija...

Jekk mil-lum ma nkunux mexjin lejn l-eternità, aħna pagani ġodda! Għax min ma jemminx fil-ħajja ta' dejjem, ma jkollux fih ix-xewqa li jingħaqad ma' Alla biex igawdi l-wiċċ sabiħ tiegħu: ma jkollux qawwa u dawl biżżejjed biex jissielet kontra d-dnub u l-ħażen...

Infatti, kieku wieħed ikun jaf li għandu jidher quddiem Alla, kieku se jigdeb, jisraq, joqtol?...

***Preżenza li toffri ħajja ġdida***

Hija x-xewqa tagħna l-Isqfijiet li l-festa ta' l-Għid ta' l-Assunta tqanqal lilna bħala Knisja f'Malta u Għawdex biex il-kliem tal-Kredu fejn jingħad li "nistennew il-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej", mhux biss ngħiduh bix-xufftejn imma ngħixuh; biex inkunu tassew sagrament tal-Qawmien u għalhekk preżenza f'pajjiżna li toffri ħajja ġdida.

Għalhekk, nagħmlu sejħa lill-poplu ta' Alla biex filwaqt li jkompli jirrifletti aktar fil fond dwar l Għid ta' Kristu, jinbena f'komunitajiet ta' insara li, fi kliem Sant' Injazju ta' Antijokja jiddistingwu ruħhom bħala "dawk li kisbu tama ġdida" u jgħixu bħala wlied il-Jum tal-Ħadd (dies dominicam viventes) peress li fil-jum tal-Ħadd il-Knisja tfakkar l-Għid tal-Mulej.

Nixtiequ li jkollna komunitajiet, partikolarment dawk parrokkjali, li jgħożżu aktar l-Ewkaristija tal-Ħadd. Nixtiequ wkoll li jsir sforz ġenwin u kollettiv biex il-liturġija tkun tassew ċelebrazzjoni li tiftiehem u tħalli frott. Hekk, bħala nsara nieħdu l-aktar ġid minn dan is-sagrifiċċju ewkaristiku li bih is-sagrifiċċju tas-Salib jibqa' jiġġedded sal-*miġja tiegħu* (Sacrosanctum Concilium, 47).

Ħafna minna qatt ma ċaħdu l-verità tal-Qawmien u l-Ħajja ta' Dejjem, imma għażlu li jwarrbuha u ma jaħsbux fiha; imma mbagħad, meta nkunu quddiem il mewt tagħna jew ta' xi ħadd għażiż għalina, nibdew naħsbu u nitkellmu dwar il-ġenna. Għaliex ma tibdiex tirrifletti u titkellem *illum* fuq dak li taf li se taħseb fuqu f'dawk iċ-ċirkostanzi? Hekk it-tlugħ fis-Sema ta' Marija, li tant niċċelebrawh bi mħabba fil-ġżejjer tagħna, jibda jfisser ukoll bidla f'ħajjitna u fil-ħajja tal-Knisja.

***(siltiet mill-Ittra Pastorali ta' l-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta u ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema - 2007)***

Kummentarju (1)



# Id-deċenza
## Skola ta' dak li hu sabiħ

minn Mons. Carmelo Refalo

**L-imħabba lejn dak li hu sabiħ ġejja mill-fatt tal-ħolqien fejn "*Alla ra li kollox kien sewwa ħafna*". Bir-raġun li s-Salmista jiftaħar u jgħid: "*għax Int ta' l-għaġeb għamiltni*" u fis-Salm 8 "*X'inhu l-bniedem biex tifakar fih, ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu*".**

Il-bniedem, meravilja tal-Ħallieq, qed jiġi nfluwenzat minn "kultura tal-mewt" li tagħti messaġġi kontinwi li jbaxxulu d-dinjità. Il-kilba għall-flus kabbret is-suq tal-pornografija, tal-pedofilija, tal-prostituzzjoni u tal-moda li ħafna drabi qed tqis lill-persuna bħala oġġett u tagħmel fuq l-individwu manipulazzjoni bil-mezzi kollha possibbli. Dan qed iwassal biex l-imġiba u l-mod ta' kif nilbsu jgħaddi għal wieħed provokattiv u skandaluż tant, li mhux darba jew tnejn nisimgħu bi vjolenzi u abbużi fil-familji, fid-djar, fuq il-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment, riżultat minħabba dan it-tip ta' provokazzjoni. Kull ma jmur l-affarijiet jidhru li sejrin mill-ħażin għall-agħar. L-affarijiet ikomplu jikkomplikaw ruħhom għax min suppost



jeduka u jibni soċjetà b'kultura ta' valuri jkun minn ta' l-ewwel li jittollera, jippermetti jew iwassal huwa stess messaġġi negattivi li jibnu soċjetà u kultura permissiva.

*X'nistgħu nagħmlu?*

- Is-soċjetà taf li l-valuri huma s-sinsla tad-dahar taċ-ċiviltà, u għalhekk l-istituzzjonijiet ċivili: il-**parlament**, il-**pulizija**, l-**edukaturi** għandhom jonoraw liġijiet li jipproteġu l-moralità pubblika u jaraw li dawn il-liġijiet jiġu mħarsa biex tinżamm l-ordni pubblika u jiġu protetti dawk l-aktar dgħajfa fosthom it-tfal u nies bi bżonnijiet speċjali.
- Minn naħa l-oħra l-**ġenituri** għandhom rwol importanti biex jedukaw għad-deċenza u l-onestà fl-għemil, fil-kliem u fl-ilbies għax il-familja hija l-aqwa skola ta' valuri. Ma jinsew qatt il-ġenituri li l-kelma tqanqal u l-eżempju jkaxkar.
- B'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li l-**Knisja** ma waqfitx issemma' leħinha biex tinżamm il-moralità pubblika. Fil-ġurnali, fil-mezzi ta' komunikazzjoni tagħha, kif ukoll waqt il-predikazzjoni, mhux darba jew tnejn il-Knisja teduka għal deċenza fl-ilbies mhux biss fid-dar ta' Alla, imma fl-ambjenti fejn ngħixu. U dan għandha tkompli tagħmlu b'insistenza għax aħna nemmnu fis-sbuħija u l-kobor tad-dinjità tal-persuna.


**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Radju Marija b'sehem attiv fiċ-Ċelebrazzjonijiet f'Ta' Pinu*



*Waqt ir-reċità tar-Rużarju Mqaddes, f'misraħ is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. Jidhru Fr Charles Fenech OP (xellug) u Mons. Isqof Mario Grech.*

Fl-okkażjoni tat-72 anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-kwadru mirakoluż tal-Madonna ta' Pinu, nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju, it-8 Erbgħa ta' l-Assunta, voluntiera ta' Radju Marija ħadu sehem b'mod attiv kemm fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tat-8.00 ta' filgħaxija, li tmexxiet mid-Direttur ta' l-istess stazzjon Fr Charles Fenech OP, kif ukoll fir-rużarju meditat li sar mill-Misraħ tas-Santwarju, eżatt wara li ntemmet il-quddiesa u li tmexxa mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech, assistit mid-Direttur ta' Radju Marija kif ukoll voluntiera ta' l-istess stazzjon li qraw il-meditazzjonijiet miġbura mill-ex Segretarju Ġenerali tal-MUSEUM John Formosa mill-kitbiet ta' San Ġorġ Preca. Wara r-rużarju meditat, l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof t'Għawdex mexxa Adorazzjoni Ewkaristika qasira li b'hekk ġabet fi tmiemha l-attività. Kemm il-quddiesa li saret mis-Santwarju kif ukoll ir-rużarju meditat ixxandru fuq Radju Marija.



*Dehra tal-pubbliku numeruż li attenda għaċ-ċelebrazzjoni tat-72 anniversarju ta' l-inkurunazzjoni tal-Kwadru Mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu.*

## *Ġurnata memorabbli fix-Xewkija*



*Mons. Isqof Mario Grech ibierek is-salib wara l-Konċelebrazzjoni Sollenni.*

Nhar is-Sibt, 9 ta' Ġunju, ġurnata oħra memorabbli, li tniżżlet b'ittri tad-deheb fl-istorja tar-raħal tax-Xewkija. Waqt ċerimonja apposta li saret fil-Knisja Rotunda ġiet imbierka u inawgurata l-koppla l-ġdida ta' quddiem, li ġiet mibnija f'dawn l-aħħar xhur.

L-attivitajiet bdew għall-ħabta tas-5.45 filgħaxija, meta s-Salib tal-Koppla twassal minn Triq Indipendenza sal-Knisja Rotunda, akkumpanjat mill-Banda Prekursur u mill-poplu Xewki li nġabar bi ħġaru għal din l-okkażjoni.

Fil-Knisja Rotunda saret Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bis-sehem tal-Kor 'Vox Clamantis' u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel Grech.

Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni, Mons. Mario Grech bierek is-Salib ta' l-injam, maħdum minn Ġanni Zammit, kif ukoll bierek il-koppla ta' quddiem. Waqt li l Banda Prekursur bdiet iddoqq innu reliġjuż, is salib beda jittella'



*Is-salib jittella' biex jitqiegħed fuq il-lanterna tal-koppla ta' quddiem tal-knisja*



*Is-Salib jitqiegħed f'postu fuq il-qċċata tal-koppla l-ġdida.*

bil-mod il-mod min-naħa ta' ġewwa tal-Knisja Rotunda mill-istess grupp ta' żgħażagħ li refgħu s-salib minn Triq Indipendenza sal-Pjazza.

Wara l-Banda Prekursur u l-poplu Xewki nġabru fil-pjazza jistennew il-mument li s-Salib jitqiegħed f'postu fuq il-quċċata tal-lanterna tal-koppla l-ġdida. Is-salib tqiegħed f'postu, fost iċ-ċapċip tal-folla miġbura fil-pjazza, waqt li l-Banda Prekursur daqqet l-Innu Marċ. Wara, is-Sindku Dr. Monica Vella inawgurat il-mixgħela taż-żewġ koppli tal-Knisja Rotunda, fil-preżenza ta' l-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Carmelo Mercieca.



*Ir-Rotunda tax-Xewkija biż-żewġ koppli mixgħulin*

## *Għotja ta' Lm5,000 għal Dar tal-Klawsura f'Għawdex*



Fl-okkażjoni tas-Sollennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju, fil-Parroċċa tal-Fontana, liema parroċċa hi ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, il-Kappillan ta' l-imsemmija Parroċċa, Fr George Bezzina, għamel għotja ta' Lm5,000 lill-Mons. Isqof Mario Grech. Il-flus li ser imorru għall-ewwel Dar tal-Kontemplazzjoni li mistennija tinfetaħ f'Għawdex, inġabru mill-Kappillan Bezzina waqt il-programm tiegħu "Nisimgħek", li jixxandar kull nhar ta' Ħadd filgħaxija fuq ir-Radio RTK. Il-ħsieb tal-Knisja f'Għawdex, hu li jinġiebu Għawdex Sorijiet ta' Ordni tal-Klawsura, sabiex fid-Djoċesi Għawdxija jkun hawn il-preżenza tad-Dimensjoni Kontemplattiva tal-Knisja.

*Mons. Isqof Mario Grech jidher jagħmel kelmtejn ta' ringrazzjament hekk kif irċieva l-flus mingħand il-Kappillan Bezzina, li fir-ritratt jidher l-ewwel minn fuq ix-xellug.*

## *Żjara Uffiċjali tal-President ta' Malta f'Kerċem*



*Is-Sinjura Angela Cardona, turi x-xogħol tagħha ta' bizzilla u rakkmu lill-President.*

Il-Kunsill Lokali Kerċem stieden lill-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami sabiex jagħmel żjara uffiċjali fir-raħal ta' Kerċem. Din iż-żjara saret fuq jumejn, jiġifieri nhar l-Erbgħa 20 u l-Ħadd 24 ta' Ġunju. Diversi kienu l-attivitajiet marbuta ma' din iż-żjara uffiċjali, l-ewwel waħda minn Kap ta' Stat Malti fir-raħal ta' Kerċem.

Mal-wasla tiegħu f'Kerċem, il-President ta' Malta, ingħata merħba mis-Sindku Joe Grima, il-Viċi Sindku Mario Azzopardi u l-Kunsilliera.

Il-President żar l-Iskola "Peter Paul Grech" fejn ingħata merħba mill-Kap ta' l-Iskola, is-Sinjorina M'Anne Schembri u mit-tfal tal-iskola li kienu fil-kuriduri bil-bnadar ta' Malta f'idejhom. Fis-sala prinċipali saret ċerimonja qasira li kienet tinkludi messaġġ mis-Sinjura Josephine Tabone, kant mit-tfal kollha tal-iskola, messaġġ mill-Kap tal-Iskola u messaġġ ieħor mill-Kap tal-Istat Malti. Huwa wkoll ingħata tifkira tal-okkażjoni. Wara l-President iffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi.



*Il-President jifli x-xogħol ta' skultura fil-ġebla ta' Joe Spiteri u wliedu.*

Il-President żar ukoll l-iskola "St. Therese", fejn ingħata merħba mill-Kap tal-Iskola Swor Carmen Bonnici, il-Kappillan tas-Sorijiet Dun Karm Borg, l-għalliema, s-Sorijiet u l-membri tal-Kunsill Skolastiku. Hawnhekk l-istudenti tal-iskola laqgħu wkoll lill-President bit-tixjir tal-bnadar Maltin u ċ-ċapċip. Fil-bitħa tal-iskola ittella' programm varjat, b'kant, poeżija u *displays*. Sar messaġġ qasir minn tfajjel f'isem it-tfal u diskorsi oħra mill-Kap tal-Iskola u mill-E.T. il-President. Huwa ġie ppreżentat ukoll b'tifkira tal-okkażjoni, bil-ktieb li għadu kif ħareġ



*Il-President jidher jammira x-xogħlijiet artistiċi fl-istudju tal-artist żagħżugħ Għawdxi Austin Camilleri.*

miktub minn Dun Karm Borg dwar l-istorja tal-50 Sena mill-wasla tas-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex. Wara huwa żar il-Kunvent u anke ffirma wkoll il-ktieb tal-Viżitaturi. Il-President iddawwar ukoll mal-iskola u ra wkoll ix-xogħol li għaddej fuq il-Kappella tal-Kunvent.

Akkumpanjat mis-Sindku Joe Grima u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali, il-President żar ukoll Santa Luċija. Hawnhekk il-President kellu l-opportunità li jammira x-xogħlijiet artistiċi fl-istudju tal-artist żagħżugħ Għawdxi Austin Camilleri. Wara saret żjara fil-ħanut tal-mastrudaxxa Ġużeppi Borg, wieħed mill-aktar mastrudaxxi antiki tar-raħal. Il-President tkellem ma' Ġużeppi dwar ix-xogħol tiegħu fil-ħanut. Minn hemm, il-President mexa lejn il-knisja ta' Santa Luċija fejn ġie milqugħ mir-Rettur Dun Franġisk Sultana. Huwa attenda għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Wara r-residenti kellhom iċ-ċans li jiltaqgħu personalment mal-President. L-impenji fl-ewwel jum taż-żjara uffiċjali tal-President ta' Malta f'Kerċem intemmu bi djalogu mal-Għaqdiet kollha tar-raħal, fis-sala ewlenija taċ-Ċentru Parrokkjali.



*L-E.T. il-President jidher jitkellem ma' Ġużeppi Borg, wieħed mill-aktar mastrudaxxi antiki f'Santa Luċija.*

Il-Ħadd filgħodu, il-President Dr. Edward Fenech Adami għamel ukoll diversi żjarat, fosthom fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca fejn kellem lit-tfal li jattendu n-Nursery ta' Kerċem Ajax F.C.; żar lil Mons. Nikola Vella, li twieled u ta s-servizz tiegħu għal snin sħaħ, bħala Kappillan f'Kerċem u bħala Arċipriet fir-raħal ta' Sannat, u flimkien mas-Sinjura Fenech Adami attenda ukoll għall-quddiesa komunitarja fil-Knisja Parrokkjali, fejn ġew milqugħa fuq iz-zuntier mill-Kappillan Dun Injazju Borg, Vigarji Parrokkjali u s-saċerdoti tal-Parroċċa. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa sar festin għal dawk kollha preżenti, fuq iz-zuntier tal-knisja. Aktar tard il-President żar il-Każin tal-Għaqda Mużikali San Girgor fejn ingħata merħba mill-President Emmanuel Grech, is-Surmast Direttur Mro. Mark Gauci u l-membri tal-Kumitat. Huwa iltaqa' ma' dawk preżenti fil-Każin. Huwa żar ukoll id-dar tas-Sinjura Angela Cardona, fi Triq Għajn Tuta, għalliema tas-snajja tal-Ganutell, Monasteru, Bizzilla u Rakkmu, kif ukoll il-*workshop* ta' Joe Spiteri u wliedu, fi Triq il-Ġojjin, li jaħdmu l-iskultura fil-ġebel. L-E.T. żar ukoll l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Kerċem fi Pjazza Orvieto fejn iltaqa' mal-membri tal-Kunsill. Huwa għamel l-aħħar żjara ta' korteżija lil Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex fid-dar tal-familja tiegħu fi Triq l-Avukat Anton Calleja.

## *Musical fix-Xewkija dwar l-istorja tar-raħal*



*Marthese Borg fil-parti ta' "Ix-Xewkija" - persunaġġ ċentrali tal-musical, tirrakkonta dak kollu li għaddiet minnu lill-grupp ta' tfal ta' l-iskola.*

Nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 12 u 13 ta' Ġunju 2007 fi Pjazza San Ġwann Battista ttella' *musical* dwar l-istorja tax-Xewkija, bl-isem *"Ġrajjietna: Ix-Xewkija tul iż-Żmien"*.

Dan il-*musical* ġie mtella' fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju mit-twaqqif ta' Radju Prekursur, ir-Radju tal-Komunità tax-Xewkija li xandar għall-ewwel darba fit-13 ta' Ġunju 1997.

Il-*musical* oriġinali, kitba ta' Mario Borg u mużika ta' Ivan Farrugia, jittratta dwar l-istorja ta' l-ewwel raħal tal-gżira Għawdxija minn żmien il-preistorja sa żminijietna. L-awtur ġabar fi 28 silta l-ġrajjiet ewlenin li għadda minnhom Għawdex u b'mod speċjali r-raħal tax-Xewkija.

Il-*musical* offra spettaklu ta' mużika, dawl, kant, żfin u drama u kull min attenda kellu l-opportunità li jgħix l-istorja li bniet lil gżiritna u lir-raħal tax-Xewkija. Waqt il-final tat-tieni serata, l-Erbgħa 13 ta' Ġunju, saret ukoll wirja ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li għalqet dan l-ispettaklu grandjuż. Il *musical* hu produzzjoni ta' Radju Prekursur,



*Logħob tan-nar ta' l-art fil-final tal-Musical.*

b'direzzjoni ta' Maria Mercieca u Monica Farrugia u *Stage Management* ta' Teddy Mizzi u Tony Zerafa. Ir-*recordings* saru minn Franġisku Buttigieg fl-istudjo tiegħu fil-Fontana.



*Pubbliku numeruż fi Pjazza San Ġwann il-Battista sabiex jassisti għall-Musical.*

Fi tmien ta' din is-serata, Mons. Carmelo Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija, għamel diskors ta' l-okkażjoni fejn irringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex seta' ttella' dan il-*musical*, kif ukoll irringrazzja lid-direttur ta' Radju Prekursur, Frans Galea u lil dawk kollha li taw sehem biex matul dawn l-10 snin Radju Prekursur seta' jkun ta' servizz għas-semmiegħa. Wara messaġġ ta' l-okkażjoni mis-Sur Frans Galea, Mikelanġ Camilleri, f'isem il-Banda 'Prekursur' tax-Xewkija ppreżentalu tifkira fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju mit-Twaqqif ta' Radju Prekursur.

Numru kbir ta' Għawdxin u kif ukoll Maltin imlew Pjazza San Ġwann Battista matul iż-żewġ serati. Min jixtieq jakkwista DVD u *double CD* tal-*musical* jista' jikkuntatja lil Radju Prekursur fuq in-numru 2156 5093 jew 7956 5093. Tistgħu wkoll tibgħatu *email* fuq info@radjuprekursur.com.

## *Ħarġa soċjo-kulturali għall-gżejjer ta' San Pawl*



Il-Kunsill Lokali Fontana, nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju, organizza ħarġa soċjo-kulturali, f'Malta, għar-residenti tal-Fontana. Akkumpanjati mis-Sindku tal-Lokalità, Saviour Borg, il-Fontanin ittieħdu jżuru diversi postijiet ta' interess, fosthom il-gżejjer ta' San Pawl (ritratt), is-Siġġiewi fl-okkażjoni tal-festa, Għar Lapsi, Wied iż-Żurrieq, il-Belt Valletta, il-Buskett, *Dingli Cliffs* u r-Rabat.



## *Immodernizzar ta' swali fl-Isptar Ġenerali*



*Is-Sala ta' l-ikel.*

Il-proġett ta' modernizzar tas-Swali Ġenerali Nisa u Rġiel u dak tas-Sala ta' l-Ikel fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex ġew inawgurati nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.



*Waqt l-inawgurazzjoni, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, tal-proġett ta' modernizzar tas-Swali Ġenerali Nisa u Rġiel u dak tas-Sala ta' l-Ikel fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Jidhru wkoll mix-xellug għal-lemin, Joseph M. Micallef, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex, Dr Anthony Livori, Kap Mediku ta' l-Isptar u Paul Buttigieg, Maniġer fl-Isptar Ġenerali.*

Ix-xogħlijiet fis-swali kienu jinkludu t-tibdil tal-*vinyl* ta' l-art, bdil ta' l-aperturi fejn ġie installat ħġieġ riflettiv għal insulazzjoni u ffrankar ta' l-enerġija, iż-żieda ta' servizzi elettriċi b'vultaġġ baxx, flimkien ma' l-installazzjoni ta' *bed-head trunking* ġdid li issa qed jipprovdi servizzi ta' gassijiet mediċi flimkien ma' servizzi oħra direttament għal kull sodda. Il-*headboards* il-ġodda ser ikunu jistgħu jipprovdu wkoll aċċess separat għat-telefon, *television* u s-servizz ta' l-*internet* lil kull pazjent. Dawn ix-xogħlijiet isegwu xogħlijiet oħra dekorattivi li saru fl aħħar snin. Il proġett tas Sala ta' l Ikel isegwi l-introduzzjoni tas-sistema ġdida ta' distribuzzjoni ta' l-ikel madwar l-isptar kollu. Din is-sistema tejbet is-servizz offrut fl-isptar lill-pazjenti billi l-platti ta' l-ikel bdew jitwasslu għand il-pazjenti fis-swali differenti skond it-temperatura meħtieġa ta' kull plat, servuti fuq *tray* apposta. Ix-xogħlijiet fis-Sala ta' l-Ikel kienu jinvolvu t-tneħħija tas-saqaf preċedenti u l-installazzjoni ta' saqaf ġdid flimkien ma' suffitt, kif ukoll xogħol ta' tikħil u tibjid, tqegħid ta' madum, tibdil tal-faċilitajiet sanitarji u titjib tad-dehra ġenerali.

Waqt li kienet qed tindirizza l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett, il-Ministru Debono, qalet li mis-sena 2000 sal-lum il-Gvern investa madwar Lm2miljuni għal titjib kapitali fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-Ministru rreferiet ukoll għal żewġ proġetti oħra li daħal għalihom il-Ministeru għal Għawdex f'dan il-qasam biex ikompli jtejjeb is-servizz tas-saħħa liema proġetti, jinkludu l-immodernizzar komplet tat-tieni Sala ta' l-Operazzjonijiet u t-twaqqif ta' Taqsima tar-Radjoloġija li se toffri servizzi mediċi ġodda li s'issa mhumhiex offruti f'Għawdex.

## *Wirja Agrarja tal-Imnarja fin-Nadur*



*Qargħa, li kienet esebita fil-wirja, li tiżen 260 kg. ta' Ninu Muscat mir-raba li għandu f'San Blas.*



*Xogħol magħmul minn Maria T. Bovey (ta' Caruana tan-Nadur). Xogħol fin fuq kuruni tar-rużarju magħmulin miż-żerriegħa tal-ħarrub.*



*Xogħol ta' monasteru, xi ħaġa iżjed fina minn ganutell, ta' Anna Grima min-Nadur.*

Fl-okkażjoni ta' l-Imnarja, fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri, fin-Nadur, nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju, fid-9.00 ta' filgħaxija, ittellgħet serata ta' għana u żfin folkloristiku. Infetħet ukoll il-Wirja Agrarja li ta' kull sena tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali.

Il-Wirja tbierket mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Salvu Muscat, il-Ħadd, 24 ta' Ġunju, filgħodu. L-esebituri kollha ngħataw tifkira mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u mis-Sindku tal-Lokalità, l-Avukat Chris Said.



*Statwi lebsin bid-drapp. Xogħol ta' l-istatwarju Charlie u martu Jennifer Camilleri*



*Xogħol ta' Marija Falzon. Jidhru dawk li sejħitilhom 'Fat Lady', 'Charlie Chaplin' u 'Crying Girl'.*



*Frott il-bdiewa Nadurin, fil-Wirja.*



*Waqt it-tberik tal-Wirja mill-Arċipriet Salvu Muscat.*



*Żfin Folkloristiku waqt l-Imnarja fin-Nadur.*



*L-għannejja fl-Imnarja fin-Nadur.*



*Xogħlijiet ta' Keith Camilleri, b'disinn fuq il-lapes u 'carbon' kif ukoll xogħol ieħor ta' 'tapestry' ta' Mary Debono.*

## *Wirja Annwali tal-Ħut fl-Akkwarji*



*Is-Sinjura Joanne Mohr tidher tagħti tagħrif dwar l-akkwarji esebiti, lis-Sindku Noel Formosa. Fir-ritratt jidhru wkoll Fr Gerald Buhagiar, membru tal-Għaqda u s-Sindku Robert Tabone.*

Għar-raba' sena konsekuttiva, l-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut, Sezzjoni t'Għawdex tellgħet il-wirja annwali tagħha. Din saret bejn id-29 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju fis-sala prinċipali tal-Liceo Ninu Cremona, Victoria. Tnax-il membru mill-għaqda pparteċipaw b'total ta' 22 akkwarju.

Il-preparamenti fis-sala bdew il-Ħamis fejn membri mill-għaqda ngabru sabiex iħejju s-sala bl-imwejjed ħalli l-għada l-Ġimgħa l-membri setgħu jdaħħlu l-akkwarji tagħhom. Il-Ġimgħa wara nofsinhar, Adrian Puglisevich u Martin Vassallo, żewġ membri Maltin bdew jagħżlu liema huma l-aħjar tliet akkwarji. Il-punti ngħataw skond kif inhu rranġat l-akkwarju u skond il-kwalità tal-ħut. Charles

Pisani minn Sannat ħa l-ewwel premju bl-*Oscars*, Chalie Axiaq minn Victoria ħa t-tieni premju b'*Peacock Cichlids* u Robert Bajada minn Sannat ġie t-tielet bl-*Mbuna Malawi*. Il-ftuħ uffiċjali tal-wirja kien il-Ġimgħa filgħaxija. Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz, li kien qed jirrappreżenta lill-Ministru għal Għawdex u Robert Tabone, is-Sindku ta' Victoria, għamlu kelmtejn ta' l-okkażjoni. Għall-wirja kien hemm varjetà ta' ħut tropikali li wieħed isib fl-għadajjar ta' l-Afrika, speċjalment f'Lake Malawi u f'Lake Tanganyika. Kien hemm ukoll ħut mill-Amerika t'Isfel, *gold fish* u *koi*. Minbarra li raw il-wirja, il-viżitaturi setgħu jixtru ħut, pjanti, akkwarji, prodotti u ikel għall-ħut. Barra minn hekk, dejjem preżenti kien hemm membri tal-għaqda sabiex jgħinu lil min kellu xi diffikultà fuq iż-żamma tal-ħut.

## *Kommemorazzjoni f'ġieħ Carolina Cauchi*



*Mons. Isqof Mario Grech waqt l-Omelija ta' l-okkażjoni. Jidhru Mons. Salv Debrincat, Kanċellier tal-Kurja Djoċesana (xellug) u Mons. Joseph Cauchi, Direttur Spiritwali tal-Komunità Dumnikana.*

F'għeluq il-100 sena mit-twelid għall-ħajja Eterna ta' Carolina Cauchi, nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju, filgħaxija, Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei, Victoria. Qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, is-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani, Swor Carmelita Borg, għamlet diskors fuq Carolina Cauchi, dik li sejħitilha bħala l-Benefattriċi u Fundattriċi tas-Sorijiet Dumnikani. Swor Carmelita tkellmet fuq il-kwalitajiet sbieħ li kienet imżejna bihom Carolina; fuq it-tfulija tagħha; il-ħajja kontemplattiva li dejjem xtaqet li tgħix; fuq l-ewwel Komunità tas-Sorijiet Dumnikani u fuq l-aħħar snin tagħha.



*Is-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani, Swor Carmelita Borg waqt id-diskors kommemorattiv.*

Isem Carolina, kompliet Swor Carmelita, jibqa' mfakkar b'imħabba u rispett kbir għal tant ġid li l-Kongregazzjoni Dumnikana tagħmel mal-bniedem batut.

L-ewwel lezzjoni tal-quddiesa inqrat minn Swor Dorothy Mizzi, Vigarja Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani. Is-salm responsorjali nqara minn Swor Doris Schembri. Waqt illi t-tieni lezzjoni nqrat minn Swor Mary Attard, Kunsilliera tal-Kongregazzjoni. Adele Camilleri, Segretarja Ġenerali, qrat it-talbiet tal-komunità.



*Waqt it-tlugħ ta' l-offerti.*

Mons. Isqof Grech għamel ukoll l-Omelija ta' l-okkażjoni, fejn faħħar ħidmiet Carolina u dak kollu li għamlet u li qed jagħmlu s-Sorijiet Dumnikani illum. Mons. Isqof Grech tkellem dwar l-importanza u l-ħtieġa tal-Ħajja Reliġjuża fiż-żmenijiet tal-lum fi ħdan il-Knisja. Fakkar kif Carolina kkontribwiet biex il-poplu jsir il-Poplu t'Alla u jsir iktar ħieles. Mons. Isqof għamel riferenza għal Mose fil-qari tal-quddiesa li ħa ħsieb il-poplu t'Alla kif għamlet din ix-xbejba twajba. Hija xtaqet ħajja kontemplattiva u hawn l-Isqof ħeġġeġ lir-reliġjużi kollha biex din ma jittraskurawhiex. Waqt li radd ħajr lid-Dumnikani għal ħidma tagħhom, ħafna drabi moħbija, ħeġġiġhom biex qatt ma jaqtgħu qalbhom u jkomplu jaħdmu u jgħinu lil bniedem biex jeħles mill-iskjavitù ta' żmienna u jgħożż iktar il-valuri nsara.



*Hekk kif inkixef il-bust ta' Carolina. Jidhru fuq ix-xellug ta' Mons. Isqof, is-Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Dumnikani, Swor Carmelita Borg, waqt li fuq il-lemin jidher l-iskultur Ġanni Bonnici.*

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, is-Sorijiet Dumnikani ġeddew pubblikament il-wegħdiet ta' ħajja kkonsagrata, imsejħa u mibgħuta biex ikunu erwieħ ewkaristiċi, bil-għatx għall-Kelma t'Alla, li tagħmilhom ħielsa u biex jgħixu l-imħabba f'ħajja komunitarja awtentika għas-servizz tal-bniedem. Wara Mons. Isqof Grech kixef u bierek bust fil-bronż ta' Carolina, xogħol l-iskultur Ġanni Bonnici. Ħa sehem il-Kor Gaulitanus, taħt it-tmexxija ta' Mro. Colin Attard.

Wara dawk kollha preżenti, fosthom Mons. Isqof Grech, Saċerdoti, Patrijiet Dumnikani u s-sorijiet tal-Komunità Dumnikana, 'l fuq minn sittin soru, li uħud minnhom, ġew Għawdex apposta mill-Italja u l-Ingilterra, iltaqgħu flimkien fil-bitħa tal-Kunvent għal laqgħa soċjali.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA F'MARSALFORN

Għadd sabiħ ta' Għawdxin, nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju fil-għaxija, attendew għal din il-Manifestazzjoni li biha riedu juru x-xewqa tagħhom li jkollna soċjetà iktar ġusta u ħanina filwaqt li tkun ħielsa mill-eżempji ħżiena u skandli li jingħataw bil-kliem, ilbies u mġieba li ma jixirqux lill-insara. Wara r-reċta tar-Rużarju msejjes fuq ħsebijiet ta' San Ġorġ Preca, fit-8.00pm Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' numru sabiħ ta' kappillani, Arċiprieti u saċerdoti mexxa Konċelebrazzjoni fil-port ta' Marsalforn. Ħa sehem il-Kor **Voci Angeliche** mill-Parroċċa tax-Xagħra u tfal żgħar kantaw ukoll xi kanzunetti marjani li bihom matul Mejju ħadu sehem fil-Festival Marjan.




Mons. Isqof Mario Grech ibbaża l-messaġġ tiegħu fuq it-twettiq tar-rieda t'Alla. Huwa beda biex qal li l-bniedem għandu bżonn ta' gwida fil-ħajja tiegħu, għandu bżonn ta' direzzjoni, jeħtieġ *road map* biex ikompli miexi 'l quddiem. U din il-gwida jeħtieġha mhux biss fil-ħajja personali imma wkoll fis-soċjetà tagħna, fil-komunitajiet parrokkjali tagħna; altrimenti nitħawdu u nitfixklu. Il-Vanġelu ta' dik il-lejla kien ċar ħafna, kompla l-Isqof fejn tispikka r-rieda t'Alla li hija l-gwida żgura li tmexxi lil kull bniedem. Min jagħmel ir-rieda tal-Missier jiftaħ relazzjonijiet tajba ma' kulħadd. Meta nibdew neskludu lill-oħrajn, dakinhar ma nkunux mexjin fuq ir-rieda t'Alla. Inkunu veri dixxipli ta' Kristu meta nagħmlu r-rieda tal-Missier. Fejn hemm il-firda, il-pika, in-nuqqas ta' tolleranza, hemmhekk mhemmx ir-rieda t'Alla. Meta l-poplu t'Alla mmexxi minn Mose gharaf ir-rieda t'Alla, seta' jasal għall-Art Imwiegħda (l-Ewwel Lezzjoni). Il-Kmandamenti t'Alla juruna r-rieda t'Alla. L-Isqof talab lil dawk preżenti biex jirriflettu ftit meta jmorru lura lejn darhom u jaraw jekk dan il-jum kienx skond ir-rieda t'Alla. Huwa għamel riferenza lejn il-Pjan Pastorali li qed jinħadem flimkien mal-Kappillani u Arċiprieti fuq il-proposta ta' San Ġorġ Preca - Kunu ħbieb tal-Vanġelu - u ħeġġeġ lil kulħadd biex iwieġeb għall-proposti li sa jsiru waqt li talab l-intervent ta' Ommna Marija biex minn dan il-Pjan joħroġ ħafna ġid spiritwali.

Huwa temm il-messaġġ tiegħu billi radd ħajr lill-konċelebranti kollha kif ukoll lill-pubbliku numeruż li wieġeb għall-appelli li sarulu għal din l-okkażjoni.

---

# *KOR GĦAWDXI GĦALL-KANONIZZAZZJONI TA' DUN ĠORĠ*



Kienet okkażjoni storika meta l-kor *Laudate Pueri* tal-Bażilka ta' San Ġorġ Martri kien Ruma għall-kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca, fuq stedina formali tad-direttur tal-Kor Papali "*Cappella Sistina*", Mons Giuseppe Liberto.

Il-kor Għawdxi kanta "Tina l-Ħlewwa" u "Fil-Ħlewwa ta' Mejju" (fuq arranġament tal-prof. J. Vella) qabel il-Quddiesa tal-Papa u, imbagħad mexxa lill-assemblea. Il-Ħadd stess filgħaxija, fuq stedina tal-postulatur tal-kawża, il-*Laudate Pueri* mexxa kant liturġiku matul konċelebrazzjoni sollenni fil-Bażilika San Andrea della Valle. Din il-konċelebrazzjoni organizzaha Mons. Charles Scicluna għas-saċerdoti Maltin u Għawdxin li ma setgħux jikkonċelebraw mal-Papa. Il-kor kanta l-*Missa de Angelis* (arranġament ta' Bartolucci) flimkien ma' motetti sagri. Fi tmiem il-quddiesa, li fiha servew iż-żewġ seminaristi tal-parroċċa, Francesco Pio Attard u Simon Cachia, Mons. Scicluna kellu kliem ta' l-ogħla tifħir għall-kor Għawdxi. Bħas-soltu, il-kor *Laudate Pueri* kien taħt id-direzzjoni ta' Dun George Frendo u Dr Maria Frendo.

Kummentarju (2)

# "Little Gozo" ħdejn l-Università





## Sfidi partikolari għall-istudent Għawdxi

kitba ta' SAMUEL AZZOPARDI B.A. LL.D.

Dan l-aħħar reġa ġie f'idi l-*pastiché* ta' Graham Greene *Monsignuer Quixote* li jirrakkonta l-vjaġġ ta' qassis li kien għadu kemm laħaq monsinjur u ex-sindku komunista li kien għadu kemm tilef postu fi Spanja ta' wara Franco. It-tnejn li huma kienu mbarkaw għall-ħajja ġdida u t-tnejn li huma riedu jissieltu mentalment ma' tradizzjonijiet u pożizzjonijiet qodma u tnejn li huma riedu ukoll jaddattaw irwieħhom għal din il-ħajja ġdida.

L-istudent ġej minn Għawdex, aspiranti għal xi kors provdut mill-Università ta' Malta, ukoll irid iħabbat wiċċu ma' sfidi ġodda u jrid jissielet ma' tradizzjonijiet u stil ta' ħajja li kien igħix qabel u li kien forsi parti minn ħajja *troppo comoda*. Għax ngħiduha kif inhi, l-ħajja tas-*Sixth Form* f' Għawdex apparti għal żmien l-eżamijiet hija ħajja pjuttost komda. L-istudenti jkunu għadhom kemm ħarġu minn dik ir-riġidità ta' l-iskejjel tas-sekondarja għall-ħajja akkademika inqas regolata. Żgur mhemmx paragun bejn il-ħajja ta' student fis-*Sixth Form* ta' Għawdex - 'Sir Michelangelo Refalo' għall-ħajja universitarja. L-Università toffri żewġ opportunitajiet lill-istudent ġej minn Għawdex. Waħda hi dik li jixpruna lilu innifsu f' dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp akkademiku u intellettwali u l-oħra li jiskopri u jiżviluppa iktar lilu nnifsu.



### Ix-xokk tal-ħruġ mill-fosdqa

Din it-tieni opportunità taf anke taffettwa bil-kbir lill-ewwel waħda. Meta student minn Għawdex jinżel għall-ewwel darba Malta, ġeneralment jesperjenza xi ftit jew wisq xokk qawwi ta' *reality check*. Dan għaliex l-istudent ikun ħareġ mill-fosdqa protettiva li toffri s-sistema edukattiva f' Għawdex u l-ambjent soċjali tagħha. Minn dan l-ambjent l-istudent isib ma' wiċċu l-fatt li issa jinsab waħdu mhux biss akkademikament - peress li l-università tipproġetta sistema edukattiva differenti minn din li ġeneralment mdorrijin biha, iżda ukoll li l-istudent ġej minn Għawdex irid jitgħallem ifendi għal rasu b'mod differenti minn ħaddieħor li ġej minn kwalunkwe parti oħra ta' Malta.

Għalhekk ix-xokk hu doppju. L-istudent ġej minn Għawdex għandu diversi sfidi x'jiffaċċja bħalma huma l-akkomodazzjoni, it-trasport, l-iskariġġ żejjed kif ukoll il-manteniment tiegħu nnifsu bit-tisjir u t-tindif tal-post fejn jabita f'Malta. Dawn huma kollha sfidi li jekk wieħed ma jagħrafx jaffaċċja sewwa jafu jsiru problemi.

### L-isfida prinċipali

L-akkomodazzjoni hija sfida prinċipali ta' kull student u taf tkun uġigħ ta' ras kbira. Dan għaliex l-istudent irid jsib akkomodazzjoni viċin l-università, irid jara li l-kera tkun fil-limitu tal-*budget* previst u li l-livell ta' akkomodazzjoni jkun diċenti u aċċettabbli. Sabiex issib l-appartament it-tajjeb mhemmx xi formula matematika imma kollox isir *by trial and error* u fil-bidu ħafna studenti jafu jibdew jaqtgħu qalbhom.

Din id-*drive* għal akkomodazzjoni fl-Imsida, għal studenti ġejjin minn Għawdex, ġabet magħha diversi effetti fosthom anke l-ispekulazzjoni fil-propjetà. Fil-madwar ta' l-università, din iz-zona saret mimlija studenti ġejjin minn Għawdex fil-maġġoranza tagħha b'eċċezzjoni ta' xi barranin. Mhux darba u tnejn tisma' minn jgħidlek li tal-Qroqq spiċċa *Gozotown* jew *Little Gozo*. Dan l-iżvilupp ġab miegħu domanda kbira għall-propjetà f' dan il-post u




kif jiġri dejjem fid-dinja ekonomika la jkun hemm id-domanda, jinħoloq is-servizz. Is-servizz supplit f'dan ir-rigward huma l-*units* ta' propjetà għall-bejgħ jew kiri, bil-prezzijiet dejjew jeskalaw minn sena għall-oħra.

Dan iġib piż finanzjarju fuq student li ġej minn Għawdex, speċjalment fuq il-familja tiegħu li hija dejjem is-sinsla finanzjarja ta' l-istudenti ġejjin minn Għawdex. Imma din l-ispekulazzjoni ġabet ukoll il-pożittiv, għax l-istudenti llum għandhom iktar għażla u firxa wiesgħa ta' *units* għall-akkomodazzjoni. Ukoll mas-snin tjieb il-prodott u ma għadux daqshekk kollox jgħaddi bħal qabel. Sa żmien mhux 'il bogħod l-appartamenti li kienu jinkrew lill-studenti Għawdxin ġeneralment kienu jkunu appartamenti qodma mimlija bl-għamara u imbarazz li s-sid ma jkollux iktar bżonn id-dar tiegħu u kien jitfagħhom fl-appartament. Illum dan naqas ħafna għalkemm għadu mhux eliminat għal kollox.

Minħabba din l-ispekulazzjoni fil-bini, fl-Imsida l-prodott tjieb ukoll u llum sabiex issib appartament modern u mgħammar tajjeb ma għadux daqshekk problema. Iżda l-fattur finanzjarju jibqa' dejjem hemm. Ikun pass għaqli ferm kieku l-università tipprovdi akkomodazzjoni hi - akkomodazzjoni li tkun differenti minn dik ipprovduta f'Ħal Lija. Fil-fatt xi snin ilu kienu varati pjanijiet għall-akkomodazzjoni ta' l-istudenti fuq il-*campus* fiż-żona viċin il-pixxina nazzjonali, iżda s'issa pjanijiet biss għadna rajna.

### *Esperimenti fil-kċina*

Meta tiġi solvuta din l-affari, l-istudent irid jara kif iżomm l-istess appartament u l-bżonnijiet tiegħu bħal tisjir. Wara l-ewwel fallimenti u diżastri fil-qasam gastronomiku ta' l-istudenti mingħajr esperjenza fil-kċina, ġeneralment l-affarijiet imorru għall-aħjar, u wara ftit żmien tibda tisma' b'riċetti ġodda li jkunu ħarġu b'aċċident u esperimenti fil-kċina ta' l-appartament ta' l-Imsida. Ovvjament iċ-ċajt u t-tbissim li joħolqu dawn is-sitwazzjonijiet jibqgħu ma' l-istudent tul ħajtu - min jaf forsi xi ħadd għad jiġborhom fi ktieb għalkemm b'mod ġenerali l-livell ta' nutriment ibati ftit.

Biss din l-esperjenza fl-Università ta' Malta taffettwa bil-kbir lill-istudenti tagħna u fil-maġġoranza tal-każi trawwem l-irġiel u n-nisa. L-istudent ġej minn Għawdex jitgħallem isir aktar indipendenti u awtonomu. Il-fatt li jrid ifendi għal rasu jġib livell ta' maturità li jisboq lil dak ta' kull student ieħor. Dan jirrifletti ruħu f'affarijiet oħra. Huwa fatt magħruf ben tajjeb li anke akkademikament, student minn Għawdex jistinka aktar minn studenti oħra u dan huwa forsi riżultat ta' l-isforz *extra* li jrid jagħmel sabiex jibqa' student fl-Università.

### *Tendenza ħażina*

Fatt ieħor importanti ħafna għas-soċjetà tagħna huwa li din l-esperjenza fl-università tgħallem lill-istudenti jaħdmu fi grupp minħabba li jkunu qegħdin jaqsmu l-appartament ma' ħaddieħor u dan iżid il-livell ta' soċjalizzazzjoni vera u propja.

Però ta' min jgħid ukoll li l-istudent għandu jagħmilha ma' kwalunkwe student ieħor, dawk ġejjin mill-gżira ta' Malta u minn pajjiżi oħra, u dan sabiex l-ixprun u l-iżvilupp akkademiku jikber. L-iżvilupp akkademiku mhuwiex biss il-qari u l-istudju tal-kotba iżda ukoll it-taħlit ta' l-idejat. Din hija problema tagħna li ġejjin minn Għawdex, għandna tendenza li niggruppaw għalina, ntellgħu ħajt madwarna u ningħalqu bejnietna. Dan hu ħażin ħafna għaliex il-kuntatti fid-dinja tal-lum huma ta' importanza kbira. Min jingħalaq għalih jew joqgħod fi grupp ta' studenti li ġejjin minn Għawdex biss ftit li xejn jista' jikber fl-iżvilupp tal-moħħ.

Din l-integrazzjoni ma' studenti ġejjin minn postijiet differenti taf tkun ħafna utli għall-futur fil-karriera ta' l-istudent. Illum permezz ta' l-Unjoni Ewropea kull student Malti jista' jmur jistudja f'universitajiet mill-aqwa li għandna fl-Ewropa. Jien dan għamiltu u nirrikkmandah ħafna. Il-fatt li bħala student ġej minn Għawdex, kelli din l-esperjenza qabel, għenitni ħafna sabiex iż-żmien tiegħi ta' studju fl-Italja jkun suċċess.

L-isfidi kontinwi li din l-esperjenza toffri lill-istudent ġej minn Għawdex fl-Università ta' Malta, huwa forma ta' *rite of passage*. L-istudent li jgħaddi minnha, sservih għal-għomru. Dan għaliex din l-esperjenza trawwem irġiel u nisa serji kif għandha bżonn is-socjetà ta' żmienna.

KLIEM FIN-NUMRI

# Biedja f'Għawdex



Minn serje ta' **Mistoqsijiet Parlamentari** ta' l-**Onor. Noel Farrugia** u mit-tweġibiet li tat l-**Onor. Giovanna Debono**, Ministru għal Għawdex, fis-Seduta tal-Kamra 519, ħadna dan it-tagħrif dwar il-prodotti tal-biedja f'Għawdex:

| Sena | Produzzjoni tal-faqqiegħ (tunnellaġġ) | Produzzjoni tal-ħaxix frisk (tunnellaġġ) | Produzzjoni tal-frott frisk (tunnellaġġ) | Magħlef lokali |
|---|---|---|---|---|
| | *P.Q. 25060* | *P.Q. 25061* | *P.Q. 25062* | *P.Q. 25059* |
| 2003 | Fl-ewwel 3 xhur inbiegħu 9 tunnellati prodotti f'Għawdex miċ-Ċentru tal-Pitkalija | 943 | 132 | Ma tinżammx statistika |
| 2004 | Ma nżammetx statistika | 972 | 76 | |
| 2005 | Ma nżammetx statistika | 817 | 247 | |
| 2006 | Ma nżammetx statistika | 713 | 153 | |

### *Produzzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga*

**25053. L-Onor. Noel Farrugia** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien it-tunnellaġġ tal-produzzjoni tal-laħam frisk taċ-ċanga matul l-ewwel tliet xhur tas-sena f'Għawdex? Tista' tipprovdi l-istess tagħrif għall-istess perjodu għall-aħħar ħames snin sena b'sena? *16/04/20007*

**Onor. Giovanna Debono:** Jiena nfurmata li l-produzzjoni tal-laħam frisk taċ-ċanga matul l-ewwel tliet xhur tas-sena hija stmata li kienet ta' 109 tunnellati filwaqt li l-produzzjoni għall-istess perjodu għal dawn l-aħħar ħames snin hi stmata li kienet kif ġej:

| Sena | Tunnellati |
|---|---|
| 2002 | 77 |
| 2003 | 136 |
| 2004 | 90 |
| 2005 | 85 |
| 2006 | 86 |

***Seduta 518, 25/4/2007***

### *Produzzjoni tal-Laħam tal-Fenek*

**25005. L-Onor. Noel Farrugia** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien it-tunnellaġġ tal-produzzjoni tal-laħam abjad tal-fenek matul l-ewwel tliet xhur tas-sena f'Għawdex? Tista' l-Ministru tipprovdi l-istess tagħrif għall-istess perjodu għall-aħħar ħames snin sena b'sena? *16/04/2007*

**Onor. Giovanna Debono:** Jiena nfurmata li ma tinżammx statistika tal-produzzjoni tal-laħam tal-fenek.

***Seduta 518, 25/04/2007***

### *Produzzjoni ta' Ħalib Frisk*

**25057. L-Onor. Noel Farrugia** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il litru ta' produzzjoni lokali ta' ħalib frisk ġie rreġistrat matul l-ewwel tliet xhur tas-sena f'Għawdex? Tista' tipprovdi l-istess tagħrif għall-istess perjodu għall-aħħar ħames snin sena b'sena? *16/04/2007*

**Onor. Giovanna Debono:** Jiena nfurmata li l-produzzjoni tal-ħalib frisk reġistrat f'Għawdex matul l-ewwel tliet xhur tas-sena 2007 kienet ta' 2,963,467 litru; filwaqt li fl-istess perjodu għall-aħħar ħames snin ta' qabel hu kif ġej:

| *Sena* | *Litri* |
|---|---|
| 2002 | 2,720,210 |
| 2003 | 2,642,931 |
| 2004 | 2,675,852 |
| 2005 | 2,816,148 |
| 2006 | 2,935,739 |

***Seduta 518,*** 25/04/2007

### *Notte Gozitana*

**26496. L-Onor. Leo Brincat** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura: Jista' l-Ministru jgħid kemm ikkontribwixxa finanzjarjament il-ministeru tiegħu għan-*Notte Gozitana* ta' Lejliet Lapsi? Il-ministeru kemm irnexxielu jġib *sponsorships* biex jilqa' għall-uħud minn dawn l-ispejjeż? *29/05/2007*

**Onor. Francis Zammit Dimech:** Il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kultura kkontribwixxa, Lm49,259.23. Il-Ministeri rnexxielhom iġibu Lm25,300 biex jilqgħu għall-uħud mill-ispejjeż finanzjarji.

***Seduta 536, 12/06/2007***

**26497. L-Onor. Leo Brincat** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm ikkontribwixxa finanzjarjament il-ministeru tagħha għan-*Notte Gozitana* ta' Lejliet Lapsi? Il-ministeru kemm irnexxielu jġib *sponsorships* biex jilqa' għall-uħud minn dawn l-ispejjeż? *29/05/2007*

**Onor. Giovanna Debono:** Jien infurmata li l-Ministeru għal Għawdex ikkontribwixxa s-somma ta' LM25,123 .21 għan-*Notte Gozitana* ta' Lejliet Lapsi. Il-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura rnexxielhom iġibu bejniethom Lm25,300 fi *sponsorships* biex jilqgħu għall-uħud minn dawn l-ispejjeż.

***Seduta 536, 12/06/2007***



# GĦAWDEX: DESTINAZZJONI TURISTIKA

**"Aktar ma nnaqqru mir-ruralità ta' Għawdex, inqas ikollna destinazzjoni x'inbiegħu."**

**Is-Sur Paul Scicluna**, iċ-*Chairman* il-ġdid ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu (GTA)
f'intervista ma' Joseph W. Psaila

***B'esperjenza diretta, illum, ta' 27 sena fit-turiżmu, is-Sur Paul Scicluna kien beda bħala rappreżentant ta' kumpanija Ingliża li kienet tibgħat it-turisti Għawdex, kien fost l-ewwel operaturi Għawdxin fin-niċeċ turistiċi prinċipali tad-diving u l-farmhouses, u kien involut fil-krejazzjoni tal-Gozo Heritage, attrazzjoni turistika li twassal il-leġġendi u l-istorja ta' Għawdex.***

L-INTERVISTA

***Kif kienet din is-sena għat-turiżmu f'Għawdex u kif jidher li se tkun fix-xhur li ġejjin?***

It-turiżmu f'Għawdex hu rifless tas-sitwazzjoni nazzjonali fejn din is-sena qed jiġi rrappurtat żieda ta' turisti fuq is-sena preċidenti. Dan dejjem skond l-aħħar figuri maħruġa mill-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' l-Istatistika li fl-ewwel ħames xhur il-lukandi f'Għawdex irrappurtaw żidiet. Jidher ukoll u skond rapporti li għandna, din it-tendenza ser tkompli pożittivament fix-xhur li ġejjin.

Minkejja dan, it-turiżmu f'Għawdex huwa biss sitta fil-mija ta' dak globali f'Malta. Figura relattivament baxxa u hemm bżonn tiżdied ħafna aktar malajr. Hu fatt ukoll, li t-turiżmu f'Għawdex hu l-aktar qawwi fit-tlett xhur tas-sajf u rridu naħdmu u nirsistu ħafna aktar ħalli ntejbu l-okkupanza fl-istabbilimenti tagħna fix-xhur l-oħra u anke fix-xitwa. Għal dan il-għan l-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu qed taħdem fil-qrib ma' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex Għawdex ikun irreklamat u magħruf aktar mat-turisti u hemm bżonn li nkomplu ntejbu l-kwalità tal-prodott tagħna u noħolqu diversi attivitajiet ħalli ntawlu l-istaġun turistiku.

Sadanittant, irrid insemmi inizjattiva tajba ħafna, l-Iskema mnedija mill-*Gozo Channel* flimkien ma' diversi stabbilimenti għawdxin li biha l-Maltin u t-turisti matul ix-xhur tax-xitwa setgħu jaqsmu lejn Għawdex b'xejn. Skema li nispera li tkompli titjieb u tinfirex fuq medda akbar ħalli jkun aktar faċli li l-Maltin u barranin jersqu lejn pajjiżna. Daqstant ukoll hi siewja u xierqa l inizjattiva ta' dan l aħħar biex ikun hemm trasport dirett bejn il-*Malta International Airport* u ċ-Ċirkewwa.

***Fl-aħħar snin kien hawn diversi lukandi li għalqu. Bħalissa kemm hi l-kapaċità ta' akkomodazzjoni tal-lukandi f'Għawdex... u ta' stabbilimenti tas-self catering?***

Huwa fatt li fl-aħħar snin għalqu xi lukandi iżda kien hemm oħrajn li estendew u żiedu aktar sodod. Preżentament hawn joperaw 17-il Lukanda u *Guest Houses* u bejniethom għandhom 1665 sodda, li huma 48% tas-sodod disponibbli f'Għawdex. Iżda s-settur tat-turiżmu f'Għawdex ma jiddependix biss mil-Lukandi iżda wkoll mill-istabbilimenti tas-*Self Catering* li hu ffurmat mill-Appartamenti, Vilel, Djar ta' karattru u Irziezet ikkonvertiti. Dan is-settur ġie żviluppat aktar fl-aħħar snin u interessanti li jiġi nnutat li dawn m'humiex lokalizzati f'postijiet tradizzjonalment turistiċi, bħal Marsalforn u x-Xlendi, iżda huma mferrxin ma' Għawdex kollu. B'hekk l-irħula kollha għandhom ċans tajjeb li jgawdu wkoll mit-turisti li jiġu joqgħodu f'pajjiżna.

***X'qiegħed isir biex jissaħħu dawk li jissejħu "niċeċ" tat-turiżmu li jistgħu jaqblu għal gżiritna, bħalma huma d-'diving' u l-mixjiet fil-kampanja ?***

F'dawn l-aħħar snin qed isir ħafna xogħol sabiex dawn iż-żewġ niċeċ msemmija, li huma importanti ħafna għal pajjiżna, jkomplu joktru u jiżviluppaw. Ftit snin ilu, bl-inizjattiva ta' l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex, ġie mgħarraq il-vapur MV Xendi x-Xatt l-Aħmar, sabiex iservi ta' attrazzjoni għall-għaddasa.

Aktar minn hekk, b'ko-finanzjament ta' l-Unjoni Ewropea, f'Awissu tas-sena 2006, ix-Xatt l-Aħmar gawda wkoll mill-għarqa ta' żewġ vapuri oħra sabiex jinħolqu sikek artifiċjali. Komplimentari għal dan is-settur, ġie nstallat "*Decompression Chamber*" fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex għall-użu ta' l-għaddasa u saret kampanja pubbliċitarja f'diversi pubblikazzjonijiet speċjalizzati.



Intant, fil-kampanja t'Għawdex, ġew identifikati diversi rotot u erbgħa minnhom ġew imnaddfa, saru sinjali matul ir-rotta u nħareġ ktejjeb ta' gwida b'informazzjoni u dettalji ta' dak kollu li jinsab matul il-mixja. Dawn il-mixjiet intlaqgħu tajjeb u b'riżultat ta' dan hemm operaturi li żiedu l-klijenti tagħhom matul ix-xhur tax-xitwa.

***Taħseb li Għawdex qiegħed jistabbilixxi ruħu bħala destinazzjoni turistika?***

Dażżgur li Għawdex qiegħed jistabbilixxi ruħu bħala destinazzjoni turistika. Ħafna huma l-operaturi turistiċi barranin li jinkludu lil Għawdex fil-programmi tagħhom u hemm oħrajn li jispeċjalizzaw għal Għawdex. Min-naħa l-oħra, hawn diversi turisti li jiġu jgawdu l-vaganzi tagħhom f'pajjiżna sena wara l-oħra u dawn iħajru oħrajn jagħmlu bħalhom. Intant, il-fatt li l-lukandi u l-istabbilimenti jibqgħu miftuħin s-sena kollha, jgħin biex Għawdex ikun destinazzjoni turistika. Jekk min-naħa l-oħra dawn jagħlqu fix-xitwa, l-operaturi turistiċi jaqtgħu lil Għawdex mill-programm tagħhom u ħadd ma jiġi hawn, b'riżultat li nbatu lkoll kemm aħna.

***Taħsibx li t-titjiriet 'low cost' lejn diversi bliet fl-Ewropa laqtu b'xi mod lit-turiżmu intern lejn Għawdex?***

Bħal kull ħaġa oħra, l-introduzzjoni tat-titjiriet *low cost* fiha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi. B'riżultat ta' dawn, Għawdex qed igawdi ħafna aktar pubbliċità u sar milħuq minn aktar ajruporti mferrxa ma' l-Ewropa. Dan żgur ser jiffaċilità l-aċċessibbiltà għal pajjiżna u aktar turisti jsibuha konvenjenti li jippjanaw il-vaganza tagħhom fostna.

Min-naħa l-oħra, biż-żieda ta' dawn it-titjiriet *low cost*, il-Maltin sar għandhom tieqa aktar wiesgħa minfejn jagħżlu biex isiefru. U fejn Għawdex kien konvenjament fil-qrib u faċli li tasal, issa għandna kompetizzjoni ferm akbar li żgur xi ftit jew wisq ser taffettwana.

***It-turiżmu f'Għawdex kif se jgawdi mill-fondi tal-Unjoni Ewropea?***

It-turiżmu f'Għawdex altru milli qed igawdi. Mill-*budget* tal-perjodu 2004/6, Għawdex iggwadanja minn diversi proġetti. Ġà semmejt il-proġetti li twettqu biex jiżviluppa s-suq speċjalizzat ta' l-għads. Sar ukoll "Studju u Pjan" sabiex l-industrija ta' l-għads tkun sostenibbli. Inbniet Skola - lukanda għall-istudji turistiċi li minn dan ser igawdu l-istudenti u l-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur tas-servizzi.

Sar ukoll proġett ta' xiri ta' vetrini speċjalizzati għall-Mużew ta' l-Arkeoloġija u riżultat ta' dan għall-ewwel darba, teżori arkeoloġiċi uniċi misjuba waqt skavi fiċ-Ċirku tax-Xagħra, ġew esebiti b'mod permanenti f'Għawdex. Intant, t-turiżmu f'Għawdex ser igawdi wkoll mill-proġetti ta' rikostruzzjoni ta' toroq arterjali, li jinkludu t-triq li tgħaqqad lil Victoria ma' San Lawrenz u li għandha twassal sad-Dwejra kif ukoll it-triq mill-port ta' l-Imġarr sal-belt Victoria.

Jien fiduċjuż li b'dawn il-proġetti kollha essenzjali, l-prodott Għawdxi ser jieħu żvolta 'l quddiem.

***Il-GTA kif tikkonsidra dawn il-proġetti: il-golf kors, l-'airstrip', l-irmiġġ tal-'cruise liners' f'Għawdex?***

Il-golf kors hi faċilità turistika li tkompli ssaħħaħ il-prodott u tattira swieq ġodda. Illum il-Golf hu sport popolari ħafna barra minn xtutna u definittivament jekk ikun hawn korsa, tgħin sabiex jiżdiedu t-turisti f'pajjiżna.

L-*Airstrip* hi neċessità assoluta bħala mezz alternattiv biex wieħed jilħaq lil Għawdex anke meta s-servizz tal-baħar ikun interrott. Hu mod aktar faċli u komdu sabiex wieħed jasal fid-destinazzjoni.

Il-*Cruise Liners* jistgħu jkunu niċċa oħra importanti għal Għawdex iżda sfortunatament sa issa dan hu settur li minnu Għawdex mhu jieħu xejn. Mingħajr faċilitajiet adekwati għall-irmiġġ, il-*Cruise Liners* ma jistgħux jieqfu f'pajjiżna. Saru xi tentattivi, iżda minħabba dan in-nuqqas il-*Cruise Liners* baqgħu għaddejjin minn pajjiżna. Għaldaqstant hemm bżonn li l-awtoritajiet jagħtu attenzjoni akbar lil dan is-settur li jista' jkun niċċa oħra li minnha jgawdi Għawdex kollu.

***Għandha biża' il-GTA li bl-iżvilupp nitilfu t-tiġieġa proverbjali li tagħtina l-bajda tad-deheb?***

Il-GTA hija konxja li Għawdex qed jinbiegħ bħala destinazzjoni distinta minħabba l-karattru rurali li l-gżira tagħna għadha qed tgawdi. Huwa ovvju li aktar ma nnaqqru mir-ruralità t'Għawdex inqas ikollna destinazzjoni x'inbiegħu. Irridu nkunu moħħna hemm u għaqlin biżżejjed sabiex insibu bilanċ bejn aktar żvilupp u ż-żamma tal-karattru ta' gżiritna.

*Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Femminilità 2007*

# "Il-Mara Għawdxija Llum Inbidlet? Għall-Aħjar jew għall-Agħar?...."

**(IT-TIENI PARTI)**

**Dan huwa s-suġġett ta' Forum li fih qegħdin jieħdu sehem xi nisa Għawdxin. F'din il-ħarġa tar-rivista l-qarrejja jistgħu jsegwu tnejn minn serje ta' kontribuzzjonijiet li waslulna dwar is-suġġett. Kontribuzzjonijiet oħra se jkunu ppubblikati fil-ħarġiet ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" tax-xhur li ġejjin.**

## *Doris Cini*



Matul iż-żminijiet il-mara Għawdxija, bħal dik Maltija, għaddiet minn evoluzzjoni sħiħa biex emanċipat ruħha u illum qiegħda tgawdi kważi l-istess drittijiet bħal dawk tar-raġel.

Fil-bidu tas-snin erbgħin, in-nisa Għawdxin kienu jgħixu ħajja kompletament differenti minn dik tal-lum. Id-destin ta' kull waħda minnhom kien jiddependi f'liema ċirkostanzi tas-soċjetà kienet titwieled.

Il-mara tal-klassi medja trabbiet b'mod differenti u għamlet progress u żviluppat iktar malajr mill-mara li kienet titwieled f'familja tal-ħaddiema. Però regola waħda kienet tgħodd għalihom it-tnejn. Hekk kif tiżżewweġ, dak kollu li tipposiedi l-mara, sew proprjetà kif ukoll flus, bil-liġi, jgħaddi kollu f'idejn ir-raġel. Ukoll, il-mara la kienet tgawdi indipendenza u lanqas kellha ċans għall-karriera. Kienet tgħix biss biex trabbi l-familja. L-orizzonti tagħha kienu limitati biss madwar il-ħajja familjari u privata tagħha (Holdsworth, 1988:9).

Il-mara mhux miżżewġa kienet tbati ħafna biex taqla x'tiekol. It-tama tagħha kienet li tiżżewweġ raġel twajjeb u tqatta' ħajjitha tieħu ħsieb id-dar u trabbi lil uliedhom. Kienet temmen li dmirha kien **biss** dak ta'omm u mara tad-dar. Ma kellhiex ambizzjonijiet oħrajn. Ir-raġel biss kien dak li joħroġ jaħdem biex jgħajjex lill-familja.

Iċ-ċentru tal-familja Għawdxija kien il-knisja u għal ħafna, l-festi. Ir-reliġjon kienet il-fattur ewlieni li l-familja kellha numru kbir ta'tfal. Fl-1948 familja minn kull erbgħa kellha iktar minn għaxart itfal (Dench, 1975:15). Nistgħu nimmaġinaw minn liema sagrifiċċji u tbattija għaddiet il-mara biex trabbi familja hekk kbira!

Familja numeruża kienet toħloq ħafna problemi. Għalhekk il-mara tal-klassi medja kellha s-seftura biex tgħinha. Ħafna drabi din kienet tgħix mal-familja stess, għalkemm il-paga kienet baxxa ħafna. Il-mara kellha ħafna kumditajiet oħra u dar mgħammra b'kollox. Imma għall-mara tal-kampanja, is-sitwazzjoni kienet bil-wisq differenti. L-ewwel u qabel kollox kienet trid tieħu ħsieb id-dar u l-familja kif ukoll il-ġenituri anzjani li kienu jgħixu fl-istess dar magħhom. Imbagħad, ħafna drabi kienet jew tmur tgħin lir raġel fix xogħol tiegħu (li kien fl-għelieqi u mal-bhejjem), inkella tagħmel xogħol ta'l-idejn bħal m'hu n-newl, ħjata, xogħol tal-labar, ganċ eċċ, biex forsi taqla' xi sold żejjed għall-familja.

Il-maġġoranza tat-tfal bniet kienu jattendu biss l-iskola primarja, imbagħad joħorgu mill-iskola biex jgħinu lill-familja fix-xogħol tad-dar. Kienu jirraġunaw li kien ħela ta' ħin li dawn jissoktaw bl-istudji tagħhom la d-destin kien li dawn jiżżewġu u jrabbu familja.

Matul it-tieni gwerra dinjija xi nisa f'Malta sabu xogħol barra mid-dar minflok il-ħafna rġiel li kienu imsejħa għal-lieva. Minħabba f'hekk kienet saret pubbliċità qawwija dwar il-mara li ħarġet mill-konfini tad-dar u marret taħdem (Camilleri, 1997:7). Pero' dan kellu jkun għal ftit żmien biss, għax hekk kif spiċċat il-gwerra ma kienx hemm bżonnhom iktar. L-irġiel reġgħu ħadulhom posthom u l-mara rritornat lura d-dar.

Madanakollu l-gwerra ħalliet l-impatt tagħha għax il-mara kienet daqet il-ħajja tax-xogħol barra mid-dar u l-mara żagħżugħa saret iktar assertiva. Maż-żmien is-sitwazzjoni tal-mara Għawdxija bdiet tinbidel ukoll. Xi nisa bdew iħallu djarhom biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, ħafna drabi anke f'Malta. Xi uħud sabu xogħol bħala għalliema, jew skrivani mal-gvern, fil-banek u mal-privat. Oħrajn daħlu pulizija, inkella sabu xogħol fl-isptarijiet. Iktar 'il quddiem inbnew il-fabbriki u t-tfajla Għawdxija sabet xogħol hemmhekk. Bdew jinbnew ukoll il-lukandi li pprovdew ħafna postijiet tax-xogħol għat-tfajliet u anke nisa miżżewġa.

Hekk kif bdiet taqla' l-flus, il-mara bdiet tagħti kas tad-dehra tagħha, bdiet tilbes aħjar u anke toħroġ tiddeverti. Niftakru li f'dak iż-żmien f'Għawdex kellna biss *hairdresser* waħda. It-*television* għamel impatt qawwi, speċjalment fuq il-mara. Mad-daħla tiegħu fid-djar, il-kultura nbidlet kompletament.

Fl-elezzjoni tal-1947, il-mara vvotat għall-ewwel darba. Kienet l-Assoċjazzjoni tan-Nisa f'Malta li ħadmet bis-sħiħ biex dan seta' jseħħ. In-nisa kollha li kienu għalqu wieħed u għoxrin sena setgħu jivvotaw. Fil-ktieb tiegħu **Rajt Malta Tinbidel** (111, 1975:270), H.Ganado jilmenta li peress li n-numru ta' nisa li setgħu jivvotaw fl-elezzjoni tal-1947 kien ikbar minn dak ta' l-irġiel, Malta waqgħet f'idejn in-nisa li kienu mmaturi f'dik li hi politika. Fl-1964 l-età niżlet għal tmintax-il sena.

L-istess Assoċjazzjoni ħadmet biex il-mara jkollha postha fil-parlament. Bħala riżultat ta'dan, is-sinjorina Agatha Barbara kienet l-ewwel mara eletta fil-parlament fl-1947. F'Għawdex illum għandna żewġ nisa li huma membri parlamentari, waħda minnhom hija wkoll ministru. Nisa oħra Għawdxin jieħdu sehem fil-politika permezz tal-Kunsilli Lokali, għalkemm in-numru għadu ftit wisq imqabbel ma' dak tal-irġiel. Tajjeb li iktar nisa jieħdu sehem f'dan il-proċess ta' parteċipazzjoni ċivika. Il-mara għandha kontribut kbir x'tagħti fil-lokal tagħha.

Il-mara Għawdxija, bħal dik Maltija, saret tagħraf l-importanza ta' l-iskola u l-istudju fl-livell avvanzat. B'hekk il-livell ta' l-edukazzjoni fost in-nisa għola ħafna. Dan l-aħħar snin in-numru tat-tfajliet fl-università qabeż 'il fuq minn 50% u n-numru ta' tfajliet għawdxin ilaħħaq il-mijiet.

Illum is-sehem tal-mara Għawdxija kiber kważi fl-oqsma kollha tal-ħajja. Insibu nisa avukati, tobba, periti, nutara, diretturi, kapijiet ta' dipartimenti, eċċ. U iktar ma jikber is-sehem tal-mara fis-soċjetà iktar se jikber il-ġid. Importanti li jkollna iktar nisa f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara dejjem ħeġġet lin-nisa biex iżidu l-livell ta' edukazzjoni tagħhom u jieħdu sehem aktar attiv fil-ħajja pubblika. Fuq kollox il-Kummissjoni dejjem irsistiet biex in-nisa jgħollu l-għarfien tad-dinjità tagħhom bħala bnedmin.

L-opportunitajiet ta' xogħol għan-nisa żdiedu ħafna, żdiedu wkoll il-benefiċċji għar-romol, għan-nisa miżżewġa u għas-*single parents.* Omm bi tfal żgħar tista' tieqaf mix-xogħol għal tlett snin *parental leave* u wara terġa' tirritorna għall-istess xogħol li kellha qabel.

Kull bidla, xi ftit jew wisq, toħloq problemi. U hekk ġara meta l-mara miżżewġa ħarġet taħdem barra mid-dar. In-nuqqas ta' l-omm barra mid-dar beda jinħass ġmielu. Ħafna drabi t-tfal, meta jirritornaw lura mill-iskola, isibu dar vojta. M'hemm ħadd min jilqagħhom, min ilestilhom it-te' u jitkellem ftit magħhom, ma' min jiftħu qalbhom. It-tfal beda jkollhom iċ-ċavetta tad-dar f'idejhom. Dan ma jfissirx li l-mara omm m'għandhiex dritt taħdem daqs ħaddieħor. Kultant ikun ta' bżonn finanzjarju. Għalhekk għandu jinħoloq kompromess bejn il-membri tal-familja kollha. Illum f'ċerti postijiet tax-xogħol, hemm il-possibbiltà ta' *flexitime* u anke ta' *reduced hours*, fejn il-mara tkun tista' tagħmel l-arranġamenti tagħha skond il-bżonnijiet tal-familja. Hawn l-opportunità wkoll ta' xogħol li jista' jsir mid-dar, fuq il-*computer* jew manwali. Qiegħdin jinfetħu *child care centres* li jilqgħu tfal żgħar ħafna u anke t-tfal meta dawn ikunu bil-vaganzi u l-omm tkun taħdem.

Minn meta akkwistat id-dritt tal-vot fl-1947, il-mara Għawdxija, bħal dik Maltija, inbidlet għall-aħjar f'ħafna oqsma. M'hemmx paragun bejn il-mara ta'dik inhar u l-mara tal-lum. Ir-ringrazzjament imur lejn dawk kollha li matul is-snin ħadmu għall-avvanz tal-mara. Però ma rridux inħallu l-progress u l-iżvilupp li għaddejjin minnu jkun ta' detriment għall-familja Għawdxija.

***Riferenzi***


Camilleri, F.,"*Trends In Female Employment In Malta*" in *Women In The Labour Market,* Mireva Publications 1997.

Dench in Tabone, C., *The Maltese Family in the Context of Social Change,* p235.

Ganado, H., Kap XXV *Rajt Malta Tinbidel Vol III* Stamperija l-Ħajja 1975.

Holdsworth, A., "Foreword" In *Out of The Doll's House* B.B.C. Enterprises Ltd. 1988.


# *Mary Xuereb*



***Is-soċjetà tagħna tal-lum, iddominata mit-teknoloġija, għandha bżonn ta' qalb ... Għandna bżonn nagħtu aktar spazju lir-"raġuni tal-qalb" ... Tajna ħafna spazju lill-kompjuter li "jaħseb" ... imma ħadd għadu ma ħareġ bil-possibbiltà ta' kompjuter li "jħobb" ...***

Dawn huma frażijiet meħudin mir-riflessjonijiet tal-predikatur tal-Papa, Padre Raniero Cantalamessa, li għalija personalment jagħmlu ħafna sens.

Minkejja li l-familja u l-ulied huma responsabbiltà maqsuma bejn il-ġenituri, dejjem jibqa' l-istint matern tal-mara li tgħaqqad il-familja. Fis-soċjetà Għawdxija hija l-mara li b'imħabba kbira tagħti dan il-kontribut lejn il-familja tagħha minkejja li f'dawn l aħħar snin xi rġiel bdew jagħtu s-sehem tagħhom ukoll.

Inħoss li huwa kontribut vast li l-mara tagħti ta' kuljum, u ħafna drabi, fis-skiet fil-komunità bħala omm, bħala *carer*, bħala edukatriċi u bħala sieħba attiva f'kull attività li tingħata. Il-parteċipazzjoni fix-xogħol volontarju li jagħmlu diversi nisa ma' anzjani, tfal u persuni b'diżabbiltà, huwa kollu xhieda tad-dedikazzjoni li l-mara Għawdxija tagħti lis-soċjetà tagħna. F'dawn l-aħħar snin diversi nisa tħarrġu sew f'oqsma ta'

arti u artiġanat u ngħatat spinta lill-arti tat-tisjir, ix-xogħol tal-bizzilla u l-ganutell kif ukoll bis-sehem f'attivitajiet kulturali u gruppi folkloristiċi.

Il-mara, kienet tirraġuna Edith Stein, għandha vokazzjoni differenti minn dik tar-raġel. Alla lill-mara żejjinha b'ħafna kwalitajiet sbieħ, fosthom dawk tal-ħniena, il-mogħdrija u l-kura ta' min hu ċkejken, batut u fil-bżonn. Min minna ma jarax b'għajnejh u jmiss b'idejh dan il-kontribut indispensabbli tan-nisa għawdxin? Il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II sejħilhom *"il-ġenju tal-mara."*

Minkejja dan, il-kontribut tal-mara mhux dejjem apprezzat. Kien hemm żmien meta l-mara kienet teżisti biss biex tkabbar il-familja, biex tagħmel il-faċendi tad-dar, biex issefter. Li mara toħroġ taħdem kienet xi ħaġa ta' barra minn hawn. Illum inħarsu lejn il-mara li toħroġ taħdem bħala mezz biex tkompli tiżviluppa l-personalità tagħha u biex ikollha s-sodisfazzjon li tavvanza fis-soċjetà. Pero' min-naħa l-oħra wisq nibża' li din it-tip ta' mentalità tista' ġġib fix-xejn il-prijorità tad-dedikazzjoni tal-mara fil-familja, partikularment fil-formazzjoni ta' l-ulied u tista' ġġib fix-xejn ukoll il-volontarjat, li kif aċċennajt għalih qabel, ħafna nisa u ommijiet jagħtu f'ħafna oqsma għawdxin.

Dan l-iżvilupp ma narawhx biss fis-soċjetà u fil-familja iżda wkoll fil-Knisja. Fl-Ittra Pastorali ta' l-Arċisqof ta' Malta l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca u ta' l-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fl-okkazjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, tas-sena 2000 bit-titlu "**Il-Mara fil-ħajja tal-Knisja**", insibu miktub hekk: *"li permezz tal-karizmi tagħhom, sa mill-ewwel żminijiet in-nisa kellhom sehem kbir u attiv fil-ħajja tal-Knisja. Kellhom ukoll sehem qawwi fit-tqegħid tas-sisien ta' l-ewwel komunità nisranija u tal-komunitajiet li ġew wara - il-martri, l-ommijiet tal-familja li bl-edukazzjoni li taw lil uliedhom skond il-prinċipji ta' l-Evanġelu għaddew lil ta' warajhom il-fidi u t-tradizzjoni tal-Knisja, in-nisa li baqgħu xebbiet biex jiddedikaw irwieħhom u ħajjithom għat-talb u biex jaqdu lill-proxxmu; u n-nisa kollha li kellhom xi sehem fil-missjoni tal-Knisja."*

Fi żmien meta l-Knisja qed twessa' dejjem iżjed l-ispazju għas-sehem tal-lajċi fil-ħajja tagħha, il-Knisja qed tinkuraġġixxi ukoll is-sehem tan-nisa. Ta' min isemmi l-kontribut imprezzabbli li qed jagħtu numru dejjem akbar ta' nisa katekisti, Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, letturi, kanturi, ostjarji u ħidmiet oħra pastorali. Huwa dmir tal-Knisja li tifforma u trawwem aktar lajċi nisa biex jagħrfu x'inhi l-missjoni tagħhom fi ħdanha. Imma dan ilħaqna l-għan tiegħu?

Żgur li għad fadal ħafna x'isir f'dan il-qasam biex il-Knisja tkompli turi l-inklużjoni, il-missjoni u l-apprezzament tal-mara fil-Knisja u fis-soċjetà.

# *Evelyn Galea*



Meta ninqabdu f'dawn it-tipi ta' polemiċi, speċjalment jekk irridu niddeċiedu jekk bidla seħħetx għall-aħjar jew għall-agħar, tħossok li hemm dejjem żewġ faċċati għal kull bidla; jiddependi kif tħares lejha.

Il-bidla saret l-iktar ħaġa normali; xejn ma jibqa' l-istess kemm fl-isfera naturali kif ukoll f'dak li hu fiżiku u soċjali. Il-mara Għawdxija wkoll għaddiet u għadha għaddejja minn żmien ta' bidla bħalma għaddew in-nisa kollha f'ħafna mill-pajjiżi żviluppati tad-dinja.

***L-ispinta ta' l-edukazzjoni***

F'dawn l-aħħar ħamsin sena l-bidla fil-mara kienet dovuta l-aktar għall-fatt li ħafna studenti bniet komplew kemm l-edukazzjoni sekondarja, kif ukoll dik terzjarja. L-għan tal-ġenituri ma kienx biss li t-tifla titlaq mill-iskola u tfittex tiżżewweġ imma kienu ħafna t-tfajliet li komplew l-edukazzjoni terzjarja fl-Università ta' Malta. Fil-fatt illum, sitta u ħamsin fil-mija ta' l-istudenti ta' l-Università huma tfajliet.

It-tfajliet komplew jinfiltraw fil-korsijiet kollha. Fejn qabel id-domejn tat-tfajliet kien fil-korsijiet ta' l-edukazzjoni u lingwi, f'dawn l-aħħar għoxrin sena kien hemm influss tat-tfajliet għall-korsijiet tal-mediċina, liġi, ICT, inġinerija , arti, xjenza u mużika. It-tfajla ttendiet li l-potenzjal tagħha hu bla limitu u t-tfajliet kienu mħeġġin biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Kienu kapaċi jiksbu suċċessi f'kull sfera daqs l-istudenti subien. Sabu li ma kien hemm l-ebda xkiel għalihom biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol fejn qabel kien hemm l-irġiel biss u l-kontribut li bdew jagħtu kien ta' sodisfazzjon għas-soċjetà, imma l-iktar għalihom infushom.

Dan kien l-ikbar sforz għall-bidla. In-nisa ħassew li għandhom rwol x'jaqdu fis-soċjetà; bdew jemmnu iktar fihom infushom, saru kunfidenti u assertivi. Huma mlew postijiet t'awtorità għax kienu kapaċi u sabu ħafna sodisfazzjon fix-xogħol. It-tfajla li ma segwietx l-edukazzjoni tagħha, bdiet tfittex xogħol fil-fabbriki, fl-artiġanat, fil-ħwienet u f'servizzi oħra essenzjali fl-oqsma tas-saħħa u l-finanzi li kien hawn fil-pajjiż. Il-mara Għawdxija minn dejjem kienet ħabrieka għax-xogħol u ħafna nisa għawdxin kienu saħansitra jaqsmu lejn Malta fejn kienu jagħtu l-ġurnata tax-xogħol tagħhom. In-nisa saru iktar finanzjarjament indipendenti.

Fl-isfera naturali, il-mara baqgħet l-istess: il-ġibda li tħoss lejn is-sess oppost, il-bżonn li tħobb u tkun maħbuba, u l-irwol li ma jista' qatt jinbidel, dak li ssir omm u ġġib it-tfal fid-dinja biex il-ġens jekk mhux joktor almenu jibqa' għaddej. U l-iktar żmien opportun it-tfajla tħossu meta tissetilja fuq ix-xogħol u jieqaf it-taħbit u l-impenn ta' żmien ta' studju u eżamijiet.





**Fuq ix-xogħol u fid-dar**

Iż-żwieġ ikkomplimenta l-ħajja tax-xogħol u ħafna koppji bdew jitgħallmu jqassmu bejniethom ix-xogħol tad-dar. Bħalma t-tnejn għandhom il-*job* tagħhom, ix-xogħol tad-dar ma baqax biss il-prerogattiva tal-mara, imma issa t-tnejn bdew jaqsmu bejniethom xogħol ta' tisjir, xiri u tindif u b'hekk kibru l-qsim, id-djalogu u l-komunikazzjoni. Il-mara bdiet tifhem iktar l-għejja li tiġi biha minn fuq ix-xogħol u l-isfidi li tiltaqa' magħhom, u r-raġel beda jifhem aktar l-importanza tax-xogħol tad-dar. Dan kollu jimxi ħarir meta tnejn min-nies jemmnu fl-impenn li għandhom lejn xulxin, jimmaturaw fir-relazzjoni tagħhom u jemmnu li t-tnejn jaħdmu għal xulxin, mhux bil-kejl imma bl-imħabba.

Pass ieħor importanti hu meta koppja tiddeċiedi li tibda familja. Hawnhekk l-irwol jaqa' ħafna fuq il-mara, li għal xi żmien trid tpoġġi l-familja qabel ix-xogħol u trid tkun lesta li tieqaf mix-xogħol għal xi perijodu biex tkun tista' trabbi l-ulied. Ħafna mill-pajjiżi ċivilizzati, inkluża Malta, irrikonoxxew dan l-irwol tal-mara u lleġiżlaw favur tlettax-il ġimgħa *maternity leave* imħallas lin-nisa li jkunu waslu biex iwelldu, kemm dawk li jkunu jaħdmu mal-gvern kif ukoll ma' azjendi privati. Barra dan il-*leave*, jeżisti *leave* ieħor minn sena sa ħames snin mhux imħallas, meta l-mara jew ir-raġel jista' jieħu *parental leave* biex xi ħadd minnhom jibqa' d-dar ħalli jieħu ħsieb it-tfal. Hija deċiżjoni tal-koppja biex jagħmlu l-arranġamenti neċessarji u meħtieġa biex it-tfal jitrabbew kemm jista' jkun mill-ġenituri tagħhom.

Jekk l-omm tiddeċiedi li tkompli taħdem, bi ftehim ma' żewġha, għandha tkun lesta biex iġġorr iż-żewġ pižijiet, kemm dak tax-xogħol kif ukoll dak tal-familja, u la għandha tbati l-familja u l-anqas jonqos il-kontribut li wieħed għandu jagħti fuq il-post tax-xogħol.

Meta tikkonsidra r-rwol tal-mara fis-soċjetà tal-lum, l-iktar li m'għandhomx jinbidlu huma l-valuri tal-familja li tħaddan il-koppja. Il-familja trid tibqa' n-nukleu l-iktar importanti li jeżisti fis-soċjetà. Familji b'saħħithom jiffurmaw soċjetà b'saħħitha. Il-familja u x-xogħol jistgħu jaħdmu id f'id jekk il-mara jkollha s-sapport ta' żewġha. M'huwiex l-irwol tal-mara biss li nbidel, iżda jeħtieġ li jinbidlu wkoll l-attitudnijiet ta' l-irġiel lejn il-mara li taħdem. Fejn qabel in-nisa u l-irġiel kienu fuq żewġ binarji paralleli, wieħed fuq ix-xogħol u l-oħra d-dar, illum għandna koppji, u dan huwa pożittiv, li jaqsmu x-xogħol kemm barra, kif ukoll fid-dar. Fejn koppja tiftiehem, dan hu ambjent iżjed b'saħħtu u interessanti; u huwa kollu dovut għall-isfidi li affaċċjat il-mara matul iż-żmien.







# ĦATRA TA' ĠIEĦ U DMIR FIL-VATIKAN



Monsinjur Alfred Xuereb inħatar it-tieni segretarju tal-Q.T. Papa Benedittu XVI fil-Vatikan. Hu qiegħed jieħu din il-kariga wara li Mons. Mieczyslaw Mokrzycki inħatar mill-Papa, Arċisqof Koadjutur ta' l-Arċidjoċesi ta' Lviv tal-Latini.

Għal saċerdot Għawdxi, din hija ħatra straordinarja għaliex fil-ħidma ġdida li l-Knisja qed tafdalu, Mons. Xuereb se jkun jaħdem mill-qrib mal-Q.T. il-Papa, u dan hu ta' l-ogħla ġieħ għal Malta u Għawdex.

Dun Alfred, kif kulmin jafu mdorri jsejjaħlu, irċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali mill-Isqof Nikol Cauchi nhar is-26 ta' Mejju 1984, flimkien ma' Dun Mario Grech, illum Isqof ta' Għawdex. Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Istitut Pontifiċju ta' l-Ispiritwalità "Teresianum" f'Ruma fejn ħa dottorat fit-teoloġija bi speċjalizzazzjoni fl-Ispiritwalità. Dun Alfred jgħożż it-tmien snin ta' ħidma pastorali li għamel bħala Viċiparku f'żewġ parroċċi mdaqqsin f'Ruma - ħidma li hu baqa' jqisha bħala waħda li kienet ta' għajnuna kbira għalih biex jifhem fil-fond is-sens tal-Ministeru Saċerdotali li kien irċieva Għawdex.

Fis-sena 1991, Dun Alfred inħatar segretarju tar-Rettur ta' l-Università Pontifiċja tal-Lateran u erba' snin wara beda jaħdem fl-ewwel taqsima tas-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan. Matul dan iż-żmien, Dun Alfred ta servizz fin-Nunzjatura Appostolika fil-Kanada. Fis-sena 2000, hu ġie trasferit fil-Prefettura tal-*Casa Pontificia*, ufficċju li għandu l-kompetenza u d-dmir li jorganizza l-udjenzi kollha tal-Papa. Minbarra dan, erba' snin ilu Dun Alfred ingħata kariga ta' Prelat fl-*Anticamera* tal-Palazz Appostoliku u kien wieħed mis-saċerdoti li jakkumpanjaw lill-personalitajiet li jżuru lill-Papa.

Dwar il-ħatra tiegħu bħala t-tieni segretarju tal-Q.T. Papa Benedittu XVI, l-uniku kumment li "Il-Ħajja f'Għawdex" irnexxielha tieħu minn Mons. Alfred Xuereb kien: "Jien inqis din il-ħatra bħala pass ieħor fil-mixja tiegħi wara Kristu li sejjaħli għal warajh, żagħżugħ seminarista u għadu jsejjaħli llum bħala saċerdot, ministru Tiegħu."

***X'qalulna dwar Mons. Alfred Xuereb, persuni li huma midħla tiegħu:***

**Kan. Joe Mejlak (Victoria)** : "Rajtu jitwieled, jikber u jitrabba fl-imħabba u l-għożża t'ommu u ta' missieru, oħti u żewġha. Umli, ta' rispett, kwiet u jaf iħobb; ta' l-affari tiegħu u jrid kollox perfett. Ċajta jeħodha. Ħsiebu fija u spiss jibgħatli xi SMS minn Ruma."

**Lucia Labellarte (Parrocchia della Natività - Roma)** : "*Generoso nella carità, fiducioso e perseverante nella preghiera, desideroso in amore crescente verso il Signore. Sempre aperto ad ogni progetto di Dio nella sua vita come un vero figlio della Chiesa, darà al Santo Padre prezioso e splendido servizio.*"

**Mons. Giuseppe Attard (Parroco - S. Ignazio di Antiochia, Roma)** : "Naħseb li meta ngħixu l-vokazzjoni tagħna b'offerta totali u b'imħabba ġeneruża, il-Mulej jagħmel minna persuni tabilħaqq hienja."

**Olga Petosa (Ottawa)** : *I find that I feel particularly overjoyed by this news through the quiet peace I feel, that despite the supreme privilege and prestige of such a position, he'll more likely be more humble than ever, being evermore conformed to Christ's own attitude of servitude and humility.*"

**Antida Frendo (Victoria)** : "Saċerdot eżemplari, umli u jinteressa ruħu f'kulħadd; iħares lejn kull sitwazzjoni b'mod prattiku u mingħajr preġudizzju."

**Martin Portelli (Victoria)** : "Jgħożż il-paċi tal-qalb li jsib fl-ispiritwalità; bniedem mingħajr kburija u għandu s-sabar u l-ħila biex jisma'...u jifhmek. Nirringrazzja lil Alla li f'ħajti laqqani fi ħbiberija ma' Dun Alfred."

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -156
Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2007

# L-ispiża taż-żejt u tal-kastellani fit-Torrijiet tal-kosta

**Id-dokument numru mija u sitta u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu l-ħlas ta' l-ispiża taż-żejt fit-torrijiet tal-kosta Għawdxija u tal-pagi lill-kastellani. Nhar it-18 ta' April, 1707, l-Università awtorizzat sitt ħlasijiet. Jinsabu reġistrati fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1706–1707), folju 24r-v (NAG, UG, *Acta,* 9/1706–1707, f. 24r-v).**



Din hi traskrizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet imsemmija għat-torri ta' Daħlet Qorrot:

> *Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere di questa Università del Gozo, pagarete al Mastro Giovanne Maria Gafar, castellano della Torre Dahlet Qorrot, Scudi quattordici di moneta; se gli devono cioè Scudi 2 per prezzo dell'oglio consumato in tutto l'anno nella garita di detta torre e Scudi 12 per suo salario di mesi quattro incominciati il primo gennaio passato da finirsi l'ultimo instante, a ragione di scudi trenta sei l'anno gli da detta Università per suo trattenimento; di che tirando nostra cautela ponerete a nostri conti, li 18 aprile 1707.*

Għall-ħarsien tal-Għawdxin u ta' Għawdex mill-pirati, mill-kuntrabandisti, u mill-għedewwa, l-Università ta' Għawdex kienet bniet spejjeż tagħha diversi torrijiet madwar il-kosta tal-gżira. Dawn it-torrijiet kienu mgħammra bl-armamenti - kanuni, xkubetti, xwabel, u armi oħra - mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-mexxejja ta' Malta dik il-ħabta. Iżda ż-żamma tat-torrijiet kien piż ta' l-Università.

Dan kien piż kbir ħafna. Barra milli tħallas il-pagi tal-għassiesa u nies oħra, barra milli tħallas għaż-żejt għall-imsiebaħ, riedet taħseb ukoll għat-tiswija ta' dawn it-torrijiet. Billi kienu mibnija mal-kosta, ir-raxx tal-baħar meta jonfoħ ir-riħ kien jagħmlilhom ħsara kbira. Il-ġebel kien jibda jittiekel u jekk ma ddurux fil-pront issir ħsara kbira.

Qegħdin nagħtu traskrizzjoni tal-ħlas tas-salarju mogħti lil Ġamri Gafà, il-kastellan tat-Torri ta' Daħlet Qorrot għall-ewwel terz tas-sena 1707, tliet mit sena ilu. Dan tħallas salarju ta' tnax il skut (€ 2.33), terz tas-salarju annwali ta' sitta u tletin skut (€ 6.98).

Barra dan, il-kastellan Gafà ingħata wkoll ħlas ta' żewġ skuti (€ 0.39) għaż-żejt li kien jintuża għall-musbieħ fil-*garita.* Il-*garita*, li ġie li tinkiteb ukoll *garitta* hi kelma bl-Isqalli li ma daħlitx fil-Malti mitkellem. Tfisser *piccolo rifugio durante le intemperie* jew *piccolo rifugio di sentinella;* jiġifieri kmajra għas-serħan jew waqt xi maltempata, jew inkella, bħal f'dan il-każ, kmajra fejn jistrieħ is-sentinella jew il-għassies, imsejjaħ fid-dokument kastellan.

Il-ħlas għaż-żejt, b'differenza tas-salarju, kien ħlas għal sena sħiħa. Milli jidher minn dawn id-dokumenti, dan kien ħlas stabbilit għat-torrijiet kollha. Infatti nħarġet l-istess somma ta' żewġ skuti (€ 0.39) għat-torrijiet tax-Xlendi, tad-Dwejra, u ta' Mġarr ix-Xini.

Il-kastellani u l-ajjutanti tagħhom ma kinux jitħallsu l-istess. Din li ġejja hi lista tas-*salarji ta' sena* fl-erba' torrijiet tal-kosta ta' Għawdex.

| *Torri* | | *Skuti ta'* | *Impjieg* | *Żejt* |
|---|---|---|---|---|
| Daħlet Qorrot | Ġamri Gafà | Kastellan | 36 | 2 |
| Xlendi | Ġużepp Falson | Kastellan | 20 | 2 |
| Dwejra | Qusman Xeberas | Ajjutant | 25 | |
| Dwejra | Indri Pace | Kastellan | 20 | 2 |
| Mġarr ix-Xini | Ġulju Muscat | Kastellan | 36 | 2 |
| Mġarr ix-Xini | Anton Mercieca | Ajjutant | 25 | |

Il-Għawdxin ta' tliet mit sena setgħu jorqdu b'moħħhom mistrieħ għax kienu jafu li, jekk jinqala' xi saram, il-kastellani jew l-ajjutanti tagħhom ma jdumux ma jagħtu l-alarm.

***Nota: Lm1 = 12-il-skut = 2.33 Ewro.***
***Għalhekk 1 skut = € 0.194***

# "PROVIDENCE UNLIMITED"

## 1 MHIX FABBRIKA

Dun Mikiel Azzopardi kien jafda ħafna fil-Providenza t'Alla. Kien jgħid:

**"Il-Providenza t'Alla**
**mhix bħal xi fabbrika *limited***
**iżda *Providence Unlimited.*"**

Kellu fiduċja għamja f'Alla, fil-Madonna u fil-Maltin...

*(mill-ktieb "Id-Dar tal-Providenza Minsuġa fil-Ħajja ta' Mons. Mikiel Azzopardi" Ta' Patri Alexander Bonnici o.f.m. conv.)*

**KLIEM KRISTU:**

*"Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema,*
*la jiżirgħu, la jaħsdu, u lanqas igeddsu fl-imħażen.*
*U madankollu **MISSIERKOM***
*li hu fis-smewwiet jitmagħhom.*
*Intom ma tiswewx aktar minnhom?"*

*"Ħarsu lejn il-ġilji ta' l-għelieqi kif jikbru,*
*u la jitħabtu u lanqas jinsġu...*
*Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa...*
*kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna?"*

*"Għalhekk toqgħodux tinkwetaw ruħkom u tgħidu:*
*X'se nieklu, jew x'se nixorbu jew x'se nilbsu?*
*Għax dawn huma kollha ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani.*
*Imma missierkom li hu fis-smewwiet,*
*jaf li dan kollu teħtiġuh."*

(Matt. 6, 26-30)

## 2 IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

Nru 321: Il-Providenza t'Alla hi d-dispożizzjonijiet li bihom Alla b'għerf u b'imħabba, iwassal il-ħlejjaq għall-għan aħħari tagħhom.

Nru 313: San Tumas More, ftit qabel il-martirju farraġ lil bintu: "Ma jiġri xejn li ma jkunx iridu Alla. Issa, kull ma jrid Hu, ħażin kemm narawh ħażin aħna, hu madankollu dak li hu l-aħjar għalina."

## 3 ĠRAJJA

Fl-1787, George Washington, l-ewwel President ta' l-Istati Uniti, laqqa' Kabinett ta' ħamsa u ħamsin membru f'kunsill biex jiddiskutu l-futur tal-pajjiż. Franklin, membru mdaħħal fiż-żmien, qam bilwieqfa u qalilhom:

*"Gentlemen, let us pray."*

Jien issa mdaħħal ġmieli fiż-żmien u aktar ma nixjieħ, dejjem aktar nittendi li Alla hu li jmexxi d-destini tal-bnedmin. Jekk għasfur tal-bejt lanqas itir mingħajr ir-rieda t'Alla, jista' qatt pajjiż jagħmel progress mingħajr l-għajnuna tiegħu?"

*(A Vademecum of Stories by Rev.Mauricio Rufino, St Paul's Publication, 1972)*

## 4 KLIEM SAN ĠORĠ

"Alla jmexxi u jiggverna kollox
bil-Għerf u bil-Providenza
U għaldaqstant qatt ma jiġri xejn bl-addoċċ." (Nru 93)

"Xejn la tiddejjaq rigward ħwejjeġ ta' din il-ħajja." 'Fittex l-ewwel - qal Kristu - is-saltna t'Alla u l-mezzi li jwassluna fiha, u kull bżonn ieħor jiġi lilkom mogħti mill-Providenza t'Alla.'

*(Direttorju Spiritwali, ktieb ta' San Ġorġ Preca)*

## 5 IL-PROVIDENZA TA' ALLA MESSEWHA B'IDEJHOM

**DON BOSCO:**

"Jiena nafda għal kollox fil-Providenza t'Alla. Imma naf ukoll li l-Providenza trid li aħna nagħmlu ħilitna kollha".

"Qegħdu l-ġid tagħkom fil-Bank tal-Madonna u tirbħu imgħaxijiet kbar."

*(Don Bosco, minn Dun philip Grech)*

**DON LUIGI ORIONE:**

*(li bena bosta istituti għat-tfal foqra u ltiema fl-Italja)*

"Jien għandi fidi kbira fil-Providenza t'Alla. Tiddubitawx. Il-Providenza taħseb għal kollox."

**Il-kredu tiegħu:**
*"Digitus Dei ist Hic"*
"Hawn is-saba' t'Alla hawnhekk".
"Ħalli liberu s-saba' t'Alla, ħalli jagħmel kollox hu."

*(Don Orione 'Folle di Dio', Don Alessandro Pronzato)*

**PAPA ĠWANNI XXIII:**

"Dejjem nimxi id f'id mal-Providenza t'Alla. Dejjem nimxi pass pass mal-Providenza, mingħajr ma nimxi qabilha."

"Aħna nixbħu lill-għasafar fil-bejta. Kif huma għandhom bżonn t'ommhom, hekk aħna għandna bżonn tal-Providenza. U l-Providenza dejjem tasal fil-ħin."

"Aħna f'idejn Alla...mela f'idejn tajba."

F'diskors nhar il-5 ta' Diċembru 1962, Papa Ġwanni qal:

"Uliedi, il-Providenza takkumpanjana."

**MADRE TEREŻA:**

"Aħna niddependu unikament mill-Providenza t'Alla. Kristu qalilna li f'għajnejh, aħna niswew aktar mill-ward, mill-ħaxix u mill-għasafar."

# DAWL GĦALL-ĦAJJA

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*




"Alla jieħu ħsieb tal-morda tagħna. Qatt ma konna tant fil-bżonn li kellna nibagħtu lil xi ħadd 'il barra, minħabba nuqqas ta' spazju jew ta' ikel. Alla kien dejjem magħna. Hu jħobbna u jieħu ħsiebna."

*("La Gioia di Darsi agli Altri" Madre Teresa, Ediz Pauline)*

## 6 ĠRAJJA LOKALI

*Ġrajja meħuda mill-**Bijografija ta' Dun Mikiel Azzopardi** miktuba minn patri Alexander Bonnici o.f.m. conv.*

"Flus ma kienx hemm lanqas biex jitħallsu l-impjegati...u Mons. Azzopardi, dakinhar filgħodu qabel il-quddiesa, ġabar lis-sorijiet fis-sagristija u qalilhom biex jitolbu ħalli l-Mulej jipprovdi mqar biex jitħallsu l-pagi.

F'nofs il-quddiesa, daħlu żewġ nisa, daqsxejn imdaħħlin fiż-żmien, u riedu jkellmu lill-Monsinjur...Wara l-quddiesa dawn tawh envilopp bil-flus. Kien fih tnax-il elf lira li kienet is-somma eżatta li kellu bżonn biex jitħallsu l-pagi.

Huma qalulu li, siegħa qabel, kienet ġiethom l-ispirazzjoni biex dawk il-flus li kellhom jagħtuhom lilu għad-Dar tal-Providenza...

**Tassew ma kienx għalxejn li hu kien jafda fil-Providenza.**

*(pp 281, 282)*

## 7 KLIEM GĦAQLI

**Il-Providenza hi l-kura li Alla jieħu tal-ħlejjaq tiegħu.**
*S. Ġwann Damaxxenu*

***There is a divinity that shapes our ends.***
*William Shakespeare*

**Jien nemmen bis-sħiħ fil-providenza t'Alla.**
**Mingħajrha żgur li niġġennen.**
**Mingħajr Alla d-dinja kobba mħabbla.**
*Woodrow Wilson*

**Il-preżent inwettquh billi nagħmlu dak li hu sewwa.**
**Il-futur inħalluh f'idejn Alla.**
*Francis Bacon*

**Fil-ħidmiet kollha tiegħek, afda fil-providenza t'Alla.**
**Imxi id f'id m'Alla ...Attent li ma titlaqx Idejh .**
**Għax jekk titilqu,**
**ma tkunx kapaċi timxi pass wieħed 'il quddiem,**
**mingħajr ma taqa' fl-art.**
*San Franġisk de Sales*

*(More Quotes and Anecdotes, Anthony P. Castle, St Paul's Publications)*

*TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI* (57)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SITT PARTI)*

## *XBIHAT TAL-KNISJA FIT-TESTMENT IL-ĠDID*

- Il-Knisja hija "**il-Poplu t'Alla tal-Liġi l-Ġdida**"; Il-Kostituzzjoni *Lumen Gentium* tgħallimna li "Kristu waqqaf il-patt ġdid, jiġifieri l-alleanza ġdida f'demmu, fil-waqt li sejjaħ il-Lhud u l-ġnus, biex jingħaqdu mhux skond il-ġisem, imma skond l-ispirtu u jifformaw il-Poplu l-Ġdid t'Alla. Infatti dawk li jemmnu fi Kristu saru "ġens maħtur, sacerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih..., li darba ma kienx poplu, imma issa sar il-poplu t'Alla" (n.9).

Kif jikkummenta Henri de Lubac ("*The Splendour of the Church*", kap II, paġna 42) "L-ewwel trasformazzjoni tal-Knisja seħħet, meta Iżrael tal-ġisem inbidel f'Iżrael ta' l-ispirtu. It-tieni bidla hija t-trasfigurazzjoni glorjuża, fl-aħħar taż-żminijiet, meta d-dinja ta' l-art tidħol fl-istat definittiv tagħha bħala Knisja tal-ġenna".

- Il-Knisja ġiet imsejħa "**Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu**". Din it-tixbieha hija mibnija fuq it-tagħlim ta' San Pawl li jgħallem li l-insara huma membri ta' l-istess ġisem li tiegħu Kristu hu r-ras "Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja, hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox" (*Kol.*1.18). Dwar Kristu u l-Knisja tiegħu, San Pawl jgħid ukoll li Alla "qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox" (*Efes.*1,22).



Minn Kristu li huwa r-Ras tagħha u li miegħu hija magħquda, il-Knisja tirċievi l-ħajja tal-grazzja "Imma waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu. Fih il-ġisem kollu, jsib ir-rabta u l-għaqda tiegħu permezz ta' l-għekiesi kollha li jservuh skond il-ħidma ta' kull waħda minnhom, biex jikber fih innifsu" (*Efes.*4,15-16). Fil-*Lumen Gentium* (n.7) naqraw "Kif il-membri kollha tal-ġisem tal-bniedem, għalkemm huma ħafna, jifformaw ġisem wieħed, hekk ukoll jagħmlu ġisem wieħed il-fidili fi Kristu (ara 1 *Kor.*12,12). Fil-bini tal-ġisem ta' Kristu hemm ukoll ħafna membri differenti u ħidmiet differenti".

- Barra minn dawk li semmejna , fil-kotba tat-Testment il-Ġdid għandna wkoll **tixbihat oħra**. Il-Knisja hija **l-binja** li tagħha, Kristu huwa l-bennej. Huwa għażel bħala pedament tagħha lil Pietru, bniedem li minnu nnifsu huwa dgħajjef, iżda minn Kristu ġie mibdul f'ġebla sħiħa, li ma tiġi qatt nieqsa. "Fuq din il-ġebla, nibni l-Knisja tiegħi" (*Mt.*16,18). San Pawl ixebbahha ma' **dar** mibnija fuq il-blat sod "Intom il-bini ta' Alla...Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu" (*I Kor.*3,9,11).

Hija **l-maqjel** li tiegħu Kristu huwa l-bieb waħdieni u meħtieġ (*Ġw.*10,1-10; *Lumen Gentium,* n 6.). Il-Knisja hija **l-merħla** li tagħha Kristu huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li dwarha l-profeti (*Iż.*40 11 u *Eż.*34,11f.) ħabbru li Alla nnifsu kellu jkun ir-ragħaj tagħha. San Pietru, jikteb

"Meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx" (*I Pt.*5,4). Kristu jistqarr li huwa "Ir-Ragħaj it-Tajjeb li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu" (*Ġw.*10.1-15; *Ġw.*10,11). Skond San Pawl, il-Knisja hija **l-għalqa** li jaħdimha Alla (*I Kor.*3,9). Fil-Vanġelu ta' San Mattew (21,33-43; cfr. *Iż.*5,1) fil-parabbola ta' l-**għalqa ta' dwieli** hemm allużjoni għall-Knisja. Ġesù jsejjaħ lilu nnifsu "dielja vera" (*Ġw.*15,1-5). Hija **l-art** li bħal għalqa tad-dwieli magħżula, ġiet imħawla mill-Bidwi tas-Sema (*Mt.*21,33-47).

Imsemmija wkoll is-**siġra taż-żebbuġ**, li l-għeruq qodma tagħha huma l-profeti u li fiha l-Lhud u l-pagani tlaqqmu flimkien (*Rom.*11,13-26). San Pawl jgħid li l-Knisja hija mhux biss "**id-dar ta' Alla**" (*I Tim.*3,15), iżda wkoll "**għamara ta' l-Ispirtu s-Santu**" (*Efes.*2,19-22). San Pietru jsejħilha "**tempju qaddis**" (*I Pt*,2,5) u San Ġwann "**l-għamara t'Alla mal-bniedmin**" (*Apok.*21,3).

Fl-Apokalissi, il-Knisja tissejjaħ "**il-belt imqaddsa**" (*Apok.*21,1-2;Cfr *Apok.*12-17). Fl-ittra lill-Galatin (4,26) San Pawl jgħid għaliha "Iżda Ġerusalemm ta' fuq, li hi ommna". San Pawl dwar ir-relazzjoni ta' Kristu mal-Knisja, jafferma li "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, hija "**għarusa**" "sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" (*Efes.*5,25-26,29). Iktar minn darba l-Apokalissi, jirriferi għaliha bħala "**l-għarusa tal-ħaruf**" (*Apok.*19,7;21, 2-9;22,17).

Il-Knisja hija **Omm u xebba**. Il-Knisja, waqt li tikkontempla l-qdusija tal-Missier, u timita l-karità tiegħu, meta tirċievi l-kelma t'Alla bil-fidi, hija wkoll issir omm. Bix-xandir tal-kelma hija tagħti ħajja ġdida u mmortali, lill-uliedha li jitwieldulha permezz tal-Magħmudija "imnisslin minn Alla, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-Knisja hija wkoll verġni li tħares sħiħa u safja l-kelmiet li tat lill-Għarus tagħha" (*Lumen Gentium*, n. 64).

Huwa xbieha wkoll tal-Knisja, **il-liżar** nieżel mis-Sema, li lemaħ San Pietru fil-viżjoni li kellu, meta kien fit-triqtu minn Ġaffa għal Ċesarija (*Atti.*10,11) għax fil-Knisja huma msieħbin nies ta' kull razza u ġens.

It-tagħlim, dwar il-figuri tal-Knisja, il-*Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, jiġbru f'dan il-paragrafu (n.148) "Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu għad kbir ta' xbihat, li juru aħjar aspetti kumplimentari tal-misteru tal-Knisja. It-Testment il-Qadim jagħti importanza speċjali lix-xbihat marbutin mal-poplu t'Alla; it-Testment il-Ġdid, jippreferi dawk marbuta ma' Kristu, bħala r-ras tal-poplu tiegħu, li huwa l-Ġisem tiegħu, u xbihat oħra meħudin mill-ħajja tar-ragħajja, (il-maqjel, il-merħla, u n-nagħaġ) tal-biedja (il-għalqa, is-siġra taż-żebbuġ, id-dielja) tal-bini (id-dar tal-ġebel, it-tempju) u tal-familja (l-għarusa, l-omm, il-familja)".

*(jissokta)*






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tieni Parti )*

## IX-XOGĦOL TAL-FUĦĦAR

***Fejn kien isir***

Ix-xogħol tal-fuħħar fil-gżira Għawdxija, qabel ma nqered għal kollox, kien isir mill-familja Sacco, ir-Rabat, Għawdex, li kellhom il-forn tagħhom wara San Franġisk. L-aħħar wieħed li kien jaħdem xi xogħol tal-fuħħar kien Pawlu li aħna kellimnieh nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 1993, id-dar tiegħu fi Triq San Duminku. Qabel ma kien jaħdem il-fuħħar, missieru kien magħruf bħala 'tal-Fuħħar' li kien tgħallem is-sengħa mingħand missieru Ġużepp, li allura jiġi n-nannu ta' Pawlu. F'din il-familja kien hemm ukoll Salvu li jiġi ħu Ġużepp li kien ukoll jaħdem il-fuħħar wara San Franġisk.

***Oġġetti tal-fuħħar***

Pawlu kien jaħdem **bwieqi** jew **bieqji**, **imsiebaħ**, **imnajjar** u **borom tal-għasafar**, jiġifieri reċipjenti żgħar minfejn jixorbu l-għasafar.

Fi żmien missieru s-sengħa kienet ikbar għax kien jaħdem ukoll **qliel tan-naħal**, **bomblijiet għas-sajjieda**, **qsari**, **platti**, **qnanat tax-xorb**, **qliel għall-ilma**, **żjar**, xi **barrada**, **dorog**, **katusi u minkbijiet** u anki xi **lembija**.

Id-differenza bejn **qannata** u **qolla** hi għax il-qannata tkun iżgħar. Dawn iżommu l-ilma frisk. Il-qnanet kienu jużawhom ukoll biex jaħżnu fihom il-ġobon maħsul jew tal-bżar. Il-qannata tax-xorb kienet tissejjaħ hekk għax kien ikun fiha l-ilma biex jixorbu minnha.

***It-Tafal***

L-aħjar tafal għax-xogħol tal-fuħħar kienu jġibuh minn taħt iż-Żebbuġ, mill-għolja ta' La Veċċa, fejn illum hemm il-*Pumping Station*. Kienu jġibuh niexef fuq xi karrettun.

Wara li jġibuh kienu jnaqquh sewwa mill-ġebel, żrar u mħar, għax jekk jibqa' minn dawn l-impuritajiet fit-tafal, il-qannata tixpakka. Imbagħad il-għaġna ssir fl-art u wara jqegħduha fil-lembi.

Issa qabel issir il-għaġna, it-tafal kienu jgħarbluh, imbagħad ta' wiċċ il-għarbiel jixtħuh fuq il-għaġna li jkun hemm fil-lembi biex it-tafal jixxotta. Meta l-għaġna tkun saret biex tinħadem, titqatta' bċejjeċ kull waħda twila xi pied u nofs u titqiegħed fejn **it-torn**, jiġifieri **r-rota tal-fuħħar**, fejn tinħadem.

***Għodod***

Lil missieru, Pawlu kien ilestilu kollox, kemm it-tafal, kif ukoll l-ilma ħdejn **it-torn**, kemm jibda jaħdem.

Minbarra t-torn, il-għodda tal-fuħħar kienet tikkonsisti f'**biċċa ħajta**, **biċċa moxt għas-sinjali u d-disinni**, u **biċċa ċarruta** ħalli jillixxa l-qannata, il-qolla jew il-qasrija, qabel ma jagħmel id-disinn.

***Disinni***

Id-disinni kienu jieħdu sura ta' **mriewaħ**, **żig-żag**, **mewġ**, u **faxxi**. Il-qsari kien ikun fihom diversi disinni u fuq nett kienu jkunu bil-**pizzi** li l-fuħħar kien jagħmilhom b'sebgħu. Il-ħajta jużaha biex jaqta' l-qolla jew qannata minn wiċċ it-torn.

***Il-Forn***

Il-forn kien isir darbtejn fis-sena, qisu kull sitt xhur. L-ewwel fuħħar li jagħmlu kienu jqegħduh ġewwa kamra għaliha, magħluqa, biex ma jinxifx iżżejjed u hekk jibqa' bejn niexef u mhux. Ix-xogħol kienu jaħdmuh ftit ftit u jħalluh jumejn fix-xemx biex jinxef sewwa. Il-platti, bwieqi u affarijiet żgħar bħal dawn kienu jdewmuhom minn tlieta sa erbat ijiem fix-xemx biex jinxfu. Iżda l-qliel, bombli, qnanat, kienu jqegħduhom f'kamra biex ma jinxfux iżżejjed.

Il-forn kien ikun mibni qisu kamra, u kien ikun bil-ħnejjiet. Kien ikollu bieb li minnu jidħol raġel u fis-saqaf kien ikollu tieqa ftit 'l isfel mis-saqaf li tkun tista' tinfetaħ u tingħalaq.



Ħajr: Guido Lanfranco

Qabel xejn kienu jsaħħnu l-forn b'qatta qasbija biex ma jkunx kiesaħ. Imbagħad inaddfuh sewwa. Wara dan, iqiegħdu erba' ġebliet tar-ratba fin-nofs. Il-ġebla tar-ratba tiflaħ ħafna għan-nar. Il-ġebliet tan-nofs kienu jagħmluhom bħal ħajt fin-nofs.

Imbagħad jibdew biex "jibnu l-forn". Dan ifisser li jibnu fuq xulxin l-oġġetti l-kbar bħaż-żjar (wieħed żir) li jkunu n-naħa ta' isfel u mbagħad jibnu fuq xulxin bħal ħajt tas-sejjieħ, imma f'sura ta' ħnejja. Il-"bini tal-forn" isir b'oġġetti differenti: fejn tidħol qasrija, fejn qolla, fejn qannata u l-oġġetti ż-żgħar fuq nett f'għamla ta' piramida. Kien ikollhom bosta minn dawn il-piramidi ġewwa l-forn. Biex jibnu forn sħiħ kienu jieħdu ġurnata u nofs.

### *Il-Ħami*

Meta x-xogħol kien ikun lest jagħtuh in-nar. In-nar jagħtuh bil-mod, l-ewwel bi ftit ħatbiet u jħalluh jaqbad xi tliet sigħat jew erbgħa bil-ħatab irqiq. Wara tliet sigħat jagħtuh il-ħatab sew bħall-forn tal-ħobż. L-oġġetti kienu jdumu jumejn bil-lejl u bin-nhar bin-nar magħhom. Wara jħalluh lejl u ġurnata biex jiksaħ.

Il-forn kellu tieqa fis-saqaf li kienu jagħlquha meta jtuh in-nar u wara jifthuha biex jiksaħ. Iżda kienu jridu joqogħdu attenti għax jekk il-fuħħar jidħol ir-riħ miegħu kien jixpakka.

Meta l-forn ikun jinħema l-aħħar nofs ta' nhar kienu jagħtuh ħemel qasbija (xi tnax-il qatta) u ħemel xewk biex il-fuħħar jibjad. Barra minn dan kienu jqiegħdu żewġ qnanat tal-bir fil-bieb tal-forn biex minnhom ikunu jafu jekk il-fuħħar ikunx sar. Il-bieb tal-forn ma jingħalaqx.

Meta l-forn jiksaħ, imbagħad kienu jħottuh. Wieħed jidħol fil-forn u l-ieħor joqgħod fil-bieb tal-forn inewwel. Ħafna mill-fuħħar kien joħroġ miksur. Dan kien isir xaqquf u jużawh għad-deffun.

### **Is-Suq**

Ix-xogħol tal-fuħħar kien jinbiegħ kollu Għawdex. Fejn Savina tal-Fuħħar kellu kamra apposta fejn jaħżen l-oġġetti u mbagħad kien jifrixhom fl-art fil-pjazza biex ibigħhom, l-aktar nhar ta' Ħadd. In-nies u l-bdiewa mill-inħawi kollha tal-gżira ta' Għawdex kienu jiġu jixtru minn dan il-fuħħar għall-bżonnijiet li jkollhom. Minbarra r-Rabat, il-fuħħar kien jinbiegħ f'xi rħula ta' Għawdex, l-aktar il-Qala u n-Nadur, fejn tal-fuħħar kellu min ibigħlu minn dawn l-oġġetti. Kienu wkoll iduru bihom fl-irħula l-oħra. Xi sittin sena ilu mil-lum (1993) il-fuħħar kien jiswa xiħaġa hekk: Bomblu 3s (15ċ), Qolla 2s (10ċ), Qannata 3d jew 4d (1ċ3, 1ċ4).

Pawlu Sacco dam xi ħamsa u għoxrin sena jaħdem ma' missieru, iżda ma kienx jagħmel ix-xogħol kollu li kien jagħmel missieru. Dan ifisser li s-sengħa tal-fuħħar f'Għawdex kienet sejra lura bil-mod il-mod sakemm inqerdet. Inqerdet l-aktar għax bdew deħlin ħafna oġġetti oħra minn barra li ħadu post dawk tradizzjonali tal-fuħħar u, għalhekk, ix-xogħol tal-fuħħar Għawdxi ma baqax iħalli tant qligħ biex wieħed igħix minnu. Iżda, skond Pawlu, kieku llum għad hawn min jaf jaħdmu, kieku x-xogħol iħalli qligħ tajjeb għax hawn is-suq għalih.

*(jissokta)*


**Xerri l-Bukkett**



***Bar***

***Restaurant Pizzeria***

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

## *APPREZZAMENT (1)*

# Kappillan Emeritus Dun Ġwann Cini



Dun Ġwann Cini kien l-ewwel wieħed mill-Fontana li sar Kappillan ta' raħal twelidu. Dun Ġwann twieled nhar il-21 ta' Diċembru 1935, minn Ċelest u Marija nee' Dimech. L-għada stess ġie mgħammed fil-knisja tal-Fontana. Fis-Sollennità Titulari tal-Qalb ta' Ġesù, nhar it-2 ta' Lulju 1943 filgħodu, irċieva l-Griżma ta' l-Isqof fl-aħħar funzjoni fil-Fontana minn Mons. Mikiel Gonzi bħala Isqof ta' Għawdex u fil-għaxija libes abbati għall-ewwel darba.

Fl-1954 beda l-kors tal-Filosofija fis-Seminarju tagħna f'Għawdex u tliet snin wara fl-1957 mar l-Indja. Beda t-Teoloġija fis-Seminarju "*Sacred Heart*" ta' Poonamalle - ħdejn Madras - illum Chennai li kien immexxi mis-Sależjani Taljani. Imbagħad kompla l-kors f' "*St. Albert College*", Ranchi, fl-Istat ta' Bihar, li kien immexxi mill-Ġiżwiti Belġjani. Fit-8 ta' Mejju 1960, hu ġie ordnat Saċerdot mill-Isqof Franġisku Saverju Fenech, Kappuċċin Malti u l-ewwel Isqof ta' Jhansi, fl-Istat ta' Uttar Pradesh, fil-Katidral ta' Sant' Antnin f'Jhansi.

Dun Ġwann wettaq xogħol pastorali kemm fl-Arċidjoċesi ta' Ranchi kif ukoll fid-Djoċesi ta' Jhansi. Matul il-vaganzi tiegħu f'Għawdex, fl-1962, hu akkompanja bħala *chaplain* u *welfare officer* grupp ta' emigranti lejn l-Awstralja, fejn għal tliet xhur ħadem flimkien mas-Saċerdoti tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Wara li rritorna mill-Indja, Dun Ġwann inħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' l-Għasri fejn ħa l-pussess fil-25 ta' April 1965. Imbagħad, fil-25 ta' Mejju 1969, ħa l-pussess tal-Parroċċa tal-Fontana fejn dam Kappillan għal kważi tnejn u għoxrin sena, sa meta rreżinja nhar il-11 ta' April 1991. Matul il-parrokat tiegħu fil-Fontana saru diversi ħidmiet u opri ġodda fil-knisja parrokkjali, fosthom il-bini ta' Ċentru għad-Duttrina. Iżda fuq kollox, Dun Ġwann żied u kattar id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Hu ppubblika l-ktejjeb "Riflessjonijiet dwar il-Qalb ta' Ġesù" bil-għan li jwassal lill-poplu tagħrif dwar il-misteru u l-kult lejn il-Qalb ta' Ġesù, kemm jista' jkun fuq bażi ta' raġuni kif ukoll fuq bażi biblika. Hu fundatur tar-Rivista annwali "Il-Għajn il-Kbira".

F'Ottubru 1991, Dun Ġwann mar Presbiteru Itinerant man-Neokatekumenali f'Calabria, fl-Italja; u raġa' għamel hekk bejn Marzu u Ġunju tas-sena ta' wara. F'Ġunju 1993, Dun Ġwann beda jagħti s-servizz tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu u fl-1994 mar għal tliet xhur ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Sant Eustorgio f'Milan. Fis-6 ta' Novembru 1994 inħatar viċi-Rettur tal-Bażilika-Santwarju Ta' Pinu u baqa' jokkupa din il-kariga sas-19 ta' Diċembru 2006. Dun Ġwann miet, nhar it-Tnejn, 9 ta' Lulju 2007, fl-età ta' wieħed u sebgħin sena.

Il-funeral ta' Dun Ġwann, li sar fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007, kien mument qawwi ta' fidi u tama nisranija. L-E.T. Mons Mario Grech iċċelebra s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, *presente cadavere*, flimkien ma' għadd kbir ta' saċerdoti. Fl-omelija tiegħu, l-Isqof Mario Grech, f'riflessjoni mit-Tieni Qari, meħud mill-Atti ta' l-Appostli, xebbah lil Dun Ġwann Cini ma' Barnaba għaliex matul għomru Dun Ġwann ta xhieda ta' spirtu ta' ċaħda u ta' ħeġġa missjunarja.

***Kappillan Dun Ġorġ Bezzina***


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## APPREZZAMENT (2)

# Mons. Ġużeppi Buttigieg



It-tokki tqal tal-qanpiena l-kbira tal-knisja tal-Qala nikktu lill-parroċċani Qalin kollha bl-aħbar kiebja u sfortunata li marru jħabbru. "Miet Dun Ġużepp Buttiġieġ, il-Monsinjur, Ta' Kana" Veru li l-Qalin kollha kienu jafu li Dun Ġużepp kien marid fl-isptar u li ma tantx kien f'sitwazzjoni ta' saħħa tajba, pero' żgur li ħadd qatt ma basar li Dun Ġużepp kien daqshekk viċin il-mewt.

Monsinjur Buttiġieġ, twieled il-Qala, fl-14 t'April 1933, minn Anġela u Salvu Buttiġieġ. Laħaq saċerdot fit-13 t'April 1958. Dun Ġużepp, kien saċerdot komplut bid-doni kollha li l-ministeru tiegħu kien jesiġi minnu. Kien involut f'ħidma pastorali wiesa' u mifruxa mhux biss fl-għaqdiet tar-raħal bħal m'huma 'Il-Legion Of Mary', il-Museum, l-Azzjoni Kattolika eċċ., iżda anke f'għaqdiet, movimenti u istituzzjonijiet ta' bixra reliġjuża mad-Djocesi kollha t'Għawdex. Narawh bħala l-Ewwel Direttur tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex. Kariga li ġġorr piż u responsabbiltà mogħtija lilu mill-Isqof Gużeppi Pace, li permezz tiegħu ta l-permess sabiex jiftaħ u jibda l-ħidma tiegħu f'Għawdex f'nofs is-snin sittin. Moviment li ġie deskritt bħala "Providenzjali" għal Pajjiżna. Hawn Dun Gużepp ħadem bla heda b'risq il-ġid spiritwali u materjali tal-Familja Għawdxija Nisranija, fost l-Gharajjes u Miżżewġin, għal aktar minn tletin sena.

Sadanittant, Dun Ġużepp kien diġa għalliem fis-Seminarju tal-Isqof fir-Rabat u ftit wara, fil-bidu tas-snin sittin daħal għalliem fil-Liceo u fl-iskola Sekondarja tal-Gvern, fejn dam jgħallem għal madwar ħamsa u għoxrin sena. Hawn Dun Gużepp kien magħruf bħala għalliem ta' dixxiplina u serjetà.

Kien l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi li ħatru Kanoniku tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Pietru Pawl tan-Nadur, fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess Kapitlu. Ftit snin wara l-istess Isqof kien irrakkomanda lil Dun Ġużepp biex il-Q.T. il-Papa jonorah bil-ħatra ta' "Cappellano di Sua Santità" bit-titlu ta' Monsinjur. Dan seħħ fid-29 ta'Marzu1974 b'rikonoxximent tal-ħidma kontinwa ta' Dun Gużepp Buttiġieġ.

Serju f'ħidmietu u assidwu fil-ħidma pastorali li tant kien iwettaq b'ħeġġa u fervur, reġa' kien l-Isqof Nikol Cauchi li ħatru bħala Delegat għal Għawdex tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, l-MUSEUM. Kien kburi Dun Ġużepp li kien jifforma parti ħajja minn din is-Socjetà. Allura ma' jonqosx li kien ammiratur kbir tal-Fundatur San Ġorġ Preca *(ara l-aħħar artiklu tiegħu fil- "Leħen il-Qala", Awissu 2007).*

Konfessur u konsultur imfittex ħafna, l-aktar dwar problemi tal-familja. Predikatur mill-aħjar u anke mfitter għall-Panegirki fil-festi Titulari. Matul ir-Randan kont tarah b'kors jew tnejn kull ġimgħa ta' Priedki tal-Eżerċizzi.

Monsinjur Buttiġieġ kien patrijott kbir tal-Qala. Kien jgħoxa jara r-raħal miexi l-quddiem sew ċivilment u aktar reliġjożament u moralment. Il-festi tar-raħal, dik ta' San Gużepp kif ukoll tal-Immakulata kienu għalih l-aqwa ġranet tas-sena.

"Inti Saċerdot Għal Dejjem", u jekk din il-frażi hija verità, żgur li Monsinjur Gużeppi Buttiġieġ laħaq il-qofol tas-sens veru tagħha nhar is-Sibt 1 ta' Settembru fid-9.30am, meta l-Mulej fil-ħniena nfinita Tiegħu, sejjaħlu biex imur miegħu fis-sema għal dejjem. Hemm Dun Gużepp ħa l-ħlas tal-ħidma mhux biss dik li dehret u li nafu biha aħna, iżda aktar minn din, ta' dik il-ħidma li wettaq Dun Gużepp fis-skiet u l-ġabra u li jaf biss biha HU.

Waqt li nwiegħdu lil Mons. Buttiġieġ it-talb tagħna, nitolbu l'Alla biex jipprovdilna saċerdoti oħra, almenu biex jimlew il-postijiet li qed jitbattlu b'ritmu mgħaġġel fil-parroċċi tagħna.

***Euchar Mizzi***

# LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

## BLA NIXTARRU, BLA NOMOGĦDU

*minn* **Francis Sultana**

Rajt il-ġlied bi gdim feroċi
ta' kelb iqatta' f'kelb,
biex bih jieħu gost sidu,
u oħrajn bla qalb bħas-serp.

Għoqda ħassejt fl-istonku
tirtass b'daqstant kefrija,
'mma żdied il-piż tal-piena
min-nies ma tafx b'mogħdrija.

Rajt minnhom b'wiċċhom mgħotti,
moħbi wara barnuża
għonq bniedem innoċenti
iħanxru bl-ebda skuża.

U d-Dinja tieqaf tħares,
'mma ftit tixtarr il-ġrajja,
bla labar kull ross tibla',
m'hemmx ħin tomgħod il-ħajja.

Għax sirna liberali,
infittxu d-drittijiet,
nagħwġu fejn jaqbel, qabbel,
niżolqu d-dmirijiet.

Ftit nagħtu kas tal-ġirja,
fejn ser iwassal tmiemha;
b'tant ħruxijiet madwarna,
kif naslu f'Art is-Sliema!?

## META NIBDA NIFHMEK

*minn* **Alfred Grech**

Meta nibda nifhmek, Mulej,
Taħt il-morsa tat-tbatija
Inkella fis-skiet imnebbaħ tal-kampanja raħlija
Hemmhekk nistgħana għaliex immiss b'idejja
Ix-xejn li fih twelidt,
U naqsam it-trufijiet li jdawru ħajti.
Hemmhekk nidħol f'misteru ieħor
U bħal nibda biex nifhem x'inhu li tkun maħluq
Iżda mhux il-ħallieq.
Hemmhekk nifhem ukoll kemm jien marid,
Midneb mikxuf u għeri
Kemm kont laħam mibjugħ għal dak li ġara
Ħaruf maqtul għas-sagrifiċċju taċ-ċirkostanzi għedewwa
Il-ħażen tal-palazzi.
Hemmhekk nibda nitgħallem fl-umiltà
Id-dehen u l-għerf li jitnisslu minn uġigħ l-imgħoddi
U nħoss għatx kbir
Għal id li tista' tgħinni
Għal qalb li tista' tħobbni.

Meta nibda nifhmek, Mulej,
Insir tallab fl-ispirtu
Il-fqir li għaraf jiġi f'sikktu,
L-imbierek li mess b'idejh dawn in-naħiet
Minn fejn tibda biex tidher
Il-qawwa, is-saltna u l-glorja,
Għal dejjem.

## NOSTALĠIJA

*minn* **Lino Bugeja**

Tiftakar, tiftakar...
Meta tfajjel kont għadni
Qalziet sa rkopptejja
Bil-fjuri f'idejja
Niġġerra mal-wileġ
Tas-sbejjaħ Munxar?

Tiftakar, tiftakar...
Fil-Wied tal-Lunzjata
Dak l-ilma dehbieni
Fil-masġar ewlieni
Għad-dell ta' l-għelieqi
Tal-ħiemed Munxar?

Tiftakar, tiftakar...
Il-guru tar-raħal
Lil lsienna kemm faħħar
B'kitbietu ġens saħħar
Leġġenda fi żmienu
Tal-ħelu Munxar?

Tiftakar, tiftakar...
Mogħdija tal-mixi
Tfief, qrenpuċ, lellux, ful,
Xi żrinġ, marżebb, buful,
Infittex bla għaqal
Fis-sieket Munxar?

Tiftakar, tiftakar...
F'Aprilja ta' ħajti
Fil-Għid tan-Nikkieta
Fil-jiem l-aktar kwieta
Nitgħannqu ħerqana
Fil-ħiemed Munxar?

Niftakar, niftakar...
Għax riesqa bl-imqietgħa
Tal-minġel qerrieda
Tad-dwejjaq fejjieda
Iż-żmien li għaddejtu
Fis-sbejjaħ Munxar.



**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *"SOLITUDNI FIL-FOLLA"*

## *Novelli ta' Joe Camilleri*

## L-Apoteosi ta' l-Anti-Eroj




Għall-istat li fil-Malti ninnominawh bħala "solitudni", fl-ilsien Ingliż insibu żewġ kelmiet: *solitude* u *loneliness*. Fir-realtà tas-sitwazzjoni, id-differenza fit-tifsiriet ta' dawn iż-żewġ kelmiet bl-Ingliż hi kbira ħafna; mhux hekk kbira kultant fl-istat fiżiku taċ-ċirkostanzi, daqskemm fl-istat psikoloġiku u spiritwali. *Loneliness* hi solitudni li mhix mixtieqa u għaldaqstant ġġib magħha diqa kbira tal-qalb.

Din hi d-dinja fil-paġni tal-ktieb ta' Joe Camilleri. U l-istess isem tal-ktieb jagħmilha ċara għaliex l-awtur jikkwalifika "is-solitudni" bħala dik imġarrba "fil-folla". Għaldaqstant fl-isem "Solitudni fil-Folla", il-kunċett ta' *loneliness* joħroġ għà qawwi fl-aggressività u jdaħħal il-qarrej fil-ħsieb biex jikseb konoxxenza ta' din il-folla u jkebbislu l-kurżità biex jagħraf kif, l-għala, meta u x'fatta din il-folla taġixxi jew tasteni biex twassal membru tagħha għal din is-solitudni deskritta b'realiżmu u b'rakkontar milqut u mexxej minn Joe Camilleri.

"Solitudni fil-Folla" huwa teżawru oriġinali ta' l-anti-eroj u fl-istess waqt studju soċjoloġiku tas-soċjetà moderna u post-moderna fil-kuntest ta' narrazzjoni li żżommok u ddaħħlek fil-ħsieb. Il-protagonist ta' kull novella fil-ktieb muhiex xi eroj tradizzjonali li jinqala' biex bil-kelma elokwenti u l-għemil qalbieni jdawwar iċ-ċirkostanzi għar-rebħ u l-unur. Lanqas ma hu l-anti-eroj Byronjan li s-soċjetà tħares lejh bl-ikraħ għax huwa *mad, bad and dangerous to know*. Iżda hu l-anti-eroj li mhux lest li jmur kontra l-kuxjenza biex jirkeb mal-kultura ta' żmienu u lest jaċċetta l-ilġiem tal-morali, li jaf it-tweġiba għall-kliem li jweġġa' iżda lest jigdem ilsienu jew jissaporti l-għoqla fi griżmejh xħin jiġi biex jiftaħ qalbu jew jgħolli leħnu fil-korla, li hu mirkub mid-dubju ġenwin, li hu maħkum mir-rutina li tfarraklu l-proponimenti tal-bidla. Hekk, per eżempju huwa Pawlu li fi tfulitu kien lest li jeħodha mal-buli tal-klassi u jlaqqat xebgħa, (*Par Għajnejn Żoroq*), hekk in-nannu, artist li ġie qabel żmienu, u meqjus ħalliem u pwerili mqar mill-istess qrabatu. (*Il-Ħolma ta' l-Artist*) Imbagħad in-novella *L-Eroj li Qatt ma Kien* tippreżentalna żewġ protagonisti, it-tnejn anti-eroj, li ironikament il-folla tqim meta fil-fatt ma jkunx jistħoqqilhom.

Dan hu l-anti-eroj li xi kultant taħt il-qoxra tal-ġentilezza jsib ribell li l-oħrajn jippretendu l-għandu joqgħod għalihom għax il-fama tiegħu tkun ġa tefgħetu l-baħar. Iżda meta wieħed jaqra n-novelli ta' dan il-ktieb ikun hemm waqtiet tan-nebħa li l-anti-eroj huwa il-personalità ġenwina u superjuri ġo folla superfiċjali.

Dak li l-aktar jagħmel dan il-ktieb interessanti huwa l-fatt li l-protagonisti huma karattri inkarnati, li jgħammru fid-djar Maltin u Għawdxin, nies li nħabbtu wiċċna magħhom fuq ix-xogħol, li jterrqu ma ġenbna fit-triqat, imma huma mitlufin fil-folla...u min jaf aħna ngħoddux magħhom? Aħniex aħna stess anti-eroj? Il-qarrej jinħakem minn mistoqsijiet bħal dawn. In-narrazzjoni ta' Joe Camilleri twassal ukoll biex il-qarrej jistaqsi jekk hu stess hux dik il-folla magħmula minn individwu solu u singulari jew inkella element minn dik il-folla tal-massa metropolizzata mirkuba mill-aljenazzjoni, l-injoranza, l-ingratitudni li b'sarkażmu seksieki u qares jew bl-iżolament twarrab lil min tabilħaqq jixraqlu rispett.

In-narrazzjoni f'dan il-ktieb iġġorr lill-qarrej fuq ġwenħajha. Joe Camilleri għandu sengħa fina kemm meta jirrakkonta fl-ewwel persuna, kemm meta jagħmel dan fit-tielet persuna. Hu għandu stil kif jgħaddi mill-preżent għall-imgħoddi u jerġa' għall-preżent b'mod imperċettibbli imma kreattiv għalmin lest li josservah. Ir-rakkont iwassal lill-qarrej għas-sorpriża li qatt ma tkun *far-fetched*, u hemm episodji meta l-qarrej jieħu l-impressjoni li qara s-sorpriża aħħarija u l-punt ta' l-għeluq u dlonk issib sorpriża oħra li għalkemm taħsdu tibqa' daqstant ieħor naturali. L-istil ta' l-espressjoni jgħix f'simbjosi max-xejriet tar-rakkont u l-burdati tal-protagonisti : jista' jkun diskors minn taħt l-ilsien qisu fi qrara tal-protagonist mal-kuxjenza tiegħu (*Tarġiet Tqal*), jew deskrizzjoni tal-ħajja li ħarbet fi frażijiet qsar li jdaħħluk fis-seħer tal-poe-proża, (*p 126*), jew niskata umoriżmu f'mument patetiku. (*p 52*)

Min jaqra "Solitudni fil-Folla" jsib ruħu (forsi bla ma jrid) jirrifletti dwar punti filosofiċi : "f'kull bniedem hemm ġawhra moħbija. Trid tiskopriha"... jew "kif Alla omnipotenti u maestuż, ċar u misterjuż, jista' jinġabar f'qafas teoretiku?... u oħrajn. Hekk ukoll il-qarrej isib ruħu b'mod sottili involut fid-djalettika ta' kwestjonijiet soċjali kurrenti, bħal per eżrmpju, in-negozju u l-arti, l-arti u l-fotografija, il-flejjes għad-damask jew għall-ikel lill-imġewħa tal-missjonijiet...

"Solitudni fil-Folla" hu ktieb għal żminijietna. Imma mhux biss. Meta wieħed jikkonsidra d-direzzjoni tal-momentum tas-soċjetà ta' żmienna, wieħed jasal għall-konklużjoni li dan huwa wkoll ktieb għall-ġejjieni.

**Joseph W. Psaila**

Għawdxin li għadna niftakru - 45 Minn Pawlu Mizzi

# SIR ARTURO MERCIECA



'Il-ġgant tal-parapett!' Dejjem hekk għedtlu f'qalbi kull x'ħin kont naraħ jippassiġġa. Hekk kont pinġejtu. Ġgant. Minn mindu kont tifel. U, minkejja li ma kienx fiżikament kbir, jien dejjem stħajjiltu bniedem ta' statura intellettwali ogħla minn dik ta' nies oħra ta' żmienu.

U kont nibqa' nħares lejh, tiela' u nieżel mal-parapett dejjaq li kellu quddiem id-dar tiegħu.

Twil, irqieq, u wiċċu tawwali u mgħaddam. Għajnejh żgħar u suwed kienu jimpressjonawni fin-nuċċali tad-deheb li kien iżomm mitluq fuq il-ponta ta' mnieħru. Kien tassew raġel sinjorili: mustaċċi folti sa fuq xofftu, mibruma dritti fit-truf, ittemprati qishom ponta ta' xifa.

Min, bħali, ma kienx jafu kien jaħseb li hu Taljan, borgiż żagħżugħ mit-Toscana. Għalhekk, forsi, xagħru mifruq min-nofs b'qatgħa qasira labebè.

Kif jew għax kont qlajtielu 'ġgant' ma nafx. Niftakar, imma, li darba fil-Primarja kien ġie fil-klassi tagħna mas-surmast Pietru. X'kienet l-okkażjoni ma niftakarx. Konna qed naqraw minn fuq il-*Ward ta' Qari Malti,* inkaxkru bil-kantilena tas-soltu, kelma wara kelma kważi nlaqalquha, l-istorja ta' Patri Magri, 'Tfajla teqred ġganta'. Kif daħal qomna bilwieqfa u, qisna f'kor wieħed, għednielu, '*Good Morning Sir!*' Imbagħad ħares lejna, tbissem, u qalilna '*Buon Giorno!* Bravi, bravi!' U ftit wara reġa' ħareġ.

Bilkemm laħaq għalaq il-bieb warajh li, is-ser tagħna, is-sur Fredu Grech, ma għamlilniex prietka fuqu. Niftakar qalilna: *'Do ħatt ma jof bħaluw! Viriw ġgont!'* Kont sa nidħak. Imbagħad dar fuqi u qalli: '*Mizz, do ma tontx jejdlik "appa" malojr!'*

Baqgħu jidwu f'ruħi kliem is-ser Fredu dakinhar. U l-kelma 'ġgant' ma nqalgħetx minn widnejja.

Meta waslu l-vaganzi tas-sajf u morna Marsalforn ma nsejtux. U kuljum kont ngħaddi minn quddiem id-dar tiegħu biex noqgħod inħares lejh. U meta reġgħet waslet is-sena ta' wara, erġajt ħarist fil-parapett. Imma l-'ġgant' jippassiġġa ma kienx hemm. Minfloku kienu ġew nies oħra. U magħhom tfal u żgħażagħ daqsi.

Darba staqsejthom għalih. 'Dak il-papà,' qalli wieħed minnhom. 'Jien Anton. U dan John u Bob. Il-kuġini tiegħi!' U bqajna nilagħbu u jgħidli fuq il-papà tiegħu!

Kienu jiltaqgħu tmienja tfal aħwa: Albert, Tancred, Victor, Arturo, Adrian, Marì, u Lilian. U Sir Arturo u Lady Mercieca. Kienu nies fabbli dawn ta' Mercieca.

Marsalforn minn dejjem kienu jħobbuh. Għall-bidu, Sir Arturo, meta kien żgħir, kien imur għand in-nanna Gina, oħt l-Arċidjaknu Garrone, f'waħda mid-djar taħt il-kampnar tal-knisja. Fit-triq tal-menqa. Imma, imbagħad, meta mietet in-nanna Ġeraldina, marru fid-dar tagħha tal-port, hu u l-familja kollha. U hemm kien baqa', anke wara li żżewweġ fl-1909. Jiġi kull sena. Barra meta kien l-Uganda tul l-aħħar gwerra. Imbagħad fis-sajf tas-sena 1945 Sir Arturo kien reġa' ġie lura u jien u t-tfal l-oħra ma bqajniex iktar immorru fuq il-parapett tagħhom.

Kien diġà xiħ dak iż-żmien. Kellu 67 sena. Kien, imma, jidher ixjeħ. Bniedem imkisser. U, ma tantx kien jissaporti tfal jilagħbu ħdejh jew nisa jpaċpċu ma' ġenbu. Kien ikun irid is-skiet. Li jkun waħdu. 'Kk jista' jkun lanqas nies ma kien irid jara.

Tiskanta x'jista' l-bniedem jagħmel lill-bniedem!

Prim Imħallef ta' Malta! Fil-ġerarkija soċjali wara l-Gvernatur. Ogħla mill-isqof ta' Għawdex! Ġenju. Leġiżlatur li kien jaf kollox fil-liġi. Il-letterat li għall-pinna tiegħu, fil-proża u l-poeżija, ma kien jgħaddih ħadd. Ħadd!

Twieled ir-Rabat fl-14 ta' Ġunju 1878. Il-Vajringa. U kien ġie mgħammed f'San Ġorġ l-għada. Missieru, it-tabib Bert, semmih Arturo aktarx għall-Gvernatur Sir Arthur Burton li kien għadu kemm wasal fil-gżira. Fost niesu kien hemm ukoll politiċi, negozjanti u avukati. Uħud magħrufa għall-patrijottiżmu tagħhom. Bħal Fortunat Mizzi. Kollha, imma, nies tal-knisja.

Dik il-ħabta l-Madonna ta' Pinu kienet fuq fomm kulħadd. Għawdxin u Maltin. Kienet għadha kemm kellmet lil Karmni Grima. Daqs ta' Massabielle f'Lourdes leħinha kien qed jinstama'. Min qara l-ktieb ta' Dun Alfonz Hili *"Il-Madonna ta' Pinu",* miktub fl-1895, malajr jinduna li s-sejħa tagħha kienet dwiet ma' l-erbat irjieħ ta' pajjiżna. Jgħid Sir Arturo li l-pellegrinaġġi lejn Ta' Għammar ma qatgħu xejn. Kien is-seminarju dak iż-żmien. Għalhekk, forsi, il-parteċipazzjoni tiegħu f'Ta' Pinu meta kiber baqgħet f'moħħu. Kien għalih l-ikbar unur jirrakkonta kif fl-1920, ftit wara li sar Avukat tal-Kuruna, refa' l-pal u l-kazzola li bihom l-Isqof Camilleri poġġa l-ewwel ġebla tas-santwarju. Għalih ma kenitx ko-inċidenza li għamilha ta' parrinu fil-konsagrazzjoni tas-santwarju mill-Isqof Gonzi u li wara, fl-inkurunazzjoni tal-Madonna mill-Kardinal Lepicier kien hu ukoll li ġarr il-kuruna fil-purċissjoni.

Dak iż-żmien tal-bidu tas-seklu għoxrin kien żmien ta' taqlib politiku kbir. Mal-Mediterran kollu. Pajjiżna kien għadu ma ħax ir-ruħ wara mitt sena ta' tmexxija Ngliża. Il-biedja, l-industrija, in-nuqqas ta' xogħol, l-għoli tal-ħajja, l-emigrazzjoni, it-taxxi, is-sanità, u s-saħħa tal-poplu kienu għadhom qishom kobba mħabbla. Għall-Gvern Ingliż kienu jinteressawh il-fortifikazzjonijiet. Li jkollu portijiet fejn il-frejgati tal-flotta tiegħu

tal-Mediterran isibu kenn u servizzi tajba. Li Malta tkun *advanced naval station* mill-aqwa. Mill-bqija s-saħħa tal-Maltin u l-edukazzjoni tagħhom setgħu joqogħdu. Jistennew 'kk iridu. Għalhekk, fil-Kunsill tal-Gvern il-kwestjoni tal-lingwa tħalliet titnikker u meta fl-1903 n-nazzjonalisti ppruvaw jintroduċu l-*paripassu*, jiġifieri t-tagħlim ta' l-Ingliż u t-Taljan flimkien, l-Ingliżi ħadulna l-Kostituzzjoni u tawna oħra bħal ta' l-1849.

Kien b'dan il-mod despotiku biss, b'Kunsill tal-Gvern ta' sbatax-il rappreżentant, disa' uffiċjali u tmienja eletti, li l-Ingliżi setgħu jinblokkaw il-proġetti kollha li ma kinux jaqblu mal-pjanijiet tagħhom. Kien għalhekk li l-Maltin bdew politika ta' astenzjoniżmu: itellgħu rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill u immedjatament iġiegħeluhom jirriżenjaw wara. Batew il-Maltin dak iż-żmien. Kif kien jaf sewwa l-avukat Mercieca. Hu ukoll kien bata magħhom. Minkejja dan, imma, ma qabilx ma' l-astenzjoniżmu. Kien jemmen fil-*fair play* u kien ta' spiss iwissi lil sħabu li ma tistax tagħżel bir-reqqa jekk tgħaffeġ u tkisser.

Arturo, għalhekk, ried jikkumbattihom b'argumenti. Bil-kelma miktuba. Għalih is-saħħa tal-pinna kienet aqwa minn dik tas-sejf. Fil-*Giovine Malta* waqqaf, għalhekk, il-*Malta Letteraria* biex kull letterat Malti li kien tassew qed jaħseb b'moħħu, isemma' leħnu bil-pinna. Kienet din il-*platform* mnejn id-dinja letterarja Maltija setgħet tiġġieled għal-libertajiet tal-Maltin kollha. Ħaddiema tal-pinna u ħaddiema ta' l-id. Dik ukoll kienet parti minn ruħna Maltija. Għalhekk il-poeżija tiegħu ta' protesta. Kontra l-qerda ta' l-ambjent u kontra l-apatija tal-Gvern. Il-versi tiegħu fis-sunett 'Marsalforno' jibqgħu jitfakkru mhux bħala kapulavur tal-letteratura tagħna imma bħala għajta ta' ċittadin kontra l-isfriġju li kien qed isir lill-ambjent.

Inħares lejn ir-ritratti ta' din il-bajja, dak iż-żmien ma nemminx kif il-bniedem irnexxielu, f'inqas minn ħamsin sena, ibiddilha minn ġenna għall-ġungla. B'bini ikrah tal-konkrit qisu kaxxi tal-kartun! Tpaxxik kienet il-qolla s-safra. U l-merżuq jiddominaw il-plajja. Djar quddiemhom kważi xejn. Kif sabuha l-Franċiżi fl-1798. Imbagħad ġew l-Ingliżi, beda l-bażużliżmu, fi żmien l-Isqof Pietru Pace twaqqgħu t-torrijiet u bil-ġebel tal-wieħed telgħet id-dar ta' l-istrank fil-ponta ta' Santa Marija u b'dak ta' l-ieħor nbnew il-knisja ta' San Pawl u l-kampnar tagħha.

F'waħda mid-djar ta' taħt dan il-kampnar kien hemm id-dar tan-nanna Cremona ta' Sir Arturo. Għandha kien ġie l-ewwel darba f'Marsalforn. Kien għadu tifel. Imbagħad meta kiber missieru xtara l-post f'nofs il-port fejn kien baqa' sa meta saħħtu ppermettietlu.

F'dan il-post tal-port, meta kien għadu student tal-liġi, Arturo kien beda t-teatru tat-triq. Kien tijatrin bil-Malti. Ħaġa li sallum għadni ma nistax inniżżilha. Qabel dak ta' Mikielanġ Borg. Bdieh fuq kitbiet ta' ċertu Carmenu Camilleri *tal-Mitħna* li kien joqgħod il-Vajrinġa ftit'il bogħod minn fejn kien joqgħod hu. Kien isejjaħlu 'il-Goldoni Malti'. Imbagħad wara sab il-kummiedji tal-Goldoni u xi drammi li kien tgħallem m'għand il-Ġeżwiti fis-seminarju.

Kien żmien it-tijatrin ta' Pietru Attard u ta' Millard wara San Franġisk u ta' Ċensu tar-Rebek u Ġużeppi ta' Żerrek fejn Savina. Bħalxejn hekk nibtu l-ewwel *clashes* bejnu u bejn Ninu Cremona f'Marsalforn. Arturo Mercieca bit-teatru tas-sinjuri u bit-Taljan fid-Dawra; u Ninu Cremona bit-tijatrin bil-Malti għand nanntu quddiem il-banju ta' l-isqof.

Imbagħad fis-26 ta' Ġunju 1919 ġiet iddoqqlu l-banda wara biebu Marsalforn. Kien sar avukat tal-Kuruna. U, it-teatru tat-triq waqaf ħesrem. Feraħlu Għawdex kollu. Imbagħad fl-1921 sar imħallef. U fl-1924 ġie nominat Prim Imħallef mill-kap tal-Ministeru Francesco Buhagiar. U fl-ewwel ta' Jannar 1926 ingħata t-titlu ta' 'Sir'. Kif kienu ta' qablu: Sir Michelangelo Refalo u Sir Giuseppe Carbone. Anke Lord Strickland, l-ikbar avversarju politiku tiegħu, faħħru u feraħlu. Il-kalvarju tiegħu kien, imma, għadu ma bdiehx. Ix-xnigħat foloz kontra tiegħu bdew waqt il-Kummissjoni Robinson. Kienu tefgħuh lura u minkejja d-dikjarazzjonijiet li għamel u r-rettitudni tas-sentenzi li qata', fl-1940 il-Gvern Imperjali sforzah jiddemetti, arrestah u internat ma' 62 Maltin oħra. Fost dawn Mons. Pantallesco, Rettur tas-Seminarju; Nerik Mizzi, kap tal-Partit Nazzjonalista; u l-av. Herbert Ganado, editur ta' *Leħen is-Sewwa.* Minħabba l-onestà tiegħu l-Gvern Ingliż iddikjarah persuna non-grat ġo pajjiżu stess għax kienet għżira fortizza Ngliża. Ftit wara li faqqgħet il-gwerra ma' l-Italja, mingħajr ma nġiebet l-ebda akkuża kontra tiegħu, kontra kull dritt tal-bniedem, il-Gvern Imperjali ddeportah flimkien ma' 42 Malti ieħor lejn l-Uganda. Aktarx, jgħid b'ton sarkastiku l-professur ta' l-Istorja, Charles J. Alison, fil-ktieb tiegħu *Besieged: the World War II Ordeal of Malta, 1940-42* 'minħabba li kien iħobb l-opra Taljana!' Ġie lura Malta fis-17 ta' Jannar 1945, fejn kien akkompanjat minn martu Giuseppina u minn bintu Lilian.

Storja krudila din tad-deportazzjoni ta' dawn it-43 Malti. Waħda mit-tebgħat suwed li ħammġitilna l-istorja ta' pajjiżna. U meta waslu lura wara 3 snin u 23 ġurnata ta' eżilju sfurzat, flok fjuri fid-dwana sabu jilqgħuhom lill-Kummissarju tal-Pulizija b'*notice* ffirmata mill-Gvernatur Schrieber li *until further notice* kull wieħed minnhom kien għadu taħt *house arrest* bi twissija li ħadd minnhom 'ma seta' javviċina postijiet militari fejn kien hemm kanuni ta' l-art jew ta' l-ajru; li ma setgħux jidħlu fihom; li ma setgħux imorru joqogħdu, lanqas għal ftit ġranet, ma' qraba jew ħbieb mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija; li ma setgħux jaċċettaw impiegi jew jidħlu għal xi negozju mingħajr il-permess tiegħu; u li ma setgħux jagħtu intervisti lill-istampa jew jiktbu artikli politiċi jew jattendu jew jitkellmu f'*meetings* politiċi.

Fortunatament, min ma staħax juri tant ħruxija, illum intesa u ismu ma tniżżel fl-ebda paġna ta' l-istorja!

Għall-kuntrarju, dak ta' Sir Arturo Mercieca jidher kullimkien: fit-toroq, fl-iskejjel, fil-ġonna, fil-kotba ta' l-istorja, kull fejn kien hemm tifkira li setgħet tagħmel unur lil pajjiżna. Kien tassew ġgant; U Għawdex għandu jkun tassew kburi li welldu u kabbru. Ħadem għal Għawdex tiegħu dan Sir Arturo Mercieca. B'ruħu u b'ġismu. Isimgħuh f'*Le Mie Vicende:* 'Meta ħatruni avukat tal-kuruna, il-kompajżani tiegħi għamluli ikla. U miegħi kienu stiednu ukoll lil Sir Michelangelo Refalo. Il-kelliem ta' l-unur kien il-Kurunell Amery li kien ġie Malta biex iħabbar il-Kostituzzjoni tal-1921. "Kif wasalt Malta," stqarr, fost affarijiet oħra, il-Kurunell Amery, "staqsejt x'kien sew l-isem uffiċjali ta' dan l-Arċipielgu Malti u qaluli *Malta and its Dependencies.* Fiż-żjarat tiegħi ma' Malta, iżda, sibt li l-aħjar nbid ta' Malta jiġi minn Għawdex, l-aħjar ġbejniet huma ta' Għawdex, u l-magħrufa bizzilla ta' Malta tinħadem Għawdex. Issa niġi Għawdex u nsib li l-Prim Imħallef ta' Malta hu Għawdxi u l-Avukat tal-Kuruna Ingliża f'Malta hu Għawdxi ukoll. Tħawwadt. Imma, nassigurakom li ma żbaljajtx. Meta mmur lura Londra sa ngħidilhom li l-Arċipielgu Malti mhux veru li hu *Malta and its Dependencies* imma *Gozo and its Dependencies.*"'

Il-*Casino Gozitano* ttarrax biċ-ċapċip dakinhar. Kien ħaqqulu. Anke lili tiġini x-xewqa li nċapċap kulmeta nerġa' nisma' dik l-istorja. U sallum kulmeta ngħaddi mill-port ta' Marsalforn, minkejja li d-dar tiegħu ma għadhiex hemm, nisthajjilni għadni naraħ 'l dak il-ġgant tal-parapett, jippassiġġa waħdu, tiela' u nieżel, tiela' u nieżel, b'pass meqjus qisu f'għanja ta' skiet li ma tispiċċa qatt u qatt.

Passiġġata Biblika - 28

*"Jien li jien" (Eżodu 3:14)*

# IL-PREŻENZA TA' ALLA FL-ANTIK TESTMENT

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**Introduzzjoni**

Alla ta' l-Antik Testment huwa differenti mill-allat tal-popli li kienu jdawru l-poplu magħżul, għaliex fejn dawn il-popli jippruvaw joħolqu u jiltaqgħu ma' l-allat tagħhom, fl-A.T. naraw lil Alla joħloq id-dinja u lill-bniedem u jkun huwa nnifsu li jiltaqa' mal-bniedem, permezz ta' rivelazzjonijiet u allejanzi, kif naraw fl-ewwel ħames kotba tal-Bibbja (il-Pentatewku). Dawn narawh fil-pattijiet li jagħmel Alla ma' Noè, ma' Abraham u b'mod partikulari ma' Mosè, fil-patt tas-Sinaj. Naraw lil Alla jkellem lill-profeti fil-kuntest tal-istorja tal-poplu Lhudi kif naraw fil-kotba Storiċi u dawk tal-Profeti. Fil-kotba tal-Għerf naraw l-Għerf innifsu bħala l-kelma u l-immaġni ta' Alla: "Hu raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħa tas-setgħa ħaddiema ta' Alla, u xbieha tat-tjieba tiegħu" (Għerf 7:26). Il-kitba apokalittika tikkonċentra mbagħad fuq ir-rebħa ta' Alla fuq l-għedewwa u l-ġudizzju tiegħu (ara Dan 18:18-27). Dan kollu juri li Alla ta' Iżrael huwa Wieħed, Veru, Ħaj u Personali.

Għalhekk mela l-istorja tal-Antik Testment hija fuq kollox l-istorja tal-poplu Lhudi li jagħmel kull sforz biex iwarrab l-idolu, l-alla falz, l-alla maħluq u jdur lejn dan Alla veru: "Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art." (Eż 20:3); "Nistmerru l-għoġol tiegħek, Samarija. Il-korla tiegħi xegħlet għalik. Kemm se jdumu ulied Iżrael, bla ħila li jissaffew?" (Hos 8:5).

**L-'Ismijiet' ta' Alla**

Ir-Rivelazzjoni ta' Alla nnifsu lil Mosè hija l-mument ċentrali u mill-iktar importanti fl-istorja tas-salvazzjoni: "Mosè reġa' wieġeb: Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bgħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena xi ngħidilhom? Alla wieġbu: 'Jien li Jien." (Eż 3:13-14). Dan l-isem misterjuż: "Ehjeh-Jahweh", "Jien li Jien", insibuh 6823 darba fl-A.T. L-ebda alla ta' xi poplu ieħor ma ssejjaħ qatt b'dan l-isem. Il-pronunċja ta' dan l-isem ta' Alla, jibqa' dejjem misterjuż għall-istudjużi u dan għaliex rridu niftakru dan l-isem ta' Alla qatt ma kien jiġi ppronunċjat mill-poplu, ħlief darba fis-sena f'Jum l-Espjazzjoni, fil-'*Yom Kippur*' mill-Qassis il-Kbir biss, meta liebes l-ilbiesi speċjali kien jidħol fil-post il-qaddis (fis-*Sanctum Sanctorum*, bil-Lhudi: *Qodesh Ha-Qodashim*, il-post l-iktar sigriet fit-tempju) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla (il-maqgħad jew is-siġġu tal-ħniena ta' Alla, bil-Grieg: *hilasterion*). Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunċja l-isem sagru ta' 'Jahweh'.

L-isem sagru kien jinkiteb biss bl-erba' konsonanti tiegħu mingħajr il-vokali, JHWH (tetragrammaton) u minflok l-isem 'Jahweh' kien jinqara bħala 'Adonaj' li jfisser 'Mulej', 'Sid' (bil-Grieg: *Kyrios* kif insibu fis-LXX, it-tradizzjoni griega ta' l-A.T.). L-isem ta' Adonaj ġej minn *Adon*. Fis-sinagoga kienu jitolbu lil *Adon 'olam*, il-Mulej ta' l-Univers.

Uħud mill-ismijiet ta' Alla li niltaqgħu magħhom fl-A.T. huma: '*Yahweh Yireh*', Alla li jipprovdi; '*Yahweh Shalom*', Alla tas-Sliem; '*Yahweh Sabbaoth*', Alla tal-Eżerċti; '*Yahweh Raah*', Alla hu r-Ragħaj; '*Yahweh Tsidkenu*', Alla l-ġustizzja tagħna; '*Yahweh Rapha*', Alla li jfejjaq; '*El-Elohim*', Is-Setgħani; '*El Elyon*', Alla l-Għoli, isem antik ħafna ta' Alla; '*El Roi*', Is-Setgħani li jara; '*El Shaddai*', Alla Setgħani, Alla li jista' kollox, Alla tal-Muntanja; '*El Olam*', Alla ta' dejjem; '*El Elohe Israel*', Alla ta' Iżrael; '*El Qadosh*', Il-Qaddis ta' Iżrael.

Bħalma qegħdin ninnutaw naraw hawnhekk żewġ tradizzjonijiet ta' ismijiet ta' Alla, waħda li tuża l-isem '*Yahweh*' u l-oħra li tuża '*El*'. Infatti t-tradizzjoni 'Jahwista' hija tas-sena 1000 Q.K. u ġejja minn naħa t'isfel tal-Palestina, filwaqt li dik Eloista hija tat-8 seklu Q.K. u hija minn naħa ta' Fuq. Dan l-isem '*El*' kien it-terminu komuni għall-alla għall-popli li kienu jgħixu 'l barra minn Iżrael. Fid-dinja semitika kemm ġewwa l-Feniċja u kemm f'Kanaan dan kien l-alla ta' l-allat.

**It-Twemmin f'Alla Wieħed**

Ix-'Shema Israel', jiġifieri l-Kredu lhudi (reċitat darbtejn kuljum), jistqarr li Alla huwa Wieħed: "Isma', O Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dt 6:4-5). Huwa l-eqdem stqarrija tal-fidi tal-Lhud. Ma' dan it-twemmin il-Lhud jemmnu li Alla huwa Veru: "Imma l-Mulej tassew hu Alla: Alla ħaj u sultan ta' dejjem. Għall-għadab tiegħu titriegħed l-art, u għall-qilla tiegħu l-ġnus ma jifilħux." (Ġer 10:10); huwa ukoll Traxxendenti: "Għax daqskemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tagħkom" (Iż 55:9). Alla huwa Immanenti: "u l-ispirtu tiegħi, jibqa' f'nofskom: la tibżgħux!" (Hag 2:5); huwa Infinit: "Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru bil-bosta, bla tarf il-kobor tiegħu" (Salm 145:3); huwa Etern: "Qabel ma twieldu l-muntanji, qabel ma tnisslu l-art u d-dinja, minn dejjem ta' dejjem int, o

Alla!" (Salm 90:2); Omnipreżenti: "Jista' bniedem jistaħba fil-moħbiet, u jien ma narahx? – Oraklu tal-Mulej – Ma nimliex jien is-sema u l-art?..." (Ġer 23:24). Alla hu Għajjur: "La tmilx quddiemhom: La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' nisel lil dawk li jobogħduni; imma nagħder sa l-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi" (Eż 20:5-6). Dan ma jfissirx li Alla huwa għajjur f'sens negattiv, imma li huwa offiż bl-imġiba ħażina tal-poplu. Huwa Alla Ġust: "Il-liġi tal-Mulej perfetta, u tagħti l-ħajja; ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tgħallem lil min ma jafx. Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb; il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal il-għajnejn" (Salm 19:8-9).

Fuq kollox Alla huwa Tajjeb: "Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kull ma għamel" (Salm 145:9), u Ħanin: "Jahweh! Jahweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (Eż 36:6). Alla hu ukoll Omnixxenti; Immutabbli; Liberu; Qaddis u Imħabba.

Alla ta' l-Antik Testment huwa Missier (fl-A.T. bħala Missier jinsab 15-il darba): "Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu" (Salm 103:13) u ukoll huwa Omm: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt" (Iż. 49:15).

Il-Misteru ta' Alla Trinitarju jinsab ukoll fl-Antik Testment, anzi insibuh fl-ewwel vers tal-Bibbja: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla" (Ġen 1:1-2; ara ukoll Eż 31:3 u Iż. 11:2). Naraw f'din l-opra tal-ħolqien, it-Tliet Persuni f'Alla Wieħed, il-Missier li joħloq permezz tal-Kelma tiegħu (l-Iben), u l-Ispirtu s-Santu juri l-Ħolqien.

## L-Arka, it-Tinda u t-Tempju

L-arka kienet ix-xbieha tal-preżenza t'Alla meta l-poplu kien qed jiġġerra fid-deżert. L-arka kienet kaxxa ta' l-injam tal-gazzi (injam tajjeb mil-Libanu li ma kienx imur bis-susa) u miksija bid-deheb. Kienet erba' piedi twila u żewġ piedi u nofs wiesa u fonda. F'nofsha kien hemm kaxxa tad-deheb (bil-Lhudi: *kapporeth*), il-post tal-ħniena ta' Alla, li fiha kien hemm biċċiet tal-Liġi ta' Mosè, il-bastun ta' Mosè u bieqja bil-manna. Għal dawn ir-raġunijiet l-arka saret tfisser għall-poplu Lhudi il-preżenza t'Alla. Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, huwa kien ipoġġi din l-arka fit-tabernaklu li kienet it-tinda (bil-Lhudi: *ha-mishkan* (*shekhinah*), bil-Latin: *tabernaculum*). "Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mosè" (Eż 33:9). Din it-tinda tal-laqgħa jew tal-patt kienet il-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu. San Ġwann l-evanġelista fil-bidu tal-vanġelu tiegħu jgħidilna li Ġesù ġie fid-dinja u għammar fostna: "U l-verb sar bniedem u għammar fostna..." (Ġw 1:14). Fl-oriġinal bil-Grieg, litteralment naqraw li Ġesù 'qiegħed it-tinda tiegħu fostna' biex joqgħod magħna.

Is-Sultan David xtaq jibni t-tempju bħala d-dar stabbilita lil Alla, għaliex huwa kellu dar taċ-ċedru u l-Mulej kellu biss it-tinda. Iżda t-tempju kellu jinbena minn ibnu Salamnun wara s-sena 1000 Q.K., fejn it-tabernaklu ma baqax jeżisti għax l-arka ġiet imqegħda fit-tempju (bil-Lhudi: *ha-miqdash*) u "il-glorja (bil-Lhudi: *kavod*) tal-Mulej kienet mliet it-tempju" (1 Slat 8:11). It-tempju li ġie proprju mibni f'dak il-post ta' dik il-muntanja Morija fejn Abram kien ser joffri bħala sagrifiċċju lil Ibnu Iżakk.

## Konklużjoni

Rajna mela li fl-A.T., Alla jieħu l-inizzjattiva biex jidħol fi djalogu ta' mħabba mal-bniedem, ma' poplu partikulari, il-poplu ta' Iżrael. Naraw lil Alla li jaħlaq u jmexxi, Alla li hu Wieħed u mhux ħafna allat u fuq kollox Alla Ħaj li jippremja t-tajbin u l-ħżiena jieħdu l-kastig. Min-naħa l-oħra l-poplu ħoloq ħwejjeġ li kienu jgħinuh biex jiftakar f'din il-preżenza ta' Alla. Hekk insibu 'it-tinda' li matul il-mixja fid-deżert kienet il-preżenza t'Alla fost il-poplu meħlus. Meta imbagħad il-poplu Lhudi daħal fl-Art Imwiegħda, l-preżenza t'Alla kienet marbuta mat-tempju. Ma' dan kollu t-tempju qatt ma kien l-unika espressjoni tal-preżenza divina għax fil-fatt meta t-tempju kien imġarraf u l-poplu meħud fl-eżilju ta' Babilonja (il-kriżi tal-eżilju), il-poplu beda jagħraf li Alla mhux marburt ma' xi post partikulari. Imbagħad fil-milja taż-żmenijiet 'il-Verb sar bniedem' u l-preżenza divina ħadet sura viżibbli ta' bniedem, li hu xbieha ta' Alla. Għal kuntrarju tat-tempju lhudi li ġġarraf tlett darbiet, dan it-tempju l-ġdid ta' Kristu ma jiġġarraf qatt.

### *Biblijografija*


BIESNER, E.C., *God in Three Persons*, Wheaton 1984.

CALDUCH-BENAGES, N., "God Creator of All (Sir 43:27-33)", in R. EGGER-WENZEL (ed.), *Ben Sira's God. Proceedings of the International Ben Sira Conference, Durham - Ushaw College 2002*, BZAW 321, Berlin - New York 2002, 79-117.

EGGER-WENZEL, R., "'Faith in God' Rather than 'Fear of God' in Ben Sira and Job: A Necessary Adjustment in Terminology and Understanding", in J. CORLEY – V.T.M. SKEMP (eds.), *Intertextual Studies in Ben Sira and Tobit: Essays in Honor of Alexander A. Di Lella*, CBQMS 38, Washington D.C. 2005, 211-226.

JUKES, A., *The Names of God in Holy Scripture*, Grand Rapids (MI), 1986.

NASH, R.H., *The Concept of God*, Grand Rapids (MI) 1983.

SHORTER, A., *Revelation and its Interpretation*, London 1983.



TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

INIZJATTIVI ĠODDA FIL-PARROĊĊI GĦAWDXIN

# Volontarjat mill-Professjonisti

*INFORMA* - ***Qala*** huwa grupp ta' professjonisti Qalin li ltaqgħu f'Settembru 2005 flimkien mal-Arċipriet u ddeċidew li joffru ftit mill-ħin tagħhom għad-djakonija u promozzjoni umana billi jinformaw u jedukaw lill-Qalin b'sens ta' servizz u karità. Flus jew rigali m'humiex aċċettati, u jekk issir insistenza, jiġi suġġerit li jingħataw lil San Ġużepp jew lill Kunċizzjoni. L-Arċipriet xtaq li l-esperjenza li kellu qabel bħala Delegat ta' l-Isqof għall-Professjonisti fid-Djoċesi jgħaddiha fil-parroċċa billi mhux biss tkun ta' sostenn għalihom imma huma jkunu ta' sostenn għalih fil-ħidma tiegħu b'risq il-parroċċani kollha.

Waqt l-ewwel seminar parrokkjali li kien sar f'Settembru 2005, l-Arċipriet u l-kleru nkluda **INFORMA - Qala** fil-Pjan Pastorali għas-sena 2006 u anke din is-sena l-grupp jagħmel parti integrali mill-Pjan Pastorali għas-sena 2007.

F'sena, l-*equipe* wettaq din il-ħidma:

- Korsijiet għal kull kategorija ta' Qalin:
  - Kif tippjana u tagħmel *school project* (L-Ewwel u t-Tieni Parti);
  - Kif tippjana u tagħmel *dissertation* jew teżi (L-Ewwel u t-Tieni Parti);
  - Kif issir *webpage*;
  - Kif tagħmel *programming f'visual basic* (*For Beginners*) (L-ewwel sat-Tielet Parti);
  - Kif tipprepara lit-tfal u l-istudenti għall-iskola; u,
  - Skopri l-kompjuter, kif issewwieh u kull part għalxhiex tintuża.
- 485 persuna mill-Qala akkwistaw il-Karta ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' l-Unjoni Ewropeja;
- Tlett żjarat għand il-morda fl-isptar u għadd ta' żjarat mit-tabib fid-djar ta' anzjani u morda fil-Qala;
- Kodiċi ta' Imġieba fil-Knisja;
- 12-il familja mill-Qala u 130 familja oħra minn irħula oħra għamlu użu mis-servizz ta' mili ta' formoli sabiex jemigraw lejn l-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti;
- Konsulenza dwar emigrazzjoni, safar, akkwista ta' viżi, passaporti u formoli relatati;
- Appuntamenti regolari kull tlett xhur fissi fiċ-Ċentru Parrokkjali;
- Ingħataw pariri fuq bażi reġolari lill-Arċipriet personalment u lill-kleru fuq materji li l-professjonisti Qalin huma esperti fihom; u,
- Saru arranġamenti għall-pazjenti Qalin u pazjenti minnbarra r-raħal biex jintbagħtu għall-kura medika speċjalizzata fir-Renju Unit (appuntamenti, akkomodazzjoni, trasport, titjiriet, eċċ).

X'ippjana li jwettaq fl-2007 u fil-futur:-

- Jitkompla jsir ix-xogħol li sar fl-2006;
- Studju dwar l-umdità li qiegħda tagħmel ħsara kbira lill-Knisja Arċipretali u s-Santwarju;
- L-ewwel Pjan ta' emerġenza u evakwazzjoni għall-Knisja f'Għawdex u f'Malta;
- Ġbir ta' bolli użati għall-fond tal-missjonarji;
- Lista sħiħa ta' korsijiet ġodda.

Ħafna persuni u familji minn irħula oħra semgħu dwar dawn is-servizzi, korsijiet,eċċ, grazzi għal Radju Leħen il-Qala, u l-*equipe* għandu pressjoni biex jiftaħ f'xi rħula oħra ukoll - inizjattiva li INFORMA jħoss li ma għandux r-riżorsi umani biex jagħmilha.

Il-Kumitat, immexxi mill-Arċipriet tal-Qala, Dr. Joseph Zammit u magħmul minn Fr. Charles Buttigieg, Dr. Raymond C. Xerri u Dr. Ercole Spiteri M.D. jimxi fuq pjan strateġiku ta' azzjoni u jagħmel awditjar tal-ħidma tiegħu sena b'sena.

*("**Il-Ħajja f'Għawdex**" se tibda tagħti spazju għal* **Inizjattivi ĠODDA** *fil-parroċċi Għawdxin. Nistiednukom sabiex tagħtuna tagħrif dwar inizjattivi bħal dawn. L-Editur)*

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.

• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*IRQAQAT MILL-IMGĦODDI*

# Il-Pitkal (1)



*minn Victor John Galea ©*

Il-pitkal jiġbor il-ħaxix, il-frott u ż-żrieragħ minn għand il-ġenniena u l-bdiewa u jbigħhom bl-ingrossa lil tal-ħwienet li jqattgħuhom bl-imnut lin-nies. Dari l-pitkala Malta kont issibhom ir-Rabat ta' l-Imdina, il-Marsa, il-Mosta u hekk. Illum qegħdin miġbura kollha ta' Qali bil-ħsieb li kulħadd jinqeda aħjar u bl-aħjar prezz skont ma jagħti s-suq.

Għawdex il-pitkala li kellna kienu miġbura, kif wieħed jistenna, ir-Rabat, sa ma ngabru f'post wieħed it-Taflija. Wieħed minn dawn il-pitkala, Ċelest Grech (1921 - 1992), li kellu ħanut fil-kantuniera tas-Suq tar-Rabat, kellimni l-Banka fl-1987 u dan li se ngħid, hu tista' tgħid kollu, dak li qalli dakinhar.

Il-pitkal kellu jiftaħ kmieni u sa ma jisbaħ ikun ħeles, tista' tgħid battal il-ħanut minn dak kollu li kien ikollu. Kien ikollu jagħmel hekk, mhux biss għax il-bdiewa tas-saqwi u oħrajn iħobbu jbakkru minn qaddishom, imma għax tal-ħaxix kienu jridu jkollhom kollox għal-lest malli jiftħu fil-għodu kmieni huma wkoll. Dari l-pitkal kien jiftaħ nhar ta' Ħadd ukoll.

### Id-Dugħ

Waħda mill-akbar ksir ir-ras li kien ikollu l-pitkal kienet id-dugħa, bixkilla, qoffa u hekk li l-bdiewa u l-ġardinara kienu jressqu l-frott, ħaxix, patata u hekk. Din kien irid jgħallimha biex la jroddha tal-ħanut, jgħaddi għaliha sidha u jeħodha biex jerġa' jimlieha.

Illum kulħadd idaħħal kollox il-pitkalija f'kaxex tal-plastik, filwaqt li minn barra l-frott jidħol f'ċestini ta' l-għuda. Imma dari l-bdiewa tagħna kellhom id-dugħ skont liema frott jew ħaxix kienu jressqu lill-pitkal. L-iżgħar dugħa li kien hemm kienet aktarx il-**bixkilla tal-frawli.** Bixkilla tinħadem bix-xaqq tal-qasab u tal-virgi għas-saħħa. Titla' dritt mill-qiegħ tond u taqbadha mill-għalaq. Il-bixkilla tal-frawli kienet tkun dejqa kemm tidħol il-keffa t'idek u kienet twila xi iktar minn tletin ċentimetru. Il-frawla Maltija kienet tkun irqiqa xi daqs tuta jew ċawsra, imma bnina iktar minn dik tal-lum. Il-bdiewa, il-bxiekel tal-frawli kienu jgħattuhom bil-weraq tal-qasab, ħaġa li turina li t-tnejn jikbru ħdejn l-ilma ġieri, il-Lunzjata, ix-Xagħra, in-Nadur u Għajnsielem. Għand il-pitkal kienu jdaħħluhom sitta sitta, waħda mqiegħda kontra l-oħra.

Kien hemm ukoll il-**bixkilla tal-frott** mibnija bħal tal-frawli imma ħafna ikbar. Barra l-frott, il-bdiewa kienu jimlewha bil-patata u bit-tuffieħ t'Adam. Billi kienet naqra kbira ġie li sejħulha qartalla, imma l-qartalla kienet tkun akbar ngħidu aħna l-qartalla ta' l-għeneb, li hi qoffa bl-udieni u l-qartalla tat-tiġieġ, mimduda fuq il-karettun tal-kumpratur li kienet tingħalaq bl-għatu.

It-tadam barra fil-bixkilla tal-frott kien hemm min jimlieh fil-meżeż. **Il-meżża**, iżgħar minn qartalla, imma bħalha, kienet tkun bl-udieni, filwaqt li kienet titla' għad-dritt bħal bixkilla tal-frott.

Għall-ħass u l-indivja kien hemm **il-qoffa ta' l-għalf**. Qoffa tkun iżgħar minn qartalla, bil-fomm usa' mill-qiegħ u taqbadha mill-udieni, waħda kull naħa. Il-qoffa ta' l-għalf, il-bdiewa kienu jqattgħu fiha l-għalf għall-bhejjem. Kienu jqegħduha taħt il-minġla, bħal serrieq ġej għat-tond, u fiha jixħtu s-silla, qasbija, furrajna u qamħirrum li kienu jqattgħu bil-minġla mwaħħla f'ħolqa mal-ħajt. Fiha kienu jqattgħu wkoll il-weraq ta' dindja, il-pal tal-bajtar tax-xewk, b'sikkina ta' l-Għarb. Fil-qoffa ta' l-għalf kienu jressqu wkoll il-bajtar tax-xewk.

### Il-Qatt

Il-ħaxix bħall-karfus, il-basal u t-tewm aħdar, kif ukoll il-ġdur u l-qaqoċċ kienu jorbtuhom qatt bl-irbat li kien ikun qamħ maħsud bis-sbul għadu ħalib li kienu jfarfruh billi jdoqquh, iħabbtuh ma' ġebla u l-ħbub jagħalfuhom lit-tiġieġ. Billi kienu jdoqquh kienu jgħidulu mdaqq.

Biex huma u jorbtu ma jinqatax l-imdaqq kienu jxarrbuh ħa jirtab. Għall-qatt il-kbir kienu jorbtu ħakma mdaqq ma' oħra min-naħa tas-sbul, in-naħa rqiqa f'saħħitha li ma tinqasamx. Qatta kbira, ngħidu aħna l-basal aħdar, it-tewm tal-werqa, il-kurrat u l-fiġel, kien ikun fiha qatt ieħor iżgħar biex tal-ħwienet iqattgħuh waħda waħda.

Il-qatt kienu jibnuh ħażżieqa kontra l-oħra ħalli ma jmurx jinstaram. Ngħidu aħna l-irjus tal-qaqoċċ ma kenux jiġu kollha fuq naħa waħda. Hekk ukoll dawk tal-basal u x'naf jien, qatta żgħira tkun tmur kontra l-oħra. Qatta ġidra kienet tieħu tmintax-il waħda bil-weraq b'kollox, marbutin tlieta tlieta kontra xulxin.

### Ix-Xkejjer

Għaż-żrieragħ, bħall-ful, il-piżelli, il-ġulbiena u l-legumi oħra li kellna dari bħaċ-ċikkarda u l-widna, kif ukoll il-patata u l-basal tar-ras, maż-żebbuġ fi żmienu, kont issibhom fix-xkejjer tal-wejba jew ċrieneu. Iktar ma tinżel 'l isfel, il-pitkal, ix-xkora kien ixammarha biex ta' ġo fiha x-xerrej jarah sew.

Il-ful kien hemm minnu abjad jew ikħal kollu. Imma l-kotra tal-bdiewa kienu jħalltuhom ma' xulxin. Biss kien ikun hemm bdiewa dutturi li l-ful ikħal tagħhom tant kien ikun ikħal karg li tħares lejh kont tarah iswed.

Il-patata barra tax-xitwa li kienet tinqala' għal San Niklaw u għalhekk hemm il-qawl: "Min jixtri l-bikrija jkollu jiżen il-ħamrija", kien ikun hemm tas-sajf, li tilħaq għal San Ġorġ ta' dari. Kien hawn ukoll il-patata ta' kull staġun fis-saqwi biss, bil-qoxra kaħla. Mal-patata tal-qatgħa bajda u tas-safra kienet dehret ukoll ta' għajnha ħamra.

*(Jissokta)*

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Attivitajiet Reċenti u Proġetti Ġodda fir-raħal ta' l-Għarb

**Jikteb David Apap, Sindku ta' l-Għarb**



**L-Infiorata**

*X'inhi l-Infiorata u kif oriġinat fl-Għarb?*

L-*Infiorata* tikkonsisti f'tapit ikkulurit magħmul minn fjuri friski u weraq maqtugħin u rranġati biex jiffurmaw diversi disinni. L-*Infiorata* hija tradizzjoni qadima tar-raħal ta' Gerano li ilu ġemellat mal-Għarb sa mill-2002. F'dan ir-raħal insibu li din it-tradizzjoni hija l-eqdem waħda fl-Italja li tmur lura għas-seklu 17. Fuq inizjattiva tas-Sindku David Apap l-*Infiorata* bdiet issir ukoll ġewwa l-Għarb fl-okkażjoni tal-festa tal-Viżitazzjoni. L-ewwel *Infiorata* fl-Għarb saret fis-sena 2003.

*Meta jibdew il-preparamenti u x'isir fil-ġurnata tal-festa?*

Il-preparamenti sabiex issir l-*Infiorata* jibdew xhur qabel l-avveniment. Il-Kunsill jagħżel it-temi tad-disinn tal-*Infiorata* skond suġġetti marbuti mas-sena jew anniversarji. L-artist żagħżugħ Ruben Camilleri Cauchi jipprepara d-disinn.

Meta tasal il-ġurnata tant mistennija tal-festa sa minn kmieni wara nofsinhar għadd ta' voluntiera oħra kbar u żgħar jiltaqgħu fuq iz-zuntier tal-knisja fejn jibdew iħejju l-preparamenti u t-tpoġġija tal-fjuri. L-*Infiorata* titlesta eżatt sabiex il-purċissjoni bl-istatwa tal-Viżitazzjoni tgħaddi minn fuq dan it-tapit.

L-*Infiorata* ta' l-Għarb kienet l-ewwel *Infiorata* li saret fil-gżejjer Maltin, fil-fatt insibuha mniżżla fil-*Malta Book of Records and Firsts* li ġie ppubblikat fl-2006 minn Frans A. Attard.

***Jum l-Għarb - 29 ta' Awissu, 2007***

Waħda mill-attivitajiet annwali li tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali matul is-sena hija Jum l-Għarb. Din l-attività tiġi ċċelebrata fid-29 ta' Awissu, il-ġurnata li tfakkar il-waqfien tal-Parroċċa ta' l-Għarb (29/08/1679). Din il-ġurnata l-Kunsill ifakkarha b'serata ta' attivitajiet li tibda b'quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali segwita b'serata kulturali li tkun tinkludi talent lokali kif ukoll mistiedna speċjali. Waqt is-serata jsir ukoll għotjiet ta' rikonoxximenti fosthom Premju Għarb, Premju Qlub Ġenerużi u *The Għarb Gozitan Cultural Award.* L-attivitajiet li jkunu miftuħa għal kulħadd jibdew fis-7.30pm. Kulħadd huwa mistieden.

***Website tal-Kunsill www.gharbnet.com***

Il-Kunsill Lokali Għarb reċentement nieda s-sit elettroniku ġdid tiegħu www.gharbnet.com. Dan is-sit, li jkun aġġornat regolarment jinkludi informazzjoni utli dwar il-Kunsill u l-lokalità, fosthom avviżi, attivitajiet, korsijiet u offerti tal-Kunsill fost l-oħrajn. Kulħadd huwa mistieden iżur dan is-sit u l-Kunsill jilqa' kummenti/suġġerimenti fuq l-email gharb.lc@gov.mt

EQUALABEL

Co-funded by the European Commission.
Community framework strategy on gender equality. Employment, social affairs and equal opportunities DG (VP/2005/20)

***Proġett Equalabel***

Il-Kunsill Lokali Għarb qed jieħu sehem fi proġett Ewropew bl-isem 'Equalabel'. Dan huwa proġett ta' riċerka li ġie mwaqqaf sabiex titfassal strateġija biex tippromwovi l-ugwaljanza u opportunitajiet indaqs fis-servizzi pubbliċi offruti fuq bażi lokali. Il-Kunsill huwa wieħed mill-*partners* f'dan il-proġett flimkien ma' pajjiżi differenti ta' l-Unjoni Ewropeja fosthom Spanja, l-Italja, Greċja, l-Ingilterra, l-Iżvezja u l-Portugall. Il-Kunsill qiegħed jaspira li flimkien mal-gruppi l-oħra jintlaħqu ċerti miri biex jgħinu lil dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizzi pubbliċi lokali. Sit elettroniku tal-proġett www.equalabel.eu

Il-Kunsill Lokali Għarb kien l-ewwel Kunsill f'Malta u Għawdex li rċieva fondi mill-Unjoni Ewropeja taħt il-fondi strutturali għal Malta 2004-2006. Il-finanzjament ta' Euro 146000 ingħata għall-proġett ta' rijabilitazzjoni ta' Wied il-Mielaħ. Permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill kellu l-opportunità li jwettaq l-ewwel fażi ta' dan il-proġett fejn saru dawn ix-xogħlijiet:-

- Tneħħija ta' 10,850$m^3$ ta' materjal ta' kostruzzjoni mill-Wied.
- Tneħħija ta' 1207$m^3$ ta' ħamrija fertili mill-Wied fejn din ġiet imqegħda u re-depożitat fl-għelieqi ta' madwar għal skopijiet agrikoli.
- Bini mill-ġdid ta' 4255$m^2$ ta' ħitan tas-sejjieħ li kienu imwaqqgħin.
- Involvimenti u parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet differenti fosthom tfal ta' l-iskola, bdiewa, membri tal-*Gozo Tourisim Association* u *Gozo Business Chamber*.
- Promozzjoni fuq il-medja lokali.
- Żieda ta' attività agrikola fl-*area* kollha biex issir iktar aċċessibbli.

Fil-futur qarib, iż-żona ser tkun qed tibbenefika minn proġett ieħor Ewropew, proġett li ser ikun implimentat mill-Ministeru għal Għawdex, dak tat-trattament tad-dranaġġ sabiex id-dranaġġ ma jibqax jintefa' fil-baħar f'Wied il-Mielaħ. Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli jtejjeb l-ambjent ta' l-inħawi u jżid l-għarfien u l-apprezzament lejn dan il-post ta' ġmiel naturali uniku.

Wied il-Mielaħ Project

Restoration and Management of Storm Water



Project Part-Financed by the European Union under the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
*European Regional Development Fund*
*Co-Financement Rate: 73%*

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Sr. Marċellina Tabone

## *Issagrifikat ħajjitha (2)*

Il-mewt ta' Sr. Marċellina ħasdet lil kulħadd. Iżda żgur li din il-ġrajja ma tistax tgħaddi bla ma nagħmlu ftit riflessjonijiet spiritwali.

Fl-omelija li għamel Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, dakinhar Isqof ta' Għawdex, fisser il-ħidma ta' Sr. Marċellina b'dan il-mod. Spjega li f'ħajjitha għamlet tliet sagrifiċċji. L-ewwel wieħed kien meta hija ħalliet id-dinja u daħlet soru mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Permezz tal-voti reliġjużi hi diġà tat prova ta' mħabba kbira li kellha lejn Alla. Huwa fisser ukoll li San Tumas ta' Aquino jgħidilna li wara l-martirju, ma hemmx prova aktar ta' mħabba minn meta persuna tagħmel il-voti reliġjużi tal-faqar, ubbidjenza u kastità. It-tieni sagrifiċċju għamlitu meta hija tat il-kunsens biex tmur fl-art tal-missjoni, fejn il-perikli u d-diffikultajiet ma humiex ftit. It-tielet sagrifiċċju li għamlet Sr. Marċellina kienet meta ħajjitha ġiet sagrifikata. Huwa fisser li: "Is-sagrifiċċju ta' Sr. Marċellina ma huwiex sagrifiċċju inutli. Imma fil-pjan ta' Alla hu għandu tifsira profonda."

Żied jgħid li l-mewt ta' din ir-reliġjuża tiswa biex iġġib ftit aktar tal-paċi fil-Pakistan u jittama wkoll li s-sagrifiċċju tagħha jiswa biex jitqanqlu vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża.

Min-naħa l-oħra Mons. Ġużeppi Mercieca, dakinhar Arċisqof ta' Malta, wkoll ikkummenta dwar din il-ġrajja. Ser nikkwota żewġ paragrafi mill-Ġens tat-18 ta' Lulju 1997: "F'diskors dwar il-qawwa ta' l-ispirtu missjunarju, Monsinjur Ġużeppi Mercieca qal li l-mewt ta' Sr. Marċellina Tabone, is-soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù li nqatlet f'Ġunju 1997 fil-Pakistan, hija konferma oħra tax-xhieda ta' mħabba u ġenerożità bla tarf li jagħtu s-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi li jikkonsagraw jew jiddedikaw ħajjithom għal servizz missjunarju lill-Knisja u lil ħuthom bnedmin, huma min huma u huma fejn huma.

F'laqgħa li kellu nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju, f'Dar l-Emigrant, Valletta, ma' madwar 40 missjunarju Malti li bħalissa qegħdin Malta għall-btala, Monsinjur Arċisqof qal li l-ġrajja traġika ta' Sr. Marċellina turi fil-ħajja spiss tqila u diffiċli tal-missjunarju, jistgħu jfeġġu wkoll ċirkostanzi għall-għarrieda li għall-missjunarju jkunu jfissru saħansitra s-sagrifiċċju tal-ħajja."



Il-mewt ta' Sr. Marċellina tfakkarna fis-sagrifiċċji li jkollhom jagħmlu l-missjunarji; barra li jkollhom iħallu pajjiżhom u qrabathom, ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet imwiegħra bħall-faqar u sitwazzjonijiet politikament instabbli. Mhux ta' b'xejn li ta' kull sena numru konsiderevoli ta' missjunarji jħallu ħajjithom f'dawn l-artijiet tal-missjoni.

Kien Sidna Ġesù Kristu stess li fl-aħħar diskors lid-dixxipli qal: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15, 3). Għalhekk il-mewt ta' Sr. Marċellina ma hijiex xi ħaġa inutli iżda skond il-pjan ta' Alla li għalih ma hemmx kumbinazzjonijiet.

F'dinja li qiegħda ssir aktar materjalista, u fejn kulħadd ifittex li joqgħod komdu, Sr. Marċellina tagħtina eżempju mill-aktar ħaj li għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex ngħinu lill-proxxmu tagħna b'mod diżinteressat - jiġifieri bla ma nistennew xejn lura.

F'dan l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' Sr. Marċellina għandna nitolbu lil Alla biex jagħtina spirtu missjunarju li l-bażi tiegħu huwa li Kristu jiġi magħruf u maħbub.

***Angelo Xuereb***




### *Is-Sena ta' San Pawl*

Benedittu XVI sejjaħ sena ġubilari mit-28 ta' Ġunju 2008 sad-29 ta' Ġunju 2009, iddedikat lil San Pawl fl-2000 sena minn twelidu. Skond il-Papa, din is-sena se tkun tista' ssir b'mod speċjali f'Ruma, fejn sa minn għoxrin seklu hu kkonservat, taħt l-artal papali tal-Bażilika ta' San Paolo fuori le Mura is-sarkofagu, li b'parir konkordi ta' l-esperti u bi tradizzjoni inkastrata, hemm fih il-fdalijiet ta' l-Appostlu San Pawl. Il-Papa spjega li fil-Bażilika Papali u fl-Abbazija Benedittina li tmiss magħha u li ġġib l-istess isem, se jkunu jistgħu jsiru serje ta' ġrajjiet liturġiċi, kulturali u ekumeniċi, kif ukoll diversi inizjattivi pastorali u soċjali, kollha ispirati mill-ispiritwalità pawlina.

### *Kontra kull ipotesi ta' Ewtanasja*

Miġbura f'Udine, l-Italja, mis-7 sal-10 ta' Lulju, kważi l-103 president ta' l-Ordnijiet provinċjali, bħala rappreżentanti ta' aktar minn 400 tobba li jappartjienu lill-FNOMCEO (Federazzjoni nazzjonali ta' l-Ordnijiet tat-tobba kirurgi u ta' l-odontojatri), varaw dokument li jwarrab nettament kull ipotesi ta' ewtanasja. Fid-dokument tal-Kunsill Nazzjonali fuq tmiem il-ħajja, imxerred fil-11 ta' Lulju, fl-artiklu 17 hemm il-"le" ċar għall-ewtanasja: "It-tabib, anke fuq rikjesta tal-marid, ma għandux jeffettwa anqas jiffavorixxi trattamenti finalizzati biex jipprovokawlu l-mewt" anqas "jista' jabbanduna l-marid meqjus li ma jistax ifiq".

### *10 Kmandamenti għal fuq it-triq*

Fid-19 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill Pontifiċju għall-Migranti u Vjaġġjaturi ħareġ dokument intitolat "Orjentamenti għall-Pastorali tat-Triq". Fin-numru 61 hemm "dekalogu" għas-sewwieq: (1) Toqtolx. (2) It-triq trid tkun għalik strument ta' komunjoni bejn il-persuni u mhux ta' dannu mortali. (3) Korteżija, korrettezza u prudenza jgħinuk tegħleb ħwejjeġ li ma tarahomx minn qabel. (4) Kun karittattiv u għin lill-proxxmu fil-bżonn, speċjalment jekk hu vittma ta' inċident. (5) Il-karozza m'għandhiex tkun għalik espressjoni ta' qawwa, ta' ħakma u okkażjoni ta' dnub. (6) Ikkonvinċi bil-karità ż-żgħażagħ u dawk li m'għadhomx aktar hekk, biex ma jsuqux meta ma jkunux f'kundizzjoni li jagħmlu dan. (7) Issapportja l-familji tal-vittmi ta' l-inċidenti. (8) Laqqa' l-vittma u s-sewwieq aggressur f'waqt opportun, sabiex ikunu jistgħu jgħixu l-esperjenza liberatriċi tal-maħfra. (9) Fuq it-triq, ipproteġi l-parti l-aktar dgħajfa. (10) Ħossok responsabbli lejn l-oħrajn.

### *Iċ-Ċina taffronta esplożjoni ta' fidi*

Dokumentarju ġdid, "Alla fiċ-Ċina. Il-ġlieda għal-libertà reliġjuża", jesplora s-sigriet l-aktar kustodit taċ-Ċina: ir-reliġjon. Skond id-dokumentarju, iċ-Ċina qed taffronta twelid mill-ġdid kbir tar-reliġjon li l-awtoritajiet tar-reġim ateju m'humhiex kapaċi jikkontrollaw. Miktub u dirett minn Raphaela Schmid, Direttriċi ta' *Becket Institute* u prodott minn Yago de la Cierva ta' l-aġenzija ta' aħbarijiet televiżiva *Rome Reports*, id-dokumentarju ġie muri f'anteprima minn studenti, professuri u ġurnalisti f'Ruma. Għalkemm mhux filmat li jaffronta biss kwistjonijiet kattoliċi, id-dokumentarju fuq iċ-Ċina joffri approwċ ġdid dwar id-diviżjoni bejn il-Knisja "uffiċjali", ikkontrollata fuq livell governattiva mill-Assoċjazzjoni Patrijottika, u dik "klandestina", li tibqa' leali lejn Ruma. Id-dokumentarju jġib nies ta' twemmin reliġjuż varju taċ-Ċina li jissieltu għal-libertà reliġjuża, f'linja sottili bejn tolleranza u persekuzzjoni. Fiċ-Ċina almenu 30 % taċ-ċittadini jiddikjaraw ruħhom membri ta' xi reliġjon. Fatt li jissorprendina aktar hu li 20 mis-60 miljun ta' aderenti għall-Partit Komunista jistqarru li jappartjienu għal reliġjon.



*Novella*

*Rakkont ta' Dr Mario Saliba MD MMCFD*



# It-Telefonata

Kienet lejla xitwija minn ta' Diċembru. Ix-xita qliel ma qatgħet xejn matul il-jum kollu u sa filgħaxija kienet kesħa xxoqq l-għadam. Is-sema kien imgħobbi bi sħab tqil kulur iċ-ċomb u minn waqt għal ieħor kien jinstema' r-ragħad fil-bogħod. Ir-riħ kien jonfoħ b'saħħtu kollha u kien itajjar l-ilma tax-xita mat-twieqi u l-bibien magħluqa. It-toroq kienu baħħ min-nies u l-ħwienet kienu ilhom li għalqu. Minn barra kont tilmaħ xi dawl ħiereġ minn xi xaqq fil-persjani jew minn taħt il-bieb ta' barra.

It-tabib tar-raħal kien għadu kemm lesta l-aħħar vista għal dak il-jum. Huwa kellu ħwejġu għasra meta daħal id-dar u kien għajjien mejjet. Għat-tabib kienet waħda minn dawk il-ġranet li sa minn kmieni filgħodu uriet x'ser tagħti, kemm f'dak li huwa temp u anke f'dak li hu xogħol. Dakinhar kollox kien donnu ġej kontra u iktar ma ried jeħles kmieni iktar inqalagħlu xogħol.

L-iktar ħaġa li kien jixtieq kien li jneħħi dawk il-ħwejjeġ imxarrba, jieħu doċċa sħuna u joqgħod ftit ħdejn uliedu u martu. Bil-għejja li kellu ma tantx kellu aptit jiekol imma bejn l-insistenza ta' martu u l-ikel bnin li ħejjiet għall-familja kollha kiel bil-qalb. Wara l-ikel intasab quddiem il-fuklar taċ-ċumnija tas-sala jilgħab ma' ibnu ta' 5 snin u bintu ta' 7 snin. Dan il-ftit ħin mat-tfal għat-tabib kien ħin li jiswa d-deheb. Anke martu kienet tieħu gost taraħ jilgħab mat-tfal wara li jkun ilu ġurnata sħiħa barra mingħajr ma jarahom. Meta jiddawwar ma jidħol u ma jirnexxielux jara lit-tfal imqajmin, ikun l-ikbar kastig għalih. Hu jkun qisu lanqas ħadem dakinhar u jidħol jorqod imdejjaq. Martu kienet tifhem dan kollu u tipprova idderrilu kemm tiflaħ u tgħidlu li huwa qed jagħmel id-dover tiegħu lejn il-pazjenti tiegħu u lejn il-familja. Iżda huwa kien jirrispondiha billi jgħidilha li hu qed jonqos mid-dmir tiegħu lejn it-tfal.

F'dik illejla t-tfal kienu nġabru kmieni minħabba l-maltemp u bilkemm laħaq rahom meta sabhom ġa kważi raqdu. Martu, biex tagħmillu l-kuraġġ, kienet żguratu li dik illejla mhux ser iċemplulu. Kienu ġa daqqew l-għaxra meta l-misħut telefon beda jċempel. It-tabib bħal ġieħ f'moħħu biex ma jirrispondihx. Imma t-tabib kien l-uniku tabib f'dawk l-inħawi u n-nies kienet tħobbu u tirrispettah ħafna. Huwa għalhekk kien iħoss ċerta responsabbiltà. Għal ftit ta' sekondi ġismu bħal donnu ma setax jiċċaqlaq bil-għejja u n-ngħas li kellu, imma mbagħad qam minn fuq is-sufan biex jirrispondih filwaqt li ħares lejn martu bħal donnu ried jgħidilha: "Qed tara kemm iħalluni kwiet!"

Vuċi ta' mara nstemgħet tgħidlu biex kemm jista' jkun imur malajr fid-dar tagħha għax kellha lill bintha magħdura sew. It-tabib ipprova jevita dik il-vista u wegħidha li jmur l-ewwel xogħol l-għada filgħodu. Iżda l-mara insistiet li bintha kienet ħażin u kellha bżonn l-assistenza tiegħu dik illejla stess. It-tabib reġa' qallha li issa kien għamel il-ħin sew u jekk jista' jkun ma xtaqx li jmur dik illejla. Il-mara min-naħa tagħha kompliet tinsisti u għalhekk it-tabib kellu jirrendi għat-talba tal-mara u jmur.

Meta wasal qrib id-dar fejn indikatlu l-mara ħaseb li kellu xi żball fl-indirizz. Id-dar kienet fi dlam ċappa u ma kontx tara xaqq ta' dawl ġej minn ġewwa. Huwa ċċekkja mill-ġdid l-isem li kellu fuq il-karta li kiteb u meta ra li kien l-istess, beda jċempel il-qanpiena tal-bieb. Mal-ħoss tal-qanpiena beda ġej nbiħ qawwi u kontinwu ta' xi tlett iklieb f'daqqa. Huwa beda jinkwieta u ħaseb li kellu xi żball u ġie f'post ħażin. Kienu għaddew xi ftit minuti meta sema' l-bieb jitbexxaq u mara anzjana ttawlet biex tara min kien hemm dak il ħin. Wara l bieb fid

dawl baxx ta' l-intrata kien hemm mara anzjana liebsa libsa twila sewda u xall iswed madwar rasha. Hija kellha xagħra griż u kienet liebsa nuċċali bil-ħġieġ tond. Mingħajr ma semmgħielha jew saqsiha xejn, it-tabib baqa' dieħel għal ġewwa u wara li għadda minn żewġt ikmamar kbar sab raġel m'għola hawn baxxut ħdejn tfajla ta' xi tmintax li kienet mitfuha fuq sufan. Fid-dawl bati li kien hemm, it-tfajla kienet tidher magħdura ħafna. Wiċċha kien abjad karti u n-nifs kien mgħaġġel. Għajnejn it-tfajla kienu baxxi u ħarsitha kienet mitluqa kważi kienet tidher rieqda. Il-missier kien bilqiegħda ħdejha ċċassat lejha, rasu baxxuta jżommilha idha bejn idejh it-tnejn. Meta sab lit-tabib fuqhom bħal inħasad. Huwa staqsa lit-tabib min kien u t-tabib miblugħ qallu li huwa ġie biex jara lit-tifla. Ir-raġel qal lit-tabib li huwa ma kien bagħat għal ħadd. It-tabib iktar tħasseb u issa kien konvint li ġie f'post ħażin imma peress li xorta sab persuna marida, id-dover tiegħu kien li jara x'jista' jagħmel għaliha.

It-tabib resaq iktar fil-qrib u talab lill-missier biex iġib ftit iktar dawl qrib. Huwa qabad il-polz tat-tfajla f'idejh u mill-ewwel intebaħ li kien għajjien u mgħaġġel. It-tfjala kienet qiegħda f'xokk u jekk ma ssirx xi ħaġa malajr kienet fil-periklu li tmut. Meta t-tabib feraq ix-xagħar twil u dehbi tat-tfajla huwa ntebaħ bil-kawża kollha tal-mard. Fuq naħa waħda tal-għonq, wara widintha x-xellugija, it-tfajla kella għoqda kbira li kienet qed tgħafas fuq l-arterja prinċipali tal-għonq. It-tabib eżamina din in-nefħa u meta żgura li ma kienitx parti mill-arterja tal-għonq huwa rrejalizza li kienet forma ta' tumur li aktarx kien mimli materja. It-tabib sab ruħu f'dilemma x'jaqbad jagħmel. Huwa ma riedx li waħdu, 'l bogħod mill-isptar, f'dik il-lejla xitwija jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn wara li jibda intervent ma jkunx jista' jkompli u l-pazjenta tmutlu. Huwa kien ċert li missier it-tfajla kien joqtlu fil-post! Minn naħa l-oħra lanqas setgħa jħalli lit-tfajla f'dik il-kundizzjoni bit-tumur jgħafas fuq l-għonq. Għalhekk jagħmel x'jagħmel xorta kien ser ikun fil-għawġ u għalhekk ried jieħu deċiżjoni mill-iktar fis. Fetaħ il-bagalja u firex il-ftit għodda li kellu fuq siġġu fil-qrib tiegħu. Huwa poġġa qrib għonq it-tfajla u b'delikatezza kbira qasam il-ġilda u beda dieħel fil-laħam tal-għonq. Għall-ewwel xejn ma ried joħroġ u għalkemm baqa' dieħel iktar fil-fond ma ġara xejn. Hawn beda jxoqq l-għaraq għalih u beda jimmaġina l-agħar ħaġa li tista' tiġrilu, dik li jmiss l-arterja tal-għonq u t-tfjala tmut żvenuta. Hekk kif kien ser jaqta' qalbu, subgħajh sodi bħal daħlu ġo toqba u minnufih bdiet ħierġa materja magħquda. Hawn it-tabib ħa r-ruħ u issa xogħolu kien faċli. Huwa naddaf il-ferita sewwa u neħħa l-materja kollha li kien hemm permezz ta' speċi ta' kuċċarina tawwalija. Fid-dawl batut li kien hemm ra li kollox kien nadif u f'postu u ma kienx hemm demm ħiereġ. Huwa mbagħad xappap b'garża mxarrba bil-odju u għalaq il-ferita permezz tal-punti. Dan kien l-iktar intervent kirurġiku diffiċli li qatt għamel u Alla biss jaf kif irnexxa. Moviment żgħir ħażin kien jista' jfisser il-ħajja ta' dik it-tfajla u t-tmiem ta' ħajtu ukoll jew tal-karriera professjonali tiegħu. It-tfajla wara ftit tal-minuti bdiet tieħu r-ruħ. Issa kienet iktar alerta u wiċċha beda jieħu l-kulur. Hija bdiet tiċċaqlaq u bdiet tħares madwarha biex tara min kien hemm ħdejha.

L-atteġġament tal-missier issa tbiddel kompletament. Huwa qam minn fuq is-siġġu li ntasab fuqu waqt dawk il-mumenti ta' taqtigħ 'il qalb u resaq lejn bintu. Huwa kellu wiċċu jixgħel bil-ferħ issa li bintu qalbet għall-aħjar. Huwa ħa b'idejn it-tabib u tah ħarsa ta' ringrazzjament. Huwa wiegħdu li jibqa' jafulu ħajtu kollha għal dak li għamel ma' bintu dak il-lejl. It-tabib qallu li kieku ma kienx għat-telefonata ta' martu huwa mhux qiegħed hemm. Hawn ir-raġel ħares lejn it-tabib konfuż. Huwa qallu li martu kienet ilha mejta ħames snin. Hawn it-tabib spjegalu kif huwa kien irċieva telefonata biex jagħmel il-vista lil bintu. Il-missier qallu li dik l-anzjana kienet iz-zija tal-mara u kienet muta u truxa! It-tabib issa beda veru jitħawwad u insista mar-raġel li huwa kien għandhom għax irċieva telefonata minn għand mara li huwa kien ċert li kienet omm it-tfajla għax hija stess kienet qaltlu. Hawn ir-raġel reġa' poġġa fuq is-siġġu u għax bħal donnu kien ser iħossu ħażin. X'ħin stejqer ftit, huwa stqarr mat-tabib li martu kienet mietet f'dik l-istess kamra eżatt ħames snin ilu u ma kienx raha tabib!

Wara dik l-esperjenza, it-tabib ma raqadx dak il-lejl bejn bl-eċċitament tas-suċċess tal-operazzjoni u bejn dak kollu li għadda minnu, speċjalment it-telefonata misterjuża u l-istqarrija ta' missier it-tfajla. Huwa ma kienx jaf x'ser jagħmel jekk iżommx kollox mistur jew inkella imurx għand l-isqof tal-post u jgħidlu b'kollox. Huwa beda jibża' għax huwa ma kienx bniedem li jemmen bl-ispirti u bl-okkult. Għalih, bħala bniedem tax-xjenza, dawn kollha kienu ħmerijiet, imma llum, wara dak li għadda minnu hu stess, beda jaħsibha xorta oħra sakemm waslet ittra ma' tal-posta. Din l-ittra kienet indirizzata urġenti u personali. Kienet mingħand il-ħabiba ta' dik it-tfajla li kitbitlu biex tirringrazzjah ta' dak kollu li għamel mal-ħabiba tagħha u tiskuża ruħha li skomodatu dak il-lejl. Hija spjegatlu li kieku ma għamlitx ta' bir-ruħha omm it-tfajla, il-missier ma kienx ser iċempel lit-tabib f'dik il-lejla u għalhekk il-ħabiba għażiża tagħha kienet tmut!

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis



***Mimdudin***

1. Il-qaddis ta' Malta (3, 4)
7. Ir-raħal f'Għawdex ta' San Pietru u San Pawl (5)
8. Ir-raħal f'Għawdex ta' l-Għajn il-Kbira (7)
9. Mhix eżatt il-frotta ta' Eva, iżda bil-Malti tiġi minnha (6)
11. Ħu Mosè, is-saċerdot (5)
13. Hekk għamlu l-ħamimiet li bagħat Noe mill-arka (4)
14. Mhux blandun, imma kważi, u jista' jżejjen l-altar (7)
15. Fit-tieġ ta' Kana, imlew il-ġarar bl-ilma sax-xfar, imbagħad qallhom Ġesù: "erfgħu ______ u newlu lir-rajjes tal-mejda." (4)
16. Lejliet festa kbira (5)
17. Hekk kienu dirgħajn Eżaw, iben Iżakk (3, 3)
21. L-ewwel nofs ta' Ġona... u "fihom" (2, 5)
22. Hu li waqqa' l-ewwel ġenituri (5)
23. Fost it-tliet ulied ta' Adam u Eva, Kajjin, Abel u Set, hekk kien Abel (7)

***Weqfin***

2. L-aħħar ktieb tal-Kotba Mqaddsa (10)
3. Hemm issib il-lentijiet biex tara 'l bogħod; kellhom bħalha s-Slaten Maġi (2, 6)
4. San Pawl isemmi l-kuruna li kienu jingħataw l-atleti fi żmienu u li kienet tinxef għaliex kienet tkun minsuġa mill-weraq ta' din is-siġra (4)
5. In-numru ta' San Ġwann fost l-Evanġelisti (4)
6. Waħda mix-xbihat fuq l-oqbra ta' l-ewlenin insara (4)
9. Mhix kalċ iżda reċipjent (5)
10. Il-bajja ta' San Pawl fil-gżira Għawdxija (10)
12. L-annimal manswet ta' l-Għid (5)
13. Hekk ikun ġralek kieku int Iżraelit u tkun kilt il-laħam tal-ħanżir (8)
18. Ir-ras ta' Sansun, Matusalemm , Iżrael, Neħemija u jiżen ħafna (4)
19. Il-qabar fejn Ġużeppi minn Arematea qiegħed il-Ġisem ta' Ġesù kien ġdid. Mela ma kienx hekk (4)
20. Meta tela' fuq is-Sinaj, Mosè kien waħdu. Mela kien hekk. (4)

**TISLIBA - Awissu - Settembru 2007**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Post Code* ____________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Settembru 2007. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**David's Bakery Caterers**

**Il-Kwalità l-ewwel!**

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# *Jintemm staġun ta' suċċess għal Youth FA Għawdxija*

Il-Youth FA Għawdxija għal sena oħra irnexxielha ttemm staġun ieħor mimli kampjonati u kompetizzjoni oħra f'diversi kategoriji.



Bħala *champions* tal-Kampjonat Pepsi Cola ta' taħt is-16-il sena, spiċċaw Kerċem Ajax immexxija mill-*coach* Louis Grech. Dan il-kampjonat intlagħab fuq format ġdid, fejn it-timijiet wara li lagħbu kontra xulxin fuq bażi ta' rawnd wieħed, inqassmu f'żewġ *pools* fejn l-ewwel erba' timijiet klassifikati lagħbu fiċ-*championship pool*. Din il-fażi kienet mill-iktar interessanti b'Kerċem jispiċċaw fuq quddiem b'punti massimi minn għaxar logħbiet. Fl-istess kategorija saru żewġ kompetizzjonijiet oħra u hawn ukoll Kerċem urew li kienu l-aħjar tim. Fil-fatt fil-BOV Cup Kerċem wara li eliminaw lil SK Victoria u Xewkija, fil-finali huma rebħu 6-5 bil-*penalties* wara li anke sa tmiem il-ħin barrani l-iskor baqa' ta' 1-1 kontra Victoria Hotspurs. Fil-kompetizzjoni l-oħra, dik ta' *Joe Portelli Projects*, Kerċem wara li ssuperaw lil Xewkija u Xagħra, fil-finali rebħu 2-1 lill-istess *Victoria Hotspurs*.



Bħala *champions* tal-Kampjonat APS ta' taħt l-14 il-sena spiċċaw Ghajnsielem wara sfida qawwija minn Nadur. Fil-fatt wara li ż-żewġ naħat spiċċaw indaqs f'ras il-klassifika, Għajnsielem immexxija mill-*coach* Alex Spiteri rebħu d-*decider* bl-iskor ta' 2-0, b'*goals* ta' Gabriel Cordina u Kenny Hili. Fl-HSBC Cup, *Victoria Hotspurs* wara li għelbu l-isfidi ta' Sannat u Xagħra, rebħu 3-0 fil-finali kontra Nadur. Fin-KO l-oħra għall-istess kategorija ħarġu rebbieħa *Nadur Youngsters* meta għelbu 4-2 fil-finali lil Għajnsielem. Biex waslu s'hawn, Nadur kienu eliminaw lil Xewkija u SK Victoria.



Il-kategorija ta' taħt it-12 il-sena rat lil *Nadur Youngsters* immexxija mill-*coach* Joe Portelli, jiċċelebraw meta spiċċaw *champions* bla megħluba fejn rebħu 13 u ġew *draw* fit-tlieta l-oħra biex spiċċaw b'punt vantaġġ fuq Għajnsielem.

Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tagħha, tim rappreżentattiv għawdxi ta' taħt it-12 sena ser jieħu sehem f'*tournament* internazzjonali f'Lulju li ġej fi Plovdiv il-Bulgarija.

Il-*Youth FA* Għawdxija tixtieq tirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu, biex dan l-istaġun reġa' kien wieħed mill-aħjar għall-Assoċjazzjoni Għawdxija. Fost dawn hemm l-i*sponsors* il-Pepsi Cola, BOV Bank, *Joe Portelli Projects*, APS Bank, HSBC Bank, Coca Cola u l-Maltacom.

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274



# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*







## 3. Marsalforn







*Marsalforn dik il-bajja sabiħa*
*Marsalforn dik il-Mekka sajfija,*
*Marsalforn inti ġawhra mill-aqwa*
*Illi żżejjen dil-gżira Għawdxija.*

*Inti mgħammar b'lukandi u bini,*
*Fejn jiltaqgħu l-Għawdxin u l-Maltin,*
*U fejn jiġu biex jieklu t-turisti*
*Li jżuruna fil-ġranet sajfin.*

*Inti tgħaxxaq bil-plajja ċagħkija,*
*U b'Għar Qawqla, id-daħla kennija,*
*U bil-ġnub kollha blat jew bir-ramel*
*Qrib il-Ponta ta' Santa Marija.*

*Marsalforn inti l-bajja qadima*
*Minfejn telaq San Pawl lejn Serquża,*
*Inti toħlom b'leġġendi mill-isbaħ*
*Għax fik seħħet elf ġrajja kurjuża.*

*Lejn il-lvant il-Qortin ta' Għajn Damma,*
*Fuq il-wied tħares lejk 'ta' Merżuq',*
*Fil-punent id-Dabrani u l-Qolla*
*Li jkennuk f'jiem xitwin mir-riħ fuq.*

*Marsalforn inti belt ċkejkna u ħelwa,*
*Fejn jitwaħħad il-ġdid mal-qadim,*
*Fejn f'mistrieħ hawn kull ħidma tissarraf,*
*Fejn jintemm kull inkwiet bi ftehim.*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit*

## MARSALFORN U L-INĦAWI TIEGĦU








# Tempur Pressure Relieving Mattresses and Pillows

## Healthy back

Your mattress and pillow are more important than you think. Many physical pains are caused or aggravated by unnatural sleeping positions. TEMPUR is recommended by 30,000 medical professionals.

TEMPUR MATTRESS



ORDINARY SPRING MATTRESS





TEMPUR is an open cell visco-elastic, temperature sensitive material that conforms to the exact contours of your body. The open cells allow air to flow through the mattress maintaining the body temperature. The spherical cell structure gently moves around the curves of your body giving you total support where you need it but with no counter pressure.

www.arcidiacono.com

BORIS ARCIDIACONO

233, Tower Road • Sliema • Phone: 2133 3638/9 • Fax: 2133 3665
Rue D'Argens • Msida • Phone: 2133 1617, 2133 7608, 2133 0273 • Fax: 2133 7179